**MALTA**

# DIBATTITI TAL-KAMRA TAD-DEPUTATI
**(Rapport Uffiċjali u Rivedut)**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 201**
**It-Tlieta, 30 ta’ Jannar, 2024**

**Stampat fl-Uffiċċju tal-Iskrivan**
**Kamra tad-Deputati**
**MALTA**

**Prezz €2.50**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**Seduta Nru 201**
**It-Tlieta, 30 ta' Jannar, 2024**

**Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament,**
**il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.**

**Talba**

**Seduta Nru 201**

**It-Tlieta, 30 ta' Jannar, 2024**

**WERREJ**


MINUTI ..... 1

INFORMAZZJONI MIS-SEDJA ..... 1

MISTOQSIJIET - TWEĠIBIET ORALI ..... 1

TQEGĦID TA' KARTI ..... 7

KUMITATI PERMANENTI ..... 9

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA ..... 9

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-LIĠIJIET DWAR IL-KOMUNIKAZZJONIJIET (It-Tielet Qari)

COMMUNICATIONS LAWS (AMENDMENT) BILL (Third Reading) ..... 9

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-ORDINANZA DWAR IĊ-ĊERTIFIKATI TAL-KONDOTTA (It-Tielet Qari)

CONDUCT CERTIFICATES ORDINANCE (AMENDMENT) BILL (Third Reading) ..... 10

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA LIĠIJIET VARJI DWAR L-ARREST U D-DETENZJONI MILL-PULIZIJA (It-Tielet Qari) ..... 10

VARIOUS LAWS RELATING TO POLICE ARREST AND DETENTION (AMENDMENT) BILL (Third Reading) ..... 10

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA VARJI LIĠIJIET DWAR IR-RIKAVAT MILL-KRIMINALITÀ (It-Tielet Qari)

VARIOUS LAWS RELATING TO PROCEEDS OF CRIME (AMENDMENT) BILL (Third Reading) ..... 11

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA LIĠIJIET VARJI DWAR IL-KIRJIET RESIDENZJALI PRIVATI (It-Tieni Qari, Kont.)

PRIVATE RESIDENTIAL LEASES (AMENDMENT) BILL (Second Reading, Cont.) ..... 11

PERMESS TAL-KAMRA ..... 30

MOZZJONIJIET

SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA ..... 31

SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ ..... 31

SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI ..... 32

SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI DWAL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI ..... 32

SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AMBJENT, IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP ..... 33

SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI DWAR IS-SAĦĦA ..... 33

SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI TAL-KONTIJIET DWAR L-UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA ..... 34

SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-KONTIJIET PUBBLIĊI ........ 34

SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI GĦALL-AFFARIJIET ........ 35

TA' GĦAWDEX ........ 35

SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI ........ 35

SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FID-DELEGAZZJONI PARLAMENTARI MALTIJA GĦALL-ASSEMBLEA PARLAMENTARI TAL-UNJONI GĦALL-MEDITERRAN ........ 36

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA LIĠIJIET VARJI DWAR L-ARREST U D-DETENZJONI MILL-PULIZIJA (It-Tielet Qari)
VARIOUS LAWS RELATING TO POLICE ARREST AND DETENTION (AMENDMENT) BILL (Third Reading) ........ 36

ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA VARJI LIĠIJIET DWAR IR-RIKAVAT MILL-KRIMINALITÀ (It-Tielet Qari)
VARIOUS LAWS RELATING TO PROCEEDS OF CRIME (AMENDMENT) BILL (Third Reading) ........ 38

AĠĠORNAMENT ........ 39

MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB ........ 42

## MINUTI

*Il-Minuti tas-Seduta 200, li saret fid-29 ta' Jannar2024, ġew ikkonfermati.*

## INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

**L-ISPEAKER (Onor. Anġlu Farrugia):** Inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) fil-kawża bl-ismijiet Valletta Cruise Port p.l.c. (C 26469) vs Plus Mitigate Security Limited (C 66950) et (Rikors Nru 3/2020 ISB), deċiża fit-22 ta' Jannar 2024.

## MISTOQSIJIET - TWEĠIBIET ORALI

**BORMLA – DAR IT-TAMA – FONDI GĦAT-TMEXXIJA**

**13033. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern jagħtix fondi għat-tmexxija ta' Dar it-Tama f'Bormla, u jekk iva, jgħid kemm bħala ammont?

**ONOR. RODERICK GALDES (Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli):** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tad-Djar ma tatx fondi għat-tmexxija lil Dar it-Tama ġewwa Bormla, iżda assistietha fuq xogħlijiet ta' rranġar li kellhom bżonn isiru fil-binja, liema somma ammontat għal €20,848.59.

Mis-sena 2018 'il quddiem, l-Awtorità tad-Djar assistiet ukoll lil Dar it-Tama permezz ta' sussidju fuq il-kera tal-istess residenza bi 80% fuq l-ammont tal-kirja dovuta lill-istess Awtorità.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Davina Sammut Hili, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. DAVINA SAMMUT HILI:** Sur President, matul dawn l-aħħar xhur rajna numru ta' proġetti ta' akkomodazzjoni soċjali jimmaterjalizzaw ruħhom taħt il-Housing Development Fund. Jista' l-Ministru jgħid x'inhu l-għan aħħari ta' dan il-proġett?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, tajjeb ngħid li l-Housing Development Fund twaqqaf b'risq il-komunitajiet. Normalment l-Awtorità tad-Djar tibni l-appartamenti tal-Gvern u tagħmel ħafna xogħlijiet relatati mad-djar għall-għajnuna soċjali kif ukoll għall-għajnuna ta' housing affordabbli, però aħna ħassejna li għandna nagħmlu wkoll xi ħaġa lil hinn mill-boundaries tal-Awtorità tad-Djar għaż-żoni tal-madwar biex ir-residenti jintegraw flimkien aktar malajr u jkun hemm anke ċerti faċilitajiet.

Dan il-Fond kien maħsub li jitwaqqaf anke permezz ta' fondi oħrajn li diġà kienu twaqqfu għal dan l-iskop. Hawnhekk qed nara lill-kollega tiegħi l-Eks Segretarju Parlamentari Alex Muscat li kien ħadem flimkien mal-Awtorità tad-Djar biex dawk il-fondi li kienu ġejjin minn Aġenzija Komunità Malta u Aġenzija Residenza Malta

jgħaddu lill-Awtorità tad-Djar ħalli jintużaw għall-komunità, fosthom għall-ħolqien ta' ġonna pubbliċi u proġetti ta' akkomodazzjoni soċjali biex fl-istess ħin il-Gvern jilħaq l-għan tiegħu li jkollu aktar faċilitajiet ġodda.

Pereżempju reċentement għadni kemm inawgurajt wieħed mill-isbaħ proġetti f'Bormla, li hija Dar Tereża. Dar Tereża kienet binja tal-Awtorità tad-Djar li tħalliet abbandunata għal snin twal u li kellha bżonn refurbishment qawwi. Għalhekk, aħna dehrilna li minflok ma nirrestawrawha b'dik l-ispiża kollha, jagħmel aktar sens li nagħtuha lil xi NGO biex titmexxa minnha u tipprovdilna servizz li sal-lum qatt ma ġie pprovdut f'pajjiżna. Fil-fatt konna lħaqna ftehim mal-NGO Richmond Foundation, li mhux talli għennieha tirrestawra din id-dar, talli għall-ewwel darba daħħalna f'pajjiżna kunċett ġdid, dak li jkun hemm kompetizzjoni bejn il-periti għall-isbaħ disinn ta' restawr li għandu jsir f'din id-dar. Infatti nista' ngħid li sar xogħol meraviljuż, u hawn nixtieq ngħid prosit lill-periti kif ukoll lit-tmexxija kollha tal-Awtorità tad-Djar li ħadu l-inkarigu li joħolqu dawn il-competition designs għal dan il-proġett.

Jien żort dan il-post li fih se nilqgħu madwar seba' ommijiet li jinsabu għaddejjin minn trawma u minn diffikultajiet relatati mas-saħħa mentali, fejn minflok m'aħna se nifirduhom minn uliedhom minħabba l-kondizzjoni mentali tagħhom, bħalma ħafna drabi kienet tkun il-prassi, dawn l-ommijiet se jkunu jistgħu jgħixu f'dan il-post għal numru ta' snin bil-għan li jintegraw aktar malajr sakemm finalment jerġgħu jmorru lura fil-komunità.

Proġett interessanti ieħor li sar reċentement kien Dar bla Ħitan. Sa ftit tas-snin ilu qatt ma kellna faċilità għal dawk il-ħabsin li jkunu se joħorġu mill-ħabs biex bil-mod il-mod jerġgħu jibdew jintegraw ruħhom fis-soċjetà. Għalhekk, permezz ta' dan l-istess Fond ħloqna proġett ieħor ta' housing speċjalizzat bil-għan li lil dawn il-persuni nagħtuhom ċans numru ta' xhur jew snin biex jerġgħu jsibu impjieg, jiġifieri minflok ma dawn jispiċċaw barra wara li joħorġu mill-ħabs bil-konsegwenza li jerġgħu jmorru lura għal mal-ġgajta ta' nies li kienu jagħmluha magħhom, dawn jingħataw iċ-ċans li jerġgħu jintegraw ruħhom fil-komunità.

Dawn huma t-tip ta' fondi li qegħdin nutilizzaw u li huma relatati ma' proġetti ta' akkomodazzjoni. Ta' min jgħid li permezz ta' dan il-Fond kien hemm anke għaqdiet sportivi li bbenefikaw minn proġetti relatati mal-akkomodazzjoni.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Albert Buttigieg, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ALBERT BUTTIGIEG:** Sur President, nixtieq nirreferi lill-Ministru għall-proġett li huwa maħsub li jsir f'San Ġwann minn Project Green, eżattament fejn hemm Misraħ Lewża. Niġbed l-attenzjoni tal-Ministru li mdawra ma' dan il-misraħ hemm żewġ binjiet kbar. Skont il-proġett se jitħaffer car park tliet sulari 'l isfel. Filwaqt illi hija xi ħaġa tajba li jsir car park u wieħed ma jistax ma jaqbilx magħha, jista' jekk jogħġbu l-Ministru jgħid jekk huwiex konxju li jista' jkun li l-pedamenti ta' din il-binja ma jreġux, aktar u aktar meta fil-passat kien hemm l-intenzjoni li jinbnew żewġ sulari fuq dawn il-binjiet, imma l-parir tekniku kien biex wieħed joqgħod attent minħabba dawn l-istess pedamenti? Fi ftit kliem, il-Ministru huwa konxju li t-tħaffir ta' tliet sulari 'l isfel jista' ma jkunx daqshekk sigur għar-residenti?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, jien nista' nirreferi l-każ li qed iqajjem l-Onor. Albert Buttigieg lill-Ministru inkarigat minn Project Green, li qed twettaq dan il-proġett partikolari, għax l-intenzjoni hi li l-kuntrattur u l-perit li qed iwettqu dan il-proġett iridu jagħtu kas iż-żona tal-madwar ukoll. Madankollu jien naħseb li mill-banda l-oħra m'għandniex nallarmaw ruħna għax iż-żewġ tipi ta' xogħlijiet li semma l-Onor. Interpellant, u ċjoè li tibni aktar appartamenti fuq binjiet eżistenti u li tħaffer fil-viċin, mhumiex l-istess. Kif nafu, meta tkun qed tpoġġi aktar piż fuq binja partikolari tkun qed toħloq impatt qawwi fuq l-istess binja, però li tkun qed tħaffer fil-viċin hija xi ħaġa differenti.

Jien ovvjament se nħalli f'idejn l-inġiniera biex jaraw dan il-każ huma. Jekk l-Onor. Interpellant għandu xi każ partikolari li nista' nirreferih lill-Ministru inkarigat biex nagħtu kas anke taż-żona tal-madwar, nitolbu jinformani. Però sintendi, fl-aħħar mill-aħħar dejjem huma l-periti l-persuni responsabbli mix-xogħlijiet li jagħmlu. Nimmaġina li l-periti ta' Project Green huma periti tal-Gvern ukoll u allura dawn se jwettqu xogħolhom b'aktar attenzjoni, partikolarment meta dan huwa proġett pubbliku. Għalhekk,

nistgħu nirreferu dan il-każ anke lill-Ministru konċernat.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Alex Muscat, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. ALEX MUSCAT:** Sur President, il-Ministru diġà għamel referenza għall-ftehim li kien sar mal-Awtorità tad-Djar. Matul dawn l-aħħar snin rajna li l-Awtorità tad-Djar, apparti milli tiffoka fuq xogħlijiet relatati mal-binjiet tagħha, qed tagħmel ukoll xogħlijiet lil hinn minn dawk il-binjiet, inkluż ġonna u xogħlijiet ta' tisbiħ fl-akkwata ta' dawn l-istess blokok. Pereżempju naf li qed isir xogħol fil-Housing Estate tal-Mosta u f'numru ta' areas oħrajn. Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li qed jitwettqu dawn ix-xogħlijiet lil hinn mill-binjiet tal-Awtorità tad-Djar kif ukoll jaġġorna lil din il-Kamra dwar fiex waslu dawn il-proġetti?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, qabelxejn ikun tajjeb jekk nippreċiża li r-responsabbiltà li għandha l-Awtorità tad-Djar hi li tieħu ħsieb il-binjiet tal-Gvern mill-bieb 'il ġewwa. Però minħabba li aħna konxji wkoll tal-fatt li hemm diversi oqsma tad-djar li jeħtiġilhom titjib u tisbiħ anke fiż-żoni tal-madwar, kienet saret talba biex Malta jkollha fondi Ewropej speċifikament għal numru ta' proġetti f'ċerti żoni ta' djar partikolari. Fil-fatt hawnhekk qed nirreferi għaż-żoni biswit il-housing estates tal-Mosta, tal-Marsa u ta' Santa Luċija fejn il-proġetti jinsabu għaddejjin ġmielhom. Tant hu hekk li skont informazzjoni li għandi, il-proġett li qed isir fil-Marsa għandu jitlesta x-xahar id-dieħel.

Bħala spiża ġenerali, dawn il-proġetti waħedhom swew madwar €1 miljun, jekk mhux aktar. Ta' min jgħid li permezz ta' dawn il-proġetti se naraw titjib fl-aċċessibbiltà. Ir-residenti anzjani ta' dawn l-appartamenti kienu qed ibatu minn inkonvenjent kbir minħabba li ma kellhomx aċċessibbiltà adegwata, u issa dawn il-proġetti qed itejbu l-aċċessibbiltà ta' dan il-post. Daħħalna l-element ta' playing fields, ta' landscaping kif ukoll ta' dwal aħjar biex intejbu u nsebbħu dawn iż-żoni. Fil-fatt, illum qed ingawdu l-frott tal-investiment massiċċ li għamilna fil-manutenzjoni tal-housing estates eżistenti. Qatt daqs illum ma kien hawn gvern li investa daqstant fl-assi kapitali marbuta mal-housing soċjali. Qed ngħid hekk għax apparti dawn ix-xogħlijiet, irridu nsemmu wkoll l-ammont ta' appartamenti li ngħataw dawra u ġew irranġati madwar il-pajjiż kollu tant li diġà lħaqna aktar minn 50% tal-istokk kollu li għandha l-Awtorità tad-Djar.

Apparti minn hekk, qegħdin naħsbu biex inwettqu diversi proġetti oħrajn. Naturalment dawn iridu jsiru bi pjan u mhux billi sempliċement wieħed iċempel lill-Awtorità tad-Djar u nibdew xi proġett, għax wara kollox, kif għedt diġà, ir-responsabbiltà ta' din l-Awtorità hija mill-bieb 'il ġewwa. Però bi pjan, fejn ikun hemm bżonn li nagħmlu intervent, anke permezz ta' fondi apposta, aħna nagħtu l-għajnuna tagħna sabiex intejbu l-kwalità tal-ħajja ta' dawn il-familji. Ta' min jgħid li aħna qegħdin naħdmu għal dan il-għan flimkien ma' Project Green u entitajiet oħrajn.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, forsi waħda mill-ikbar limitazzjonijiet li jista' jkollha l-Awtorità tad-Djar hija l-istokk ta' proprjetà li hemm għad-dispożizzjoni tagħha. Matul dawn l-aħħar snin ittieħdu diversi inizjattivi u miżuri sabiex din l-Awtorità jkollha stokk ikbar ta' proprjetà. Għalhekk, jista' l-Ministru jispjega aħjar il-ħidma li qed issir biex tikkumplimenta l-investiment fil-bini tal-akkomodazzjoni soċjali?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, il-mira ewlenija tal-Gvern dejjem kienet li nsaħħu l-istokk tal-Awtorità tad-Djar għax il-lista ta' stennija tal-Awtorità tad-Djar tista' tiġi eżawrita biss permezz ta' żewġ metodi partikolari, billi tinvesti fl-istokk permezz ta' bini ta' appartamenti kif ukoll billi ssaħħaħ l-istokk neċessarju. Issa dawn iż-żewġ affarijiet diġà qed isiru, u qed isiru b'mod abbundanti.

Fl-ewwel proġett ħsibna li nlestu l-ewwel 580 appartament, li fil-fatt ħafna minnhom tlestew u ġew inawgurati reċentement. Ta' min jgħid li biex il-Gvern seta' jagħmel dan l-investiment fuq artijiet li kienu ilhom diversi snin intenzjonati għal proġetti bħal dawn, huwa talab fondi u self apposta min-naħa tal-European Investment Bank (EIB) kif ukoll min-naħa tal-European Central Bank (ECB) b'rati ssussidjati. Hemm ukoll

madwar 600 appartament ieħor li qegħdin isiru min-naħa tan-National Development and Social Fund (NDSF), liema appartamenti qed ikomplu jsaħħu l-istokk tal-appartamenti tal-Gvern.

Qegħdin inkomplu noħolqu sinerġija kemm ma' entitajiet oħrajn kif ukoll fi ħdan l-istess Awtorità, biex inkomplu nsaħħu l-istokk permezz ta' riabilitazzjoni ta' proprjetà antika, imma ma waqafniex hemm. Daħħalna anke l-involviment tal-privat tant li sal-lum diġà krejna madwar 700 appartament permezz tal-iskema Nikru Biex Nassistu. Madankollu dan mhux biżżejjed, u fil-fatt nista' nħabbar minn hawnhekk li fil-ġranet li ġejjin se noħroġ sejħa oħra għal mijiet oħra ta' appartamenti li se nużawhom biex inkomplu nsaħħu l-istokk, jiġifieri biex ikollna aktar appartamenti li bihom ngħinu aktar nies li jinsabu fuq il-lista ta' stennija tal-Awtorità tad-Djar.

Il-viżjoni tagħna hi li ninvestu mhux biss fil-bini ta' appartamenti tal-Gvern iżda li ninvestu wkoll f'kirjiet ta' appartamenti mingħand il-privat, li ninvestu fir-restawr – għax għandna obbligu ambjentali li nħarsu anke lejn proprjetà antika – filwaqt li nsaħħu l-benefiċċji tal-kera, li huma essenzjali sabiex ħafna familji li jgħixu fil-kera u forsi ma jikkwalifikawx għall-għajnuna soċjali jingħataw l-għajnuna neċessarja biex jimxu 'l quddiem anke fil-kwalità tal-ħajja tagħhom.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Ivan Bartolo, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. IVAN BARTOLO:** Sur President, jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi time frame li fih se jidħlu r-residenti fil-blokki tal-appartamenti l-ġodda ġewwa l-Imsida u s-Siġġiewi?

**ONOR. MEMBRU:** Qabel l-elezzjoni!

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, ninforma lill-Onor. Interpellant li dawn huma tnejn mill-ikbar proġetti li qatt saru fl-oqsma tad-djar u skont informazzjoni li għandi, ix-xogħlijiet fuq dawn iż-żewġ blokki waslu biex jiġu finalizzati. B'differenza għal dak li kien isir fil-passat, aħna m'għadniex nibnu l-appartamenti billi nagħtuhom lagħqa ġir u ejja ħa mmorru, jew inkella billi nwaħħlu bibien ta' kwalità inferjuri sempliċement għar-raġuni li dawn l-appartamenti se jingħataw għas-social housing, għax jekk ma jkollokx immaniġġjar tajjeb, dik il-binja jew tiġi slum area jew inkella trid toqgħod tmantniha kontinwament. Sfortunatament kellna każijiet minn dawn.

Aħna daħħalna l-kunċett li l-housing irid ikun ta' kwalità. Pereżempju tajjeb naċċenna li anke l-kwalità tal-konkrit u l-materjal ieħor li jintuża jiġi ttestjat kuljum biex ma jerġax jiġri kif kien jiġri fil-passat. Fil-fatt, kellna persuni u kuntratturi li waqqafniehom għax ma kinux qed jagħmlu xogħol ta' livell. Jien kont ċar u għedt li jew isir xogħol sew jew inkella l-kuntrattur ma jitħallas l-ebda euro jekk jagħtina xogħol li mhuwiex ta' kwalità. Min-naħa tagħhom, kemm il-Malita Investments kif ukoll is-Social Projects Management (SPM) Ltd – li taqa' taħti u li qed tmexxi proġett partikolari – imxew fuq l-istess direzzjoni.

Aħna ma nistgħux naċċettaw li kuntrattur jiġi jaħdem lill-Gvern u għax tal-Gvern, jagħmel xogħol ta' kwalità inferjuri. Fil-fatt, jekk wieħed jara x-xogħol li llum qed isir fil-Housing Estate tal-Imsida, li rrefera għalih l-Onor. Interpellant, isib li dan huwa wieħed mill-isbaħ housing estates li għandna. Illum nirċievi telefonati u messaġġi fejn nies jgħiduli: Prosit Ministru, kemm ġiet sabiħa dik il-binja!

Tajjeb wieħed japprezza li binja jkollha ħafna ppjanar warajha, u qed ngħid dan għax ġieli dak li jkun jaqbad u jistaqsi: Meta se jitlesta l-appartament? Imma tafu minn xiex għaddejna sakemm wasalna biex nagħmlu dik il-binja? Dik il-binja tal-Imsida kienet qiegħda fuq sit li meta beda jitħaffer beda dieħel l-ilma baħar, u allura kien hemm ukoll ċerta inġinerija marbuta magħha. Kellna ndaħħlu wkoll struttura interessanti li jkun tajjeb jekk ngħidu ... (Interruzzjonijiet) Għax forsi mbagħad narawha fuq *Facebook* u noqogħdu nparlaw! (Interruzzjonijiet)

Inżel man-nies u mal-periti biex tkun taf x'xogħol qed isir u x'investiment qegħdin nagħmlu! Hemmhekk hemm ħażna ta' ilma li mhux biss se tintuża għall-appartamenti iżda wkoll mid-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili meta jkollu bżonn minħabba ċerti każijiet. Li nista' ngħid huwa li x-xogħlijiet fuq il-Housing Estate tal-Imsida waslu fl-aħħar, u fil-fatt ninsab informat li dik il-binja se tiġi inawgurata fil-ġimgħat li ġejjin.

L-istess nista' ngħid għall-proġett tal-Housing Estate tas-Siġġiewi. Apparti li f'dan il-każ għamilna snin nikkombattu mal-Kunsill Lokali b'maġġoranza Nazzjonalista li ma riedx dan il-proġett ta' housing soċjali, li beda jressaqna quddiem il-bord tal-appell biex jappella kull darba għall-ħruġ ta' permessi li nħarġu hemmhekk. Issa dawn il-permessi kienu nbdew fi żmien Gvern Nazzjonalista, imma għax fl-2013 inbidel il-gvern, il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ta' dak iż-żmien b'maġġoranza Nazzjonalista deherlu li għandu joqgħod jikkumbatti lill-Gvern Laburista biex ma jħallix il-housing estate jinbena, bil-konsegwenza li għamilna sena u nofs ninħlew quddiem il-bord tal-appell sakemm ħarġu l-permessi neċessarji! Issa llum din il-binja waslet fil-fażi finali tagħha, u dan minkejja li hemmhekk kellna kuntrattur ieħor li twaqqaf, ma tħallasx ta' xogħlu u kważi tilef il-flus għax ċertu xogħol ma kienx ta' kwalità.

Kif għedt diġà, jien kont ċar mill-bidu li jew isir xogħol ta' kwalità jew xejn, u għalhekk illum hemm kuntratturi oħrajn li qed jiffinalizzaw dan ix-xogħol. Mhux talli hekk, talli fil-binja tas-Siġġiewi daħħalna element soċjali wkoll, tant li għall-ewwel darba se jkollna ċentru tal-komunità tas-saħħa li permezz tiegħu se nagħtu servizz lis-Siġġiwin. Daħħalna wkoll is-servizz tat-telemedicine fejn hemmhekk numru ta' tobba se jkunu qed jagħtu s-servizz tagħhom biex iwasslu informazzjoni relatata mas-saħħa, servizz li se jibbenefikaw minnu wkoll ir-residenti tal-madwar. Dan filwaqt li matul il-ġimgħat li ġejjin se jkunu qed jidħlu diversi familji fl-għexieren ta' appartamenti li hemm fl-istess binja, għax aħna dak li nwiegħdu, inwettquh.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Naomi Cachia, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Sur President, nistgħu ngħidu li f'dawn l-aħħar għaxar snin l-iskemi li tamministra l-Awtorità tad-Djar fir-rigward ta' home ownership mhux biss żdiedu, iżda rdoppjaw. Għalhekk, jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' x'kienu dawk l-iskemi li l-aktar ikkontribwixxew sabiex ir-rata ta' home ownership f'pajjiżna tibqa' stabbli filwaqt li jgħid ukoll x'inhi l-viżjoni tal-Ministeru għal dan is-settur?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, tajjeb ngħidu li bis-saħħa tal-inċentivi li introduċejna matul dawn l-aħħar snin, illum pajjiżna laħaq l-aktar ċifra għolja fl-Ewropa f'dak li hu home ownership, dik ta' 82.6%. Dan ifisser li kuntrarjament għal dak li jgħid ħaddieħor, trid jew ma tridx dan huwa wieħed mill-aktar popli għonja li hemm fl-Unjoni Ewropea. Fil-fatt, jekk inqabblu dan il-persentaġġ ma' dak tal-Ġermanja u ma' pajjiżi oħra, insibu li l-persentaġġi huma ta' 30%, għax imbagħad il-kumplament tal-poplu, jiġifieri s-70% l-oħra, jgħixu fil-kera. M'iniex qed ngħid li kollox għamilna aħna, għax kemm Gvernijiet Laburisti kif ukoll Gvernijiet Nazzjonalisti fil-passat dejjem ħadmu biex kemm jista' jkun ikabbru r-rata ta' home ownership fil-pajjiż.

Però aħna ma nħarsux mil-lenti negattiva biss. Aħna kburin li pajjiżna wasal s'hawn, u aħna, inkluż jien bħala Ministru responsabbli mill-housing, se nkomplu ninkoraġġixxu dawk l-iskemi u l-għajnuniet li għandhom l-għan illi aktar nies isiru sidien ta' darhom. (Interruzzjonijiet)

Lill-Onor. Albert Buttigieg, li qed jgħaddi xi rimarki, tajjeb ngħidlu li mill-2013 sal-lum kien hemm 44,000 familja li saru sidien ta' darhom, jiġifieri altru milli qegħdin fit-torri tal-avorju, kif qalilna xi ħadd, jew li qegħdin ningħalqu ġo kaxxa, għax din il-figura li għadni kif semmejt tirrappreżenta n-numru ta' kuntratti li saru min-nies biex setgħu jsiru sidien ta' darhom.

Aktar minn hekk, tajjeb li nħarsu wkoll lejn l-iskemi tal-Awtorità tad-Djar. Jien informat ukoll li, pereżempju, illum ilħaqna madwar 600 familja oħra li bbenefikaw mill-iskemi li daħħalna tal-10% u tas-social loans biex saru sidien ta' darhom. Għalhekk, nistgħu ngħidu li kien hemm ammont sostanzjali ta' familji u żgħażagħ li llum il-ġurnata, bl-għajnuna tal-Gvern, saru sidien ta' darhom.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Ivan Bartolo, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. IVAN BARTOLO:** Sur President, aħna minn din in-naħa nixtiequ risposta ċara. Il-Ministru dejjem jiftaħar li llum hemm l-inqas ammont ta' persuni fil-lista ta' stennija għall-akkomodazzjoni soċjali. Jista' allura jgħidilna jekk illum l-exchange hijiex inkluża f'din il-lista wkoll?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Naħseb li qabelxejn tajjeb nipprova nifhem x'qed tistaqsini. Inti qed tirreferi għal dawk il-persuni li diġà għandhom appartament tal-Gvern, hux hekk? (Interruzzjonijiet) Mela hawnhekk qed nirreferu għal persuni li diġà ħadu l-għajnuna. Pereżempju sal-bieraħ ġiet waħda quddiemi għax tawha post xahar ilu u trid tpartat wara xahar! Huwa aċċettabbli għalik, Onor. Bartolo, li jkollna nies li jabbużaw mis-sistema tas-servizzi soċjali ta' pajjiżna?

**L-ISPEAKER:** Jekk jogħġbok ippermettili, Ministru. Meta tagħti risposta, indirizza lis-Sedja. Tista' tkompli.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, l-Onor. Ivan Bartolo qed jipprova jagħti x'jifhem lil dak li jkun li fuq il-lista ta' stennija rridu nżidu wkoll l-exchanges. L-exchanges mhumiex xi ħaġa li persuna ... (Interruzzjonijiet)

**L-ISPEAKER:** Ministru, jekk jogħġbok kompli bir-risposta. Onor. Bartolo, issa d-domanda għamiltha u ħalli lill-Ministru jwieġeb. (Interruzzjonijiet)

Ministru, jekk jogħġbok kompli bir-risposta tiegħek.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Onor. Buttigieg, tajjeb ninformak li kien Gvern Nazzjonalista li beda jneħħi l-listi ta' stennija relatati mal-exchanges u mhux aħna. (Interruzzjonijiet) Aħna żammejna l-istess sistema li għamilt inti meta kont CEO. Jiġifieri qed tgħidli li dak li kien jgħodd għalik, ma jgħoddx għalina? (Interruzzjonijiet)

**L-ISPEAKER:** Ministru, jekk jogħġbok kompli bir-risposta.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, jien għamiltha ċara li jista' jsir tpartit bejn min għandu l-appartamenti, imma li l-Awtorità tad-Djar tkun qdiet individwu, allokatlu ... (Interruzzjonijiet) Iva, għalhekk 1,500, għax id-differenza fi żmienkom, mingħajr exchanges, kienet ta' 3,500. Dik hi d-differenza, Sur President, imma dawn ma jniżżluhiex!

**L-ISPEAKER:** Ministru, jekk jogħġbok, kompli bir-risposta!

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, dawn ma jniżżluhiex li dan il-Gvern ħadem, bena l-appartamenti, kera l-appartamenti u llum bis-saħħa ta' dak l-investiment għandna l-inqas lista ta' stennija fl-istorja ta' pajjiżna.

**L-ISPEAKER:** L-Onor. Davina Sammut Hili, mistoqsija supplimentari.

**ONOR. DAVINA SAMMUT HILI:** Sur President, fl-2019 Gvern Laburista introduċa l-housing benefit. Jista' l-Ministru jispjega fiex jikkonsisti dan il-benefiċċju u kif evolva minn sena għall-oħra?

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, kumbinazzjoni llum għalaqna ħames snin minn mindu l-Gvern Laburista introduċa l-benefiċċju tal-kera. Ta' min jispjega li l-benefiċċju tal-kera jingħata skont id-dħul tal-individwu u anke skont il-kera li l-istess individwu jkun qed iħallas.

L-ewwel nett tajjeb infakkar minn fejn tlaqna. Meta kont inħtart Segretarju Parlamentari jien sibt sitwazzjoni fejn filwaqt li l-kirjiet maż-żmien kienu qed jogħlew, kien hemm persuni li kienu qed jieħdu l-istess sussidju, irrispettivament mid-dħul li kellhom u mill-ammont ta' kera li kienu qed iħallsu. Dan is-sussidju taħt Gvern Nazzjonalista kien jammonta għal massimu ta' €80 fix-xahar, filwaqt li taħt Gvern Laburista tela' għal €160 fix-xahar.

Għalhekk, jien kont insistejt li għandna ndaħħlu sistema kif hemm barra minn Malta, jiġifieri li tikkalkola l-purchasing power tal-familji. Pereżempju n-Nazzjonijiet Uniti tgħid li biex wieħed ma jaqax taħt il-livell tal-faqar bħala housing cost m'għandux jeċċedi l-40% tad-dħul kollu tiegħu. Però aħna dehrilna li għandna nniżżlu dik iċ-ċifra għal 25% biex dak li jkun, wara li jħallas il-kera fix-xahar, ikollu aktar flus x'jista' jonfoq għall-ħajja kuljum. B'hekk ħloqna l-hekk imsejjaħ Benefiċċju tal-Kera.

Sur President, illum għandna 3,300 familja li qegħdin jibbenefikaw minn din l-għajnuna u mill-2019 kull sena qed inkomplu nżidu dawn l-għajnuniet. Pereżempju, din is-sena għadna kemm introduċejna miżura li tistabbilixxi li l-inqas ammont ta' benefiċċju tal-kera li jistgħu jieħdu l-familji huwa ta' €125. Minħabba li l-

persentaġġ ta' 25% kien qed jippermetti sitwazzjoni fejn persuna tingħata €10 jew inkella €30 fix-xahar, iddeċidejna li nistabbilixxu l-inqas ammont ta' benefiċċju li wieħed jista' jieħu biex kulħadd ikun qed jieħu ammont raġonevoli. B'hekk daħħalna l-kunċett ta' €125 fix-xahar fejn il-benefiċjarji se jaraw żidiet sostanzjali.

Matul il-ġranet li għaddew għadni kemm ħabbart ukoll żidiet li jirriflettu ċ-ċirkostanzi tal-lum. Pereżempju fejn qabel persuna kienet qed tirċievi €400 fix-xahar, illum qed tirċievi madwar €500 fix-xahar bħala benefiċċju tal-kera għax aħna nikkalkolaw id-dħul finanzjarju tagħha kif ukoll il-kirjiet li qegħdin jitħallsu skont l-ammont ta' membri li għandha l-familja.

Huwa b'dan il-mod riċerkat u studjat li aħna naslu biex ikollna skemi li jgħinu lill-familji tagħna. L-iskemi li jgħinu lill-familji tagħna huma studjati bir-reqqa, però mbagħad aħna ma niqfux hemm u naraw anke xi jsir f'pajjiżi oħrajn. Reċentement jien, flimkien ma' sħabi l-Ministri, tajna wkoll il-pariri tagħna abbażi tal-esperjenza li għandna biex ngħinu pajjiżi oħrajn li sal-lum għad m'għandhomx dawn l-għajnuniet, jiġifieri aħna ċertament inkunu dejjem hemm biex immexxu l-politika favur il-housing 'il quddiem.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-ħin tal-Mistoqsijiet għadda. Ngħaddu issa għat-Tqegħid ta' Karti u nsejjaħ lill-Ministru Owen Bonnici.

## TQEGĦID TA' KARTI

**ONOR. OWEN BONNICI (Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali):** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Rapport arkeoloġiku maħruġ mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali għal Rationalization Scheme b'referenza għas-sit Ta' Salvuzzu/Ta' Lablab fix-Xagħra Għawdex datat 8 ta' Ottubru 2012, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15565;

f'isem il-Prim Ministru nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Avviż Legali Nru 15 tal-2024 – Avviż ta' bidu fis-Seħħ tal-Ordni tal-2021 li jemenda l-Ordni dwar Ħelsien minn Taxxa Doppja (Taxxi fuq l-Income) (Konfederazzjoni Svizzera) (A.L. 198 tal-2021) li għandu jitqies li daħal fis-seħħ fit-3 ta' Novembru 2021; u
>
> Avviż Legali Nru 16 tal-2024 – Avviż ta' bidu fis-Seħħ li stabbilixxa l-1 ta' Frar 2024 bħala d-data meta d-dispożizzjonijiet kollha tar-Regolamenti tal-2021 dwar Reġistru ta' Persuni u Tqassim ta' Data Personali fi ħdan is-Settur Pubbliku (A.L. 439 tal-2021) (L.S. 546.03) għandhom jidħlu fis-seħħ;

f'isem il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Lista tal-membri tal-bord mediku fi ħdan il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal fil-perjodu bejn Jannar 2019 u Jannar 2025, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15346;

f'isem il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

> Tagħrif dwar in-numru ta' uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat maqsuma skont il-Modern Work Practices, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15174; u
>
> Lista ta' NGOs li jagħmlu użu minn wieħed minn erba' Volunteer Centres offruti mill-Kunsill Malti għas-Settur

tal-Volontarjat, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15256;

f'isem il-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tagħrif dwar Avviżi ta' Waqfien u Twettiq li nħarġu fil-lokalitajiet ta' San Ġiljan, il-Gżira u Tas-Sliema fil-perjodu bejn Ottubru u Diċembru 2023, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15343;

f'isem il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza nqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tagħrif dwar in-numru ta' persuni ingaġġati mal-Forzi Armati ta' Malta maqsuma skont id-dipartiment, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15021;

Tagħrif dwar in-numru ta' persuni ingaġġati mal-Korp tal-Pulizija maqsuma skont id-dipartiment, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15022; u

Tagħrif dwar in-numru ta' vetturi li ġew miġbura jew ittowjati mit-toroq fl-2023 maqsuma skont id-distrett, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15257; u

f'isem il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Statistika tal-popolazzjoni ta' kull lokalità f'Malta u Għawdex għas-snin 2021 u 2022 maqsuma bejn barranin u Maltin, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 14971.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-Ministru Roderick Galdes.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Tagħrif dwar in-numru ta' uffiċjali pubbliċi li jaħdmu fid-dekasteru tal-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli maqsuma skont il-Modern Work Practices, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15172.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-Ministru Silvio Schembri.

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI (Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi):** Sur President, inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

Stqarrija mill-Uffiċċju tal-Prim Ministru (PR240065) datata 18 ta' Jannar 2024 bl-isem *Iffirmat ftehim li se jfisser stabbiltà fil-prezzijiet ta' prodotti essenzjali tal-ikel* u Powerpoint Presentation bl-isem Stabbiltà fil-Prezzijiet, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 15139.

## KUMITATI PERMANENTI

**L-ISPEAKER:** Ninforma lill-Kamra li skont paragrafu (4) tal-artikolu 120B tal-Ordnijiet Permanenti tal-Kamra, fil-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi li saret aktar kmieni llum, l-Onor. Claudette Buttigieg kienet qed tissostitwixxi lill-Onor. David Agius.

Stqarrijiet ministerjali? Mozzjonijiet? Ordnijiet tal-Ġurnata.

## ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA L-LIĠIJIET DWAR IL-KOMUNIKAZZJONIJIET

## COMMUNICATIONS LAWS (AMENDMENT) BILL

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Silvio Schembri.

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Sur President, nipproponi t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Liġijiet dwar il-Komunikazzjonijiet.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hi li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda diversi liġijiet li għandhom x'jaqsmu mal-komunikazzjonijiet u sabiex jagħmel dispożizzjonijiet anċillari u konsegwenzjali għalihom" ikun moqri t-tielet darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri t-tielet darba u għadda.*

## ABBOZZ TA’ LIĠI LI JEMENDA L-ORDINANZA DWAR IĊ-ĊERTIFIKATI TAL-KONDOTTA

## CONDUCT CERTIFICATES ORDINANCE (AMENDMENT) BILL

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD (Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni):** Sur President, nipproponi t-Tielet Qari tal-Abbozz ta’ Liġi li jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. DAVINA SAMMUT HILI:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hi li l-Abbozz ta’ Liġi msejjaħ “Att sabiex jemenda l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta, Kap. 77” ikun moqri t-tielet darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta’ Liġi ġie moqri t-tielet darba u għadda.*

## ABBOZZ TA’ LIĠI LI JEMENDA LIĠIJIET VARJI DWAR L-ARREST U D-DETENZJONI MILL-PULIZIJA

## VARIOUS LAWS RELATING TO POLICE ARREST AND DETENTION (AMENDMENT) BILL

**L-ISPEAKER:** Ninforma lill-Kamra li skont ftehim milħuq, peress li skont l-artikolu 66 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, dan l-Abbozz ta’ Liġi jeħtieġ il-vot ta’ żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra, qabel ma s-Sedja tkun tista’ tiddikjara jekk ikunx għadda jew le, it-Tielet Qari ta’ dan l-Abbozz ta’ Liġi se jitressaq fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol meta se jitteħdu votazzjonijiet kif verbalizzat fis-seduta 197 tat-22 ta’ Jannar, 2024.

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA VARJI LIĠIJIET DWAR IR-RIKAVAT MILL-KRIMINALITÀ

## VARIOUS LAWS RELATING TO PROCEEDS OF CRIME (AMENDMENT) BILL

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, nipproponi t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hi li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda varji liġijiet dwar ir-rikavat mill-kriminalità" ikun moqri t-tielet darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? (Onor. Membri: No) Carried.

**ONOR. MEMBRU:** Division.

**L-ISPEAKER:** Qed tintalab division. Niddikjara li skont il-ftehim milħuq fis-seduta 197 tat-22 ta' Jannar 2024, din għandha tittieħed fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol.

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA LIĠIJIET VARJI DWAR IL-KIRJIET RESIDENZJALI PRIVATI

## PRIVATE RESIDENTIAL LEASES (AMENDMENT) BILL

*L-Ordni għat-Tieni Qari ġie moqri.*
*Ikompli mid-29 ta' Jannar, 2024.*
*Il-mistoqsija reġgħet tqiegħdet.*

**L-ISPEAKER:** Rimarki? L-Onor. Graziella Galea.

**ONOR. GRAZIELLA GALEA:** Sur President, is-suġġett li se nkomplu niddiskutu llum jolqot lil kull wieħed u waħda minna għax kulħadd irid ikollu saqaf fuq rasu. Wara ġurnata xogħol, jew anke wara ġurnata ta' divertiment, kulħadd iħobb imur id-dar biex ikun jista' jistrieħ filwaqt li jipprepara għal dak li se tkun qed toffrilu l-ġurnata tal-għada.

Dan l-Abbozz ta' Liġi jirrigwarda l-kirjiet f'pajjiżna, fosthom ir-relazzjoni bejn is-sid tal-proprjetà u dik il-persuna li tkun qiegħda tikri mingħand is-sid, bil-għan li jkollna qafas legali bejn dawn iż-żewġ naħat li jkun jippermetti wkoll aktar kontroll. Matul dawn l-aħħar jiem, meta dan l-Abbozz ta' Liġi ġie diskuss anke f'seduti oħrajn, smajna kif dan il-Gvern kellu l-kuraġġ jemenda l-liġi fl-2019, liema liġi qegħdin narawha tiġi emendata wkoll matul dawn il-jiem. Però tajjeb immorru lura anke għal numru ta' snin, proprju għall-1995 meta f'dik is-sena wasal fi tmiemu l-Housing Act, Att li permezz tar-revoka tiegħu nqata' abbuż kbir meta l-Gvern kien jieħu proprjetà tan-nies biex jagħtiha lil ħaddieħor.

Ta' min ifakkar li aktar tard saru wkoll emendi għal-liġi tal-kera biex is-sidien u l-kerrejja jidħlu fi ftehim b'termini speċifiċi. B'hekk allura s-sidien setgħu jserrħu moħħhom li wara li jispiċċa t-terminu tal-kirja, l-inkwilin ma setax jibqa' fil-post bil-konsegwenza li s-sid jitlef l-istess post. Ikun interessanti li kieku kull Membru ta' din il-Kamra jaqra d-dibattitu li seħħ dakinhar biex jifhem kemm il-Partit Nazzjonalista – li dak iż-żmien kien fil-gvern – kellu raġun. Għall-grazzja t'Alla minn dakinhar sal-lum komplew iseħħu numru ta' tibdiliet fil-liġijiet tal-kera sabiex tkun regolata aktar ir-relazzjoni bejn is-sidien u l-inkwilini, relazzjoni li mhux dejjem tkun feliċi u faċli biex wieħed jikkontrollaha. Fil-fatt diversi

drabi jkun hemm differenza bejn dak li tgħid il-liġi u dak li jiġri fir-realtà.

Fl-introduzzjoni li kien qed jagħmel għal dan l-Abbozz ta' Liġi, il-Ministru qalilna li llum l-Awtorità tad-Djar tamministra 57,000 kirja. Dan huwa numru pjuttost kbir ta' kirjiet reġistrati, li juri li hawn eluf ta' persuni li joqogħdu fi proprjetà mikrija. L-istess numru juri wkoll li hemm diversi persuni li għandhom proprjetà li ma joqogħdux fiha minkejja li din tappartjeni lilhom għax jikruha lil persuni oħra, jiġifieri jagħmlu użu minn din il-proprjetà persuni terzi. Matul dawn l-aħħar snin din it-tendenza kompliet tikber għax minħabba li l-prezz tal-proprjetà qiegħed dejjem jogħla, hemm min jispiċċa jkollu jikri minflok jixtri għax ikun hemm min ma jkunx jiflaħ iħallas l-ammonti mitluba. Terġa', minbarra l-kirjiet li huma reġistrati u li allura nafu bihom, m'għandix dubju li jeżistu kirjiet oħra li għalkemm qegħdin hemm, mhumiex reġistrati b'mod formali. Jista' jkun li huma reġistrati b'mod indipendenti, però aħna xorta waħda ma nafux bihom.

Skont il-mistoqsija parlamentari 14242, fejn staqsejt kemm kien hemm persuni mhux Maltin li kienu reġistrati bħala li qed jaħdmu hawn Malta matul is-sena 2023, jirriżulta li dan in-numru jammonta għal aktar minn 100,000 persuna. Fil-fatt, skont iċ-ċifri ta' Lulju 2023 jirriżulta li kien hemm ftit aktar minn 37,000 ħaddiem li kienu ġejjin minn pajjiżi tal-Unjoni Ewropea filwaqt li kien hemm kważi 69,000 ħaddiem li kienu ġejjin minn pajjiżi terzi. Ħafna minn dawn il-persuni joqogħdu f'post mikri li mhuwiex tagħhom u s-sid ikun qed jirċievi l-kirja mingħand l-istess persuni. Jekk wieħed joqgħod jara ftit iċ-ċifri li juru dak li ġara matul l-ewwel sitt xhur tas-sena l-oħra jinnota li n-numru ta' ħaddiema barranin li jgħixu f'pajjiżna qiegħed kontinwament jiżdied, u ġaladarba t-tendenza hi li dawn il-persuni se jkomplu jiżdiedu, hekk ukoll se tiżdied id-domanda għall-kiri minn dawn l-istess persuni.

Niġi issa għall-prezz tal-proprjetà f'pajjiżna. Jien għamilt mistoqsija parlamentari 14245 fejn staqsejt kemm saru kuntratti ta' bejgħ jew xiri ta' proprjetà matul l-2021, l-2022 u l-2023. Jirriżulta li matul l-2021 kien hemm 26,500 kuntratt, fl-2022 kien hemm madwar 22,500 kuntratt u s-sena l-oħra n-numru ta' kuntratti li saru – hawn ta' min jinnota li ċ-ċifri ta' Diċembru ma ġewx inklużi għax in-numri ta' dan ix-xahar kienu għadhom ma ġewx ippubblikati – naqas għal ftit aktar minn 17,000. Dan juri li matul l-aħħar snin ix-xejra kienet li aktar ma jgħaddi ż-żmien, l-ammont ta' kuntratti kien qiegħed jonqos. Bla dubju waħda mir-raġunijiet għal dan hija l-fatt li hemm numru ta' persuni li mhuwiex possibbli għalihom li jieħdu loan mingħand il-bank għax il-bank ma jagħtihomx dan il-loan, bil-konsegwenza li minflok ma jixtru post, dawn ikollhom jikru post.

Ta' min ifakkar ukoll li għal numru ta' snin il-Gvern immexxi mill-Partit Laburista kien waqqaf l-iskema li permezz tagħha wieħed jikri l-proprjetà tiegħu lill-Gvern biex imbagħad l-Awtorità tad-Djar tikri dik l-istess proprjetà lil ħaddieħor. Imbagħad il-Gvern kien reġa' daħħal din l-iskema fis-seħħ biex b'hekk is-sidien setgħu jikru l-proprjetà tagħhom lill-Awtorità tad-Djar u tkun l-istess Awtorità responsabbli mill-ġbir tal-flus tal-kirja. Hawn irrid infakkar ukoll li kien il-Partit Nazzjonalista fil-gvern li introduċa din l-iskema. Kif għedt diġà, il-Gvern Laburista kien waqqafha għal xi żmien u mbagħad introduċieha mill-ġdid, anke jekk forsi bi ftit bidliet, u kif qed naraw din l-iskema ħadmet għal numru ta' snin.

Il-Ministru qal li l-liġi se tiġi emendata mill-ġdid sabiex jiżdied l-infurzar u tiġi simplifikata r-reġistrazzjoni. Dawn huma żewġ fatturi importanti li nittama li ż-żewġ naħat tal-Kamra jaqblu li għandhom jiġu infurzati. Qed nuża l-kelma "infurzati" għax dak li jkun hemm miktub fuq il-karta mhux dejjem jiġi segwit fil-prattika, u allura nittama li l-infurzar isir, u li jsir bis-serjetà.

Sur President, il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-garanzija ta' kwalità ta' ħajja aħjar fil-komunitajiet huwa punt ieħor li ssemma mill-Ministru. Ejjew naraw li d-drittijiet tal-bniedem ikunu verament imħarsa. Anke l-Onor. Ivan Bartolo bħala kelliem tal-Oppożizzjoni, fid-diskors tiegħu semma l-importanza li kulħadd ikollu saqaf fuq rasu, li jkun jaffordja l-proprjetà li tixraqlu u li jgħix ħajja diċenti. Hawnhekk nixtieq nirreferi wkoll għal dak li qal l-Onor. Ivan Bartolo dwar il-lokalità ta' San Pawl il-Baħar, lokalità li jien twelidt fiha u għadni ngħix fiha sal-lum. Il-lokalità ta' San Pawl il-Baħar llum għandha l-akbar popolazzjoni mil-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex, u fiha hemm ukoll l-ikbar ammont ta' proprjetajiet reġistrati bħala mikrija. Fil-fatt, studju li sar minn Dr Brian Micallef juri li mit-48,000 kuntratt ta' kirjiet privati reġistrati fl-2022 mal-Awtorità tad-Djar,

7,700 minnhom kienu għal proprjetà f'San Pawl il-Baħar. Imbagħad hemm eluf ta' proprjetajiet f'lokalitajiet oħra, bħal San Ġiljan, Tas-Sliema u Marsaskala, li qegħdin jinkrew minflok ma qed jinxtraw.

Matul dan id-dibattitu ssemma wkoll is-serħan tal-moħħ, li tant huwa importanti għal kull wieħed u waħda minna. Però jkolli ngħid li l-liġi biss żgur mhix se tkun biżżejjed biex kull wieħed u waħda minna jkollu verament is-serħan tal-moħħ. Qed ngħid dan għax relazzjoni bejn il-persuni ma tiġix regolata biss mill-kirja ta' dak li wieħed irid iħallas fil-bidu ta' kull xahar, iżda hemm aspetti oħra li rridu nħarsu lejhom jekk tassew irridu s-serħan tal-moħħ. Għalhekk, ejjew naraw li jkun hemm sistema li biha nistgħu nagħtu serħan il-moħħ lil kull min qiegħed joqgħod f'xi dar jew appartament. Il-Gvern għandu jara li jkun hemm pjan ħolistiku bil-għan li jassigura li verament kulħadd ikollu dan is-serħan tal-moħħ.

Sur President, aktar kmieni diġà semmejt l-infurzar, però rrid nenfasizza l-importanza li dak li hemm stipulat f'dan l-Abbozz ta' Liġi issa jiġi infurzat verament, jiġifieri huwa importanti li fejn naraw każijiet ta' persuni li jkunu qed jgħixu f'kundizzjonijiet mhux aċċettabbli u diżumani, jittieħdu l-passi neċessarji mal-ewwel, b'mod partikolari f'dawk il-każijiet fejn ikunu qed joqogħdu aktar minn sitt persuni f'post wieħed.

Naturalment, jekk issa din ir-regola se tiġi infurzata u mhux se jitħallew joqogħdu aktar minn sitt persuni f'appartament – li hija xi ħaġa tajba għax wieħed ikun jista' jgħix f'kundizzjonijiet aħjar – se jinħolqu pressjonijiet ġodda li se nsemmihom fil-qosor. L-ewwel nett żgur li se jkun hemm ħtieġa ta' aktar propjetajiet sabiex jgħixu fihom dawk il-ħaddiema barranin li diġà għandna jgħixu f'pajjiżna, għax jekk bħalissa f'appartament joqogħdu għaxar persuni, dan se jkun qed ifisser li issa l-istess ammont ta' persuni jridu joqogħdu mill-inqas f'żewġ appartamenti differenti.

Dan se jkun ifisser ukoll li se jkun hemm inqas proprjetà disponibbli għall-kiri. Probabbilment se jkun hemm anke żieda fil-prezz tal-kirjiet mitluba għall-istess tip ta' proprjetà minħabba li, kif nafu, meta tiżdied id-domanda, ħafna drabi jiżdied il-prezz. X'aktarx li dan se jkun ifisser li wieħed se jibda jsibha aktar bi tqila biex ikun jista' jaffordja jixtri l-proprjetà tiegħu minħabba ż-żieda fil-prezz u allura se jkollu jirrikorri għal kirja. Fi ftit kliem, jidher li l-Maltin u anke dawk li mhumiex Maltin se jkollhom pressjoni finanzjarja ikbar biex ikollhom saqaf fuq rashom.

Fil-fatt, jekk inħarsu lejn iċ-ċifri ppubblikati minn Dr Brian Muscat fl-istudju li semmejt aktar kmieni, insibu li 27% mill-kuntratti li ġew iffirmati bejn Lulju u Diċembru tal-2022 kellhom kirja ta' bejn €700 u €899 fix-xahar, u dan ifisser li din il-kirja se tkun qed tieħu ammont kbir mill-paga ta' dak li jkun. Imbagħad 29% mill-kuntratti kellhom kirja ta' aktar minn €1,000 fix-xahar filwaqt li 3% kellhom kirja ta' aktar minn €2,000 fix-xahar. Però ħalli nirreferi b'mod partikolari għas-27% tal-kuntratti fejn il-kirja kienet ta' bejn is-€700 u t-€899 fix-xahar. Bla dubju, dan huwa piż kbir għal kull min għandu paga medja u jrid iħallas dan l-ammont kull xahar biex ikollu saqaf fuq rasu.

Inħeġġeġ sabiex nibdew naħsbu mil-lum stess fuq il-mod ta' kif nistgħu ntaffu l-piż finanzjarju li qed ikollna nġarrbu biex ikollna saqaf fuq rasna. Fl-aħħar mill-aħħar, kull wieħed u waħda minna għandu dritt li jkollu saqaf fuq rasu, u għalhekk ejjew naraw li anke dawk li għandhom paga baxxa u medja jkunu jifilħu jidħlu għal dan il-piż. Jekk kemm-il darba se tintlaħaq il-popolazzjoni ta' 800,000 persuna f'pajjiżna, kif qal il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, aktar u aktar irid jiġi assigurat li r-residenzi f'pajjiżna jibqgħu affordabbli għal kulħadd filwaqt li l-prezzijiet tal-kirjiet ikunu prattiċi u aċċessibbli.

Sur President, matul l-aħħar snin rajna li n-numru ta' proprjetajiet għall-bejgħ u l-prezzijiet tal-proprjetà baqgħu jogħlew meta kkomparati mas-snin ta' qabel. Għalhekk, l-appell tiegħi hu sabiex naħsbu fit-tul ħalli ma noħolqux kriżijiet oħra li forsi jkunu saħansitra ikbar minn dawk li l-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna diġà qiegħed jipprova jindirizza. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? Is-Segretarju Parlamentari Glenn Bedingfield.

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD (Segretarju Parlamentari għall-Indafa Pubblika):** Sur President, illum għandna quddiemna Abbozz ta' Liġi importanti għax permezz tiegħu qed isir intervent mill-ġdid fejn jidħol is-settur tal-kirjiet f'Malta, settur li qiegħed jikber b'riżultat tan-numru dejjem ikbar ta' nies li qed jirrikorru għall-

kirjiet. Dan l-Abbozz ta' liġi qiegħed isir f'kuntest fejn illum il-popolazzjoni Maltija qiegħda tikber. Punt importanti ħafna hu li l-maġġoranza assoluta tal-Maltin huma sidien ta' darhom, però għad hemm persentaġġ tal-popolazzjoni li biex ikollha saqaf fuq rasha jkollha tikri. Dan il-persentaġġ rajnieh jikber matul is-snin, kemm fost il-Maltin iżda anke fost persuni oħrajn li llum jifformaw parti mill-popolazzjoni li tgħix f'pajjiżna u li mhumiex Maltin.

Min-naħa tiegħu, il-Gvern qed jagħmel dak kollu li jista' sabiex jagħti protezzjoni lill-inkwilini filwaqt li anke jsib bilanċ bejn id-drittijiet tal-inkwilini u d-drittijiet tas-sidien. Il-liġi tal-kera ġiet emendata kemm-il darba minn meta kienet ippromulgata għall-ewwel darba, jidhirli ftit aktar minn 90 sena ilu. Matul dawn is-snin kollha li fihom kellna liġi li tirregola l-kirjiet, dejjem saru interventi f'kuntesti u f'perjodi differenti skont dak li l-gvern tal-ġurnata deherlu li kellu jagħmel. Hekk ukoll qed isir illum minn dan il-Gvern permezz ta' dan l-Abbozz ta' Liġi li huwa ppilotat mill-Ministru Roderick Galdes.

Ta' min jinnota li llum il-Ministru Roderick Galdes mhuwiex responsabbli sempliċement mis-settur tal-akkomodazzjoni soċjali, imma huwa responsabbli mis-settur tal-akkomodazzjoni soċjali u affordabbli, u dan iżid ir-responsabbiltà anke fuq dan il-Ministeru, għax illum mhux biss qiegħed hemmhekk biex jipproduċi l-postijiet u l-housing soċjali, imma biex anke dawk in-nies li mhumiex jgħixu f'housing soċjali jkollhom housing affordabbli, kif qed jagħmel il-Ministru Roderick Galdes permezz tal-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna llum.

Sur President, l-Att XXIII tal-1929 daħħal l-Ordinanza dwar il-Kirjiet, li llum nafuha bħala l-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta. Kollox beda meta fl-1929 il-leġiżlatur ħass li kellu jintervjeni biex jipproteġi lill-inkwilini mis-sistema li kellna fis-seħħ dak iż-żmien, sistema li ma kinitx regolata tant li l-inkwilin ma kellu l-ebda protezzjoni. Hekk kif l-Att XXIII tal-1929 daħal fis-seħħ, l-inkwilin beda jiġi protett, imma matul is-snin xi kultant il-protezzjoni tal-inkwilin bdiet tiffunzjona għad-detriment tas-sidien. Dan rajnieh anke f'diversi kawżi f'Malta u fil-Qorti Ewropea, li taw rifużjoni filwaqt li kkundannaw lill-gvernijiet talli pproteġew lill-inkwilin iżda ma pproteġewx lis-sid. Però, kif għedt fil-bidu tad-diskors tiegħi, matul is-snin saru diversi interventi li jkun tajjeb illi nsemmuhom.

Fil-fatt, naħseb li kien matul dawn l-aħħar snin li l-aktar saru interventi għax dan il-Gvern irnexxielu jsib il-bilanċ mistħoqq bejn id-drittijiet tal-inkwilini u d-drittijiet tas-sidien. Fil-ħamsinijiet kien hemm id-decontrol order, fejn fil-kuntest tal-iżvilupp ekonomiku ta' dak iż-żmien, il-gvern tal-ġurnata ħass li kellu jnaqqas il-kontroll u l-intervent governattiv filwaqt li jagħti aktar drittijiet u aktar libertà lis-sidien fejn jidħlu l-kirjiet. Dan wassal biex dak iż-żmien tiġi diskussa l-affordabbiltà tal-kirjiet għax fil-ħamsinijiet kellna l-istess problema li għandna llum.

Imbagħad gvernijiet sussegwenti għamlu interventi oħrajn fil-liġijiet tal-kera, li kienu qed isiru fil-kuntest li l-policies dwar il-housing ikunu implimentati biex jgħinu lill-familji Maltin. Ta' min jgħid li fl-istess perjodu li bdew isiru l-interventi fil-liġijiet tal-kera, bdiet tiddaħħal ukoll il-politika tal-akkomodazzjoni soċjali fejn beda jkun il-gvern stess li joffri proprjetajiet lil dawk is-setturi tas-soċjetà li ma kinux jaffordjaw li jkollhom saqaf fuq rashom. Din it-tip ta' politika bdiet titħaddan lejn l-aħħar tas-sittinijiet u mbagħad ħadet żvolta ġdida fil-bidu tas-sebgħinijiet permezz tal-bini ta' diversi housing estates li għadhom jitgawdew sal-lum. Minn dak iż-żmien 'l hawn rajna wkoll diversi gvernijiet jibnu housing units biex ikunu jistgħu jingħataw lil dawk li ma jaffordjawx jixtru l-post tagħhom.

Sur President, kif għedt, il-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta kien jagħti protezzjoni kbira lill-inkwilini għad-detriment tas-sidien, u f'dik il-liġi l-protezzjoni kienet estiża għad-dixxendenti tal-inkwilini wkoll, tant li nħolqot sitwazzjoni fejn is-sid kellu kontroll limitat. Mela minn pożizzjoni ta' dekontroll fis-snin ħamsin imxejna għal perjodu ieħor fejn kien hemm kontroll aktar strett fuq il-kirjiet, u dan saħansitra għad-detriment tas-sidien. Kemm l-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll il-Protokoll Nru 1 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem jisħqu li s-sidien għandhom igawdu l-protezzjoni tal-Kostituzzjoni fejn jidħlu drittijiet tal-proprjetà tagħhom, u fil-fatt kemm-il darba ġie ddikjarat li pajjiżna kiser il-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem minħabba f'hekk.

Imbagħad, wara ħafna diskussjonijiet, fl-1995 kien sar intervent importanti bil-għan li jinstab bilanċ bejn id-drittijiet tal-inkwilini u d-drittijiet tas-sidien. Dak iż-żmien kienet ġiet stabbilita cut-off date, li kienet l-1 ta' Ġunju, 1995, fejn dawk il-kuntratti li kienu viġenti qabel dik id-data għadhom protetti sal-lum il-ġurnata, mentri dawk il-kuntratti li saru wara dik id-data ma baqgħux igawdu mill-istess protezzjoni. Madanakollu minkejja dan l-intervent li sar fl-1995, id-dixxendenti kienu baqgħu bid-dritt li jirtu l-kirja, u għalkemm kien sar attentat biex jintlaħaq bilanċ, baqa' ma nstabx il-bilanċ mixtieq bejn id-drittijiet tal-inkwilin u dawk tas-sid. Għalhekk, għadda ħafna aktar żmien u fl-2008 saru emendi oħrajn li għal dak iż-żmien ukoll kienu daħħlu bidliet importanti fejn jidħlu l-liġijiet tal-kera.

Pereżempju waħda mill-emendi li saret dak iż-żmien kienet tgħid li mill-1 ta' Jannar 2009, il-kirja kienet se ssir €185 fis-sena u togħla kull tliet snin skont ir-rata tal-inflazzjoni. Emenda oħra kienet tgħid li meta s-sidien kienu jagħmlu xi tiswijiet fil-postijiet li kienu jippossjedu waqt li kien hemm l-inkwilini jgħixu fihom, huma setgħu jgħollu l-kirja b'10%. Fl-2008 kien sar intervent ieħor meta ddaħħlet emenda li tgħid li fejn jidħlu d-dixxendenti, l-ulied setgħu jirtu l-kirja jekk kemm-il darba jkunu qed jgħixu fil-post fil-mument li l-ġenituri tagħhom jiġu nieqsa filwaqt li n-neputijiet ma baqgħux bid-dritt li jirtu l-kirja.

Maż-żmien il-ħajja tevolvi, kif jevolvu wkoll il-bżonnijiet tas-soċjetà u tal-pajjiż, u għax dan il-Gvern jimxi bl-istess pass li timxi s-soċjetà, għaxar snin wara, jiġifieri fl-2018, sar intervent ieħor b'artiklu ġdid li ġie inkorporat fil-liġi – fil-fatt din kienet xi ħaġa li saret għall-ewwel darba, u naħseb li kien intervent storiku – li ta l-fakultà lis-sidien li jmorru quddiem ir-Rent Regulation Board biex ikunu jistgħu jgħollu l-kirja bi 2% tal-valur tal-proprjetà. Sa dak iż-żmien dik kienet l-ikbar riforma li tat drittijiet lis-sidien, iżda kienet applikabbli biss għal dawk il-kirjiet li kienu b'ċens u li sussegwentement kienu trasferiti f'kirjiet.

Però dan lanqas ma kien biżżejjed. Għalhekk, madwar xi erba' snin ilu, reġa' sar intervent ieħor fejn dakinhar kienet saret l-ikbar riforma. Kien proprju hemmhekk fejn intlaħaq bilanċ bejn id-drittijiet tas-sidien u d-drittijiet tal-inkwilini. Fil-fatt dakinhar kull sid, irrispettivament minn jekk kienx hemm ċens li nbidel f'kirja jew kienx kirja diġà, ingħata l-fakultà li jgħolli l-kera għall-valur annwali ta' 2% tal-valur kollu tal-proprjetà, però l-piż ma ntefax fuq l-inkwilin. Dak iż-żmien ħafna mill-inkwilini kienu jħallsu €210 fix-xahar. Issa jekk il-kirja għoliet bi 2% tal-valur tal-proprjetà u allura ġiet tammonta għal €6,000 fis-sena, beda jsir it-test tal-mezzi u sussegwentement id-differenza joħroġha l-Gvern. B'hekk il-Gvern ipproteġa lis-sidien billi ppermetta li jkollhom dħul xieraq għall-proprjetà tagħhom imma, aktar minn hekk, ipproteġa wkoll lill-inkwilini li ma setgħux iħallsu kirjiet għoljin għax il-piż taż-żieda fil-kera qed jerfgħu l-Gvern, kif nittama li jibqa' jagħmel għal ħafna snin.

Meta ffaċċjati bil-ħtiġijiet tal-lum, filwaqt li l-Gvern qed jibqa' jżomm dan il-mudell biex ikompli jagħti l-protezzjoni li hemm bżonn lill-inkwilin, – għax il-politika tagħna hi li kulħadd għandu jkollu dritt għal akkomodazzjoni affordabbli – qiegħed jagħmel intervent fil-liġi tal-kera biex jipproteġi lill-inkwilin, jew lill-konsumatur minn xi tip ta' sfruttament.

X'qegħdin ngħidu f'dan l-Abbozz ta' Liġi, Sur President? Kif spjega tajjeb il-Ministru Roderick Galdes fil-ftuħ ta' dan id-dibattitu, il-perjodu mandatorju li fih l-inkwilini ma jkunux jistgħu jinħallu mill-kirja se jinbidel minn wieħed fiss għal wieħed aktar flessibbli li jibqa' fis-seħħ sakemm isir avviż ta' terminazzjoni minn sid il-post, fejn imbagħad minn dak il-mument 'il quddiem l-inkwilin ikun jista' jinħall b'notifika ta' xahar. Aħna jidhrilna li din hija waħda mill-aktar emendi importanti għax qed tagħti aktar flessibbiltà li tibqa' fis-seħħ sakemm isir l-avviż ta' terminazzjoni minn sid il-post.

F'dan l-Abbozz ta' Liġi qegħdin ngħidu wkoll li se nissimplifikaw il-proċessi relatati mat-tiġdid espress, mas-sostituzzjoni tal-inkwilini, maż-żieda fl-inkwilini u mat-terminazzjonijiet kunsenswali bejn is-sid u l-inkwilin sabiex tali bidliet ikunu jistgħu jseħħu mingħajr wisq dewmien u burokrazija żejda. Illum, kemm jekk wieħed huwa inkwilin kif ukoll jekk huwa sid, dan għandu l-appoġġ kollu tal-Awtorità tad-Djar għax jista' jidħol online, isib il-kuntratt u jsib template tal-kuntratt. Illum ħafna nies li għandhom żewġ proprjetajiet qegħdin jagħżlu li jikru t-tieni proprjetà tagħhom, u min qatt ma kellu esperjenza f'kirjiet illum jista' jsib l-għajnuna kollha sempliċement billi jidħol fuq il-website tal-Awtorità tad-Djar. Minn din il-website wieħed jista' jsib il-kuntratt, it-templates tal-kuntratt u l-għajnuniet kollha. Anke f'każ li

jkun inbidel l-inkwilin, hemm kollox disponibbli online.

F'dan l-Abbozz ta' Liġi hemm ukoll emenda oħra sabiex nintroduċu l-possibbiltà ta' proċeduri amministrattivi ħalli l-Awtorità tad-Djar ikollha mezz ieħor kif tinforza u tnaqqas l-abbużi mingħajr ma jkollha tirrikorri għal azzjonijiet legali fil-kamp kriminali. B'hekk qed tiżdied l-ispeditezza u fejn ikun meħtieġ li l-Awtorità tintervjeni, għandu jkollha l-flessibbiltà li tagħmel dan. Jien ma naqbilx mal-politika tal-one-size-fits-all għax nemmen li kull każ għandna narawh skont il-mertu tiegħu, u naħseb li dawn l-emendi qed jagħtu dik it-tip ta' flessibbiltà filwaqt li qed iżidu d-diskrezzjoni tal-Awtorità tad-Djar, li wkoll hija xi ħaġa tajba.

F'dan l-Abbozz ta' Liġi qed tiġi indirizzata anke l-kwestjoni relatata man-numru ta' kirjiet li jistgħu jiġu reġistrati fi spazju residenzjali kondiviż. Dan qed isir għax fejn qabel dar kienet tinkera minn familja, illum daħlet moda ġdida fejn dar tinbidel f'dormitorju għal nies li mhumiex Maltin mingħajr l-ebda regolamenti. Smajna u qrajna b'każijiet tal-mistħija fil-mod kif kienu trattati ċerti persuni. Aħna ma nagħmlux distinzjoni bejn nies li huma Maltin u oħrajn li mhumiex Maltin. Kulħadd hu bniedem u kulħadd għandu d-dinjità tiegħu, hekk kif kulħadd għandu dritt li jgħix f'post xieraq u diċenti. Għalhekk, naħseb li l-Ministru għamel tajjeb li daħħal din l-emenda sabiex jindirizza l-issue tan-numru ta' persuni li jistgħu jabitaw ġo post. Hemm liġijiet oħrajn ukoll li jirregolaw in-numru ta' persuni li jistgħu jgħixu ġo post wieħed, però huwa tajjeb li din l-issue qed tiġi indirizzata anke fil-liġijiet tal-kera ħalli ħadd ma jkun jista' jġib l-iskuża li ma kienx jaf x'tgħid il-liġi biex ikun jista' jdaħħal ħafna aktar persuni fil-post li jkun qed jikri.

Emenda oħra li nsibu f'dan l-Abbozz ta' Liġi qed testendi l-kompetenza tal-Panel ta' Arbitraġġ sabiex jiddeċiedi t-tilwim relatat mal-kirjiet residenzjali privati. Dan qed isir bil-għan li dan il-panel amministrattiv ikun jista' jaqta' dawn il-kwestjonijiet li sikwit jinqalgħu bejn is-sid u l-inkwilin bl-aktar mod spedit.

Permezz tal-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna, l-Awtorità tad-Djar qed tingħata d-dritt li tikkomunika d-data personali tal-individwu wara li tingħata deċiżjoni mill-Panel ta' Arbitraġġ jew mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri). Tajjeb ngħid li din l-emenda mhijiex qiegħda tikser ir-regoli relatati mal-protezzjoni tad-data. Huwa tajjeb ukoll li l-perjodu għar-reġistrazzjoni tal-kirjiet residenzjali privati se jiġi estiż minn għaxart ijiem sa 30 ġurnata għax il-flessibbiltà tgħin lil kulħadd, partikolarment lil dawk li jkunu qegħdin jagħmlu użu minn postijiet li mhumiex tagħhom.

Sur President, dan huwa Abbozz ta' Liġi ieħor pożittiv li mhux biss qiegħed jieħu inkonsiderazzjoni d-drittijiet tas-sidien iżda wkoll il-protezzjoni tal-inkwilini. Bħalma diġà spjegajt, l-evoluzzjoni fil-liġi tal-kera turi d-diversi interventi li kien hemm minn gvernijiet suċċessivi matul is-snin, bħalma turi wkoll is-sensittività li ntweriet f'dan il-qasam. Kull gvern ipprova jagħmel dak li deherlu li kien l-aħjar fil-kuntest ta' dak iż-żmien.

Meta wieħed iħares lura jista' jkun jgħid li t-tali ħaġa setgħet saret aħjar, jew inkella li l-emendi li daħlu fis-seħħ tliet snin ilu setgħu saru 20 sena ilu, però kif dejjem ngħid, il-liġi dejjem tkun emendata fil-kuntest ta' dak il-perjodu. Pereżempju llum aħna ħassejna li għandna nżommu l-emendi li saru, speċjalment ir-riforma kbira u pożittiva li saret fil-qasam tal-liġi tal-kera tliet snin ilu, u nżidu oħrajn magħhom għax illum jeħtieġ li jkun hemm aktar protezzjoni sabiex kemm jista' jkun innaqqsu l-abbużi li smajna bihom.

L-interventi fil-liġijiet tal-kera xi minn daqqiet kienu jipproteġu lill-inkwilini u xi minn daqqiet kienu favur id-drittijiet tas-sidien, però li hu żgur hu li dan il-Gvern irnexxielu joħloq u jsib bilanċ bejn it-tnejn li huma. Pajjiżna wera li kien reżiljenti fejn jidħlu dawn l-emendi fil-liġijiet tal-kera u adatta ruħu għall-kambjamenti soċjoekonomiċi li kull pajjiż jgħaddi minnhom. Malta mhijiex estranea għall-iżvilupp li jseħħ madwar id-dinja. Fil-fatt, f'pajjiżna stess rajna influss ta' ħaddiema minn barra minn Malta, u aħna rridu nadattaw għaċ-ċirkostanzi differenti li jkollna ngħaddu minnhom matul iż-żmien.

Sur President, fil-kuntest taċ-ċirkostanzi li qed ngħixu fihom illum, għandna quddiemna Abbozz ta' Liġi li se jkompli jgħin fil-ħolqien tal-bilanċ bejn id-drittijiet tas-sidien u d-drittijiet tal-inkwilini. Fl-aħħar mill-aħħar jien nara li permezz ta' dan l-Abbozz ta' Liġi l-Gvern qed juri li se jibqa' jkun xibka soċjali b'saħħitha għal kull min għandu bżonn il-protezzjoni f'dan il-pajjiż. Għalhekk, nittama li dan l-Abbozz ta' Liġi

jgħaddi minn dan il-Parlament anke bl-approvazzjoni tal-Oppożizzjoni. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Graziella Attard Previ.

**ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI:** Sur President, l-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna se jemenda diversi liġijiet dwar il-kirjiet residenzjali privati. Sa ċertu punt huwa ta' sodisfazzjon għalija kif ukoll għal diversi persuni oħra li għandhom għal qalbhom il-ġustizzja soċjali li l-Gvern irid jemenda liġijiet li jirrigwardaw is-settur tal-kiri tal-proprjetà privata sabiex isewwi xi ftit mill-ħsara u mill-problemi li ħoloq hu stess bil-politika ekonomika li ħaddan matul dawn l-aħħar snin.

Sur President, il-politiku u pastor Amerikan Raphael Warnock jgħid li:

> "Housing is stability. Housing is dignity."

Li jkollok post diċenti fejn toqgħod ifisser stabbiltà u dinjità. Sfortunatament f'pajjiżna ġejna f'sitwazzjoni fejn hemm ħafna nies, kemm Maltin kif ukoll barranin, li huma nieqsa minn dawn iż-żewġ kunċetti, jiġifieri milli jkollhom stabbiltà u milli jkollhom dinjità. Jien nistaqsi: Kif qatt jista' jkollok dinjità meta tkun qiegħed tgħix ġo garaxx? Illum saħansitra qegħdin nisimgħu b'każijiet fejn persuni qed jgħixu ġo stalla jew ġo appartament li għalkemm suppost jakkomoda erba' persuni, minflok qed jgħixu fih għaxar persuni jew aktar! Kif qatt jista' jkollok dinjità meta tkun toqgħod ġo kmamar maqsumin bil-partitions?! U kif qatt jista' jkollok dinjità meta tkun toqgħod ġo dar jew f'appartament ma' 30 persuna oħra? Smajna b'dawn it-tip ta' każijiet, bħalma smajna wkoll bl-istejjer li semma l-kollega l-Onor. Ivan Bartolo fejn ikollok min jaqsam is-sodda ma' ħaddieħor, jiġifieri min jorqod fuq sodda filgħodu u min jorqod fuq l-istess sodda filgħaxija.

Dawn huma realtajiet koroh! Dawn huma realtajiet tal-waħx! Dawn huma realtajiet li żgur mhumiex aċċettabbli, iżda huma realtajiet li ġew ikkawżati b'riżultat ta' Gvern li ma ħoloq l-ebda settur ekonomiku ġdid f'aktar minn għaxar snin u kabbar l-ekonomija Maltija billi kabbar il-popolazzjoni ta' pajjiżna b'mod astronomiku. Naturalment dan ġab miegħu problemi kbar, inkluż fil-qasam tal-akkomodazzjoni fejn saru u għadhom qed isiru diversi abbużi u sfruttament tal-aktar persuni vulnerabbli. Issa donnu li l-Gvern b'xi mod se jibda jipprova jsewwi u jindirizza dawn il-problemi li qegħdin jolqtu ħażin kemm lill-poplu Malti kif ukoll lill-ħaddiema barranin li llum qed jgħixu f'pajjiżna.

Sur President, intenni bħalma għamilt diversi drabi meta tkellimt f'dan il-Parlament, li kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni tal-Istat biex ma tiġix sfruttata. It-trattament għandu jkun indaqs għal kulħadd, jiġifieri dan jgħodd kemm għal persuna Maltija kif ukoll għal persuna barranija ġaladarba din qiegħda tirrisjedi f'pajjiżna. Il-ħtija tas-sitwazzjoni prekarja li ninsabu fiha llum hija kollha kemm hi tal-Gvern, ta' Gvern li ma ħasibx, ta' Gvern li ma ppjanax fit-tul, ta' Gvern li minkejja l-paroli kollha tiegħu u minkejja s-suppost roadmap li fassal, fil-verità ma kellux viżjoni f'dan is-settur bil-konsegwenza li ħoloq sitwazzjoni fejn ħafna qed ibatu u jinsabu mdejqin.

Minn naħa għandek lill-barranin li qed iħossuhom użati, sfruttati u abbużati, u min-naħa l-oħra għandek lill-Maltin li qed iħossuhom irrabjati u inkwetati mhux biss bil-popolazzjoni żejda li qiegħda toħloq pressjoni fuq l-infrastruttura u fuq is-servizzi tas-saħħa, iżda anke bil-prezzijiet għoljin tal-proprjetà u tal-kirjiet. Ftit ilu għadni kif smajt lill-Ministru Roderick Galdes kważi kważi jiftaħar li huwa l-Gvern Laburista jew soċjalista li joħloq l-akkomodazzjoni soċjali. Però hawn ta' min ifakkar li waħda mir-raġunijiet għal xiex il-prezzijiet tal-proprjetà u tal-kirjiet għolew kienet proprju li mill-2013 sal-2021, jiġifieri għal disa' snin sħaħ, ma sar l-ebda bini ta' akkomodazzjoni soċjali.

Dan il-fattur, għalkemm ma kienx hu biss il-kawża tal-isplużjoni li kellna fil-prezzijiet tal-proprjetà u tal-kirjiet, żgur li ma għenx is-sitwazzjoni. M'hemmx għalfejn ngħidu li din is-sitwazzjoni tat daqqa ta' ħarta lill-kwalità tal-ħajja tal-poplu Malti u Għawdxi, u jekk naraw x'effett ħalla dan kollu fuq il-persuni barranin insibu li filwaqt li ħafna mill-persuni barranin suppost li qegħdin jiġu jaħdmu f'pajjiżna biex ikollhom ħajja aħjar, ir-realtà hija xort'oħra. Ħafna minnhom qegħdin jidħlu f'ċirku vizzjuż. M'għandhomx wisq għażla għax ġejjin minn pajjiżi li huma foqra wisq, u allura jkollhom jaċċettaw u jikkuntentaw b'kondizzjonijiet li mhumiex xierqa għad-dinjità tal-bniedem.

Fl-istess ħin, il-kirjiet dejjem qegħdin jogħlew, però ftit nies qegħdin jibqgħu jistagħnew. Illum ġejna f'sitwazzjoni fejn għandna ħafna Maltin, saħansitra nies gradwati u professjonisti, li lanqas huma ma jifilħu jixtru d-dar tagħhom. Dawn jissejħu "working poor". Għandna nies li qegħdin jgħixu fil-garaxxijiet u fil-boathouses b'mod permanenti. Din hija r-realtà ta' dak li suppost huwa l-aqwa żmien, jew inkella tal-aqwa fl-Ewropa, kif kienu qalulna!

Jien xorta waħda ngħid li huwa tajjeb li l-Gvern qiegħed idaħħal dawn l-emendi f'diversi liġijiet li jirrigwardaw il-kirjiet residenzjali privati. Bla dubju, mhuwiex xieraq li numru kbir ta' persuni jgħixu f'residenza waħda, aktar u aktar jekk ir-residenza tkun żgħira. Nafu wkoll il-ħafna problemi li tali stil ta' ħajja jġib miegħu, fosthom problemi fl-infrastruttura, bħad-drenaġġ, problemi ta' storbju, ta' ħmieġ, ta' skart, ta' nuqqas ta' iġjene, ta' nuqqas ta' arja kif ukoll ta' nuqqas ta' żvog għal min ikun qed jgħix f'dawn iċ-ċirkostanzi.

Sur President, jien nixtieq nosserva u anke nuri tħassib, kif għamlet il-kollega l-Onor. Graziella Galea, għall-fatt li ġaladarba nindirizzaw din l-issue u nirregolaw in-numru ta' nies li jistgħu jgħixu f'akkomodazzjoni waħda, jista' jkun li se jinħolqu problemi ġodda. Għaliex? Għax, pereżempju, jekk qabel kienu jgħixu għaxar persuni f'akkomodazzjoni waħda u kienu qegħdin iħallsu €2,000 bejniethom, li jiġu €200 kull wieħed, issa li dawn se jibdew jgħixu f'żewġ appartamenti differenti u allura x'aktarx li l-kera li jridu jħallsu kull wieħed u waħda minnhom se tiżdied jew saħansitra se tirdoppja, il-kirja se tkun ferm inqas affordabbli minn qabel għalihom. Jien nixtieq nistaqsi lill-Ministru jekk huwiex qed jaħseb fuq din il-probabbiltà u jgħidilna x'se jiġri f'dan il-każ.

Nistaqsi: Il-persuni barranin li kienu jaffordjaw iħallsu €200 għall-kera tal-post fejn jgħixu u issa mhux se jsibu jikru aktar b'dawn il-prezzijiet, dawn x'se jiġri minnhom? Se jispiċċaw barra t-triq? U jekk id-domanda għall-akkomodazzjoni se tkompli tikber, x'se jiġri mill-prezzijiet tal-kera? Se jkomplu jogħlew jew inkella se naraw aktar għajnuna f'dawn iċ-ċirkostanzi? Qed ngħid dan minħabba li aktar ma togħla l-kera, aktar se jbatu l-Maltin kif ukoll il-barranin. Kif kulħadd jaf, illum żgur li persuna ma ssibx tikri akkomodazzjoni b'inqas minn €600 jew €700 fix-xahar, u dan ifisser li ħafna familji, imma aktar u aktar persuni li jgħixu waħedhom, mhux ser jirnexxilhom jikru.

Lanqas ma nistgħu ninjoraw il-fatt li s-separazzjonijiet dejjem qed jiżdiedu u b'konsegwenza ta' hekk imbagħad dawn il-persuni qed imorru jfittxu xi akkomodazzjoni għal rashom. Dan qed ikun ifisser piż kbir ħafna għalihom. Dan apparti dawk il-persuni li mhumiex miżżewġin u li jixtiequ jmorru jgħixu għal rashom għax dawn ukoll qed isibuha diffiċli sabiex jikru akkomodazzjoni waħedhom. Jista' xi ħadd jimmaġina kif persuna b'paga minima tista' tħallas dawn it-tip ta' kirjiet? L-inqas kirja li wieħed isib f'pajjiżna hija ta' €600 jew €700 fix-xahar. Lanqas min jaqla' €1,500 f'idejh ma jista' jaffordja li jħallas nofs il-paga f'kera, aħseb u ara min jaqla' ferm inqas! Kif nafu, hemm numru kbir ta' ħaddiema Maltin u barranin li jaqilgħu inqas min €1,500 f'idejhom fix-xahar.

Sur President, jista' jkun li issa jkun hemm min jgħidli: Mela nsejt li daħħalna s-sussidji fuq il-kirjiet? Filwaqt li din hija miżura tajba, u ninsab ċerta li hemm ħafna familji li qegħdin jiggwadanjaw minnha, fl-istess ħin tajjeb nirrikonoxxu li s-sussidju żgur li mhuwiex biżżejjed, partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam ma' kirjiet privati. Għalhekk, din hija sitwazzjoni li żgur għandha tqajjem ħafna tħassib.

Meta nħares lejn din is-sitwazzjoni kollha li żviluppat f'pajjiżna, ħsiebi jmur fiż-żgħażagħ għax ngħid: Mhux ta' b'xejn li llum iż-żgħażagħ tagħna mhumiex qed jitilqu mid-dar u qed jibqgħu jgħixu mal-ġenituri tagħhom ferm aktar minn dawk iż-żgħażagħ li joqogħdu f'pajjiżi oħra Ewropej! Ovvjament l-għaqda fil-familja hija xi ħaġa sabiħa ħafna, imma ejja napprezzaw li anke l-indipendenza u r-responsabbiltà li żagħżugħ jew żagħżugħa jibdew jieħdu meta jikbru huma sbieħ. Ir-realtà hi li llum iż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin ma jaffordjawx jixtru jew jikru post, partikolarment jekk ikunu għadhom single u jkunu jixtiequ jmorru jgħixu għal rashom. Fil-fatt, qed jibqgħu jiddependu ħafna aktar fuq il-ġenituri tagħhom għax qed jibqgħu jgħixu fid-dar tal-ġenituri tagħhom aktar fit-tul.

Terġa', dawk iż-żgħażagħ li ma jkunux qegħdin f'relazzjoni ssir aktar diffiċli għalihom li jieħdu loan mingħand il-bank minħabba li paga waħda ma tkunx biżżejjed biex il-bank jagħtihom loan

ħalli jkunu jistgħu jixtru akkomodazzjoni diċenti. Xi ħaġa oħra li nixtieq nenfasizza hi li llum jekk stess ikun hemm min jirnexxilu jieħu loan biex jixtri d-dar residenzjali tiegħu, irid jibqa' jħallas dan id-dejn sakemm idum jaħdem, jiġifieri sakemm idum fid-dinja tax-xogħol, x'aktarx sa 65 sena għax dik hi l-età tal-irtirar illum.

Fid-diskorsi tagħhom, ilbieraħ il-Ministru Michael Falzon u llum is-Segretarju Parlamentari Glenn Bedingfield ħaduna fl-istorja tal-housing. Huwa tajjeb li nirriflettu dwar kif ir-realtajiet soċjali differenti fformulaw il-liġijiet u kif matul is-snin iddaħħlu diversi miżuri u inċentivi. Issemma wkoll li bħala Maltin dejjem fittixna li nkunu s-sidien tad-dar tagħna tant li llum kważi 80% tal-Maltin huma sidien ta' darhom. Però li forsi ma ssemmiex hu li filwaqt li 20 sena jew 25 sena ilu meta kont tidħol f'loan kellek l-opportunità li wara 25 sena – jiġifieri meta jkollok 40 jew għall-inqas viċin il-50 sena – tkun qtajt dak il-loan, illum il-ġurnata l-proprjetà tant għoliet li lanqas jekk tkun koppja b'żewġ pagi, xorta trid iddum mal-40 sena sabiex tħallas il-loan lura u tkun tista' tibqa' tgħix ħajja diċenti. Dik hija d-differenza kbira ta' kif żvolġa l-qasam tal-housing meta nħarsu lejn l-istorja, li qabel min kien ikun irid isir sid ta' daru kien jeħles mil-loan fi żmien ħafna iqsar milli fil-fatt qegħdin jagħmlu l-koppji jew il-persuni li qegħdin jixtru l-proprjetà tagħhom illum.

Sur President, id-dritt għal housing adegwat insibuh imnaqqax fl-Artikolu 31 tal-European Social Charter 1996 u mbagħad aktar riċenti fil-European Pillar of Social Rights tal-2017. Għaldaqstant ilkoll kemm aħna naqblu li akkomodazzjoni diċenti u affordabbli hija bżonn u, nerġa' ngħid, li dan għandu jgħodd kemm għall-Maltin kif ukoll għall-barranin. Ma nistgħux ninsew id-diffikultajiet li qegħdin jiffaċċjaw il-Maltin, imma lanqas nistgħu nibqgħu nisfruttaw lill-barranin, nużawhom u narmuhom. Il-barranin li qegħdin jgħixu f'pajjiżna u li qegħdin jagħtuna servizzi importanti, bħal dawk ta' carers mal-anzjani jew fl-isptarijiet, ukoll għandhom bżonn l-istabbiltà, u dan ikun ta' ġid anke għalina stess.

Filwaqt li bħala Oppożizzjoni ma nemmnux f'politika ta' tkabbir ekonomiku permezz ta' tkabbir fil-popolazzjoni esaġerat u bla bżonn, nifhmu wkoll li f'ċerti oqsma, almenu in the short-term, għandna bżonn tas-servizz ta' ħaddiema barranin. Mela, pereżempju, ma jistax ikun li f'daqqa waħda jitilqu ħafna infermiera barranin minħabba li ma jkunux qegħdin jaffordjaw iż-żidiet fil-kirjiet għax jekk jiġri hekk, inkunu qed noħolqu kriżi ikbar minn dik li diġà għandna fl-isptarijiet tagħna. Għalhekk, nerġa' nisħaq fuq kemm huwa importanti li l-Gvern ikollu viżjoni fit-tul f'dan ir-rigward.

Sur President, nikkonkludi dan l-intervent billi ngħid li filwaqt li wħud mill-problemi li ġab fuq pajjiżna l-Gvern stess forsi jidhru li huma diffiċli ħafna biex insolvuhom, jien dejjem nemmen li b'rieda tajba kif ukoll bi ppjanar tajjeb u aħjar, nibdew insolvu din il-kobba mħabbla u bil-mod il-mod nibdew ukoll nagħmlu differenza fil-ħajja tan-nies. L-importanti hu li mhux biss noħolqu skemi u nbiddlu l-liġijiet, imma hemm bżonn naraw ukoll li dawn ikunu effettivi b'tali mod li jkunu jolqtu b'mod pożittiv lill-persuni li huma fil-bżonn direttament. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? Is-Segretarju Parlamentari Malcolm Paul Agius Galea.

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA (Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva):** Sur President, illum qed niddiskutu suġġett partikolari li tista' tgħid huwa relatat ma' kull qasam, u minkejja l-kappell li issa għandi bħala Segretarju Parlamentari għall-Anzjanità Attiva ma jistax jonqos li nitkellem anke fuq dan l-aspett. Fl-aħħar mill-aħħar, allaħares bħala politiku nagħlaq lili nnifsi għas-suġġett tiegħi biss għax naħseb li nkun qed nagħmel żball kbir, kemm għalija nnifsi kif ukoll fl-għoti tas-servizz fix-xogħol tiegħi.

Se nibda b'punt partikolari. Xi kultant nitgerfex daqsxejn meta kważi nibda nara diżinċentiv biex inkunu sidien ta' djarna. Il-fatt li tkun sid ta' darek hija xi ħaġa sabiħa ħafna għax tagħtik stabbiltà. Xi drabi ssib lil min jgħidlek li investiment fid-dar tiegħek huwa investiment mejjet, però mhuwiex investiment mejjet għax kif għedt, jagħtik stabbiltà. Tmur fejn tmur, il-fatt li għandek id-dar tiegħek ifisser li għandek xi ħaġa tiegħek, u filwaqt li nifhem lil min jgħid li ma nistgħux ngħabbu liż-żgħażagħ tagħna bi spejjeż kbar, irridu noqogħdu attenti għax bniedem irabbi l-għaqal meta jkollu l-piż. (Interruzzjonijiet)

L-Onor. Jerome Caruana Cilia qed jgħidli: "Skont kemm ikun il-piż!" Iva, veru, Onor. Caruana

Cilia, imma naħseb il-bank stess jikkalkulalek kemm ikun il-piż, u jkun żball jekk jien ninċentivak biex tgħix ħajja fejn taħli kemm trid! Illum il-kirja tasal u tgħaddi, imma taf biżżejjed li meta inti tkun qed taħdem u tkun taf li għandek il-piż fuq spalltek, inti tkun qed tikber.

Fl-opinjoni tiegħi, ikun ħażin li nippromwovu l-mentalità ta' għix illum għax għada ħadd ma rah! Jekk nirraġunaw b'dak il-mod, inbatu jien u int, filwaqt li wliedna se jbatu aktar minna. Dan huwa punt importanti ħafna li nsemmuh għax inkunu qed nagħmlu żball jekk nagħtu din l-impressjoni. Però fl-istess waqt nemmen li wasal iż-żmien li rridu noqogħdu attenti ħafna li l-valur tal-proprjetà jkun wieħed xieraq u li jkun jintlaħaq minn kulħadd.

Ħalli nibda biex nitkellem fuq il-kirjiet. Meta koppja tibda tieħu r-ruħ finanzjarjament x'qed tagħmel illum, Sur President? B'ħafna aktar għaraq u b'ħafna aktar piż qed tixtri t-tieni proprjetà u tipprova tikriha biex taqla' xi ħaġa żejda. Permezz tal-għaqal, jibda ġej l-investiment u almenu tibda taqla' xi ħaġa bħala kirja biex tipprova timxi 'l quddiem. Din hija faxxa ta' nies li jifformaw parti mis-soċjetà tagħna, u ara ma taħsbux li dawn ma jkunux għamlu sagrifiċċju biex jixtru t-tieni proprjetà ħalli jikruha. Fil-fatt, tant teżisti din it-tendenza li l-banek għandhom skemi apposta għal buy to let li min jidħol fihom iħallas b'interessi ogħla. Dawn il-persuni jkunu qed jagħmlu ħafna sagrifiċċji wkoll, u allura bix-xieraq li jieħdu l-kirja li ħaqqhom.

Madanakollu, aħna konxji li l-kera għoliet ukoll, u għoliet għal żewġ raġunijiet. L-ewwel nett għoliet għax ġaladarba l-prezz tal-proprjetà għola, ovvjament biex dak li jkun jikkumpensa l-flus li nefaq għal din il-proprjetà jkun irid jgħolli l-kirja. Imbagħad minħabba li d-domanda għall-kiri f'pajjiżna hi dik li hi, il-prezz tal-proprjetà ogħla aktar.

Aħna nafu x'qed jiġri, imma l-problema tkun jekk ma nagħmlu xejn, u dan il-Gvern ħareġ ċerti skemi proprju għax ra li l-affarijiet ma kinux qegħdin kif suppost. Pereżempju aħna rridu nħarsu wkoll lejn l-interessi tas-sidien għax mhux sew li dawn ikollhom proprjetajiet li jkunu mikrijin biċ-ċiċri u fl-istess ħin ma jkunux jistgħu jaqilgħu lill-inkwilin minn hemmhekk. Huwa importanti li l-inkwilin ikun protett, iżda min-naħa l-oħra s-sid tal-proprjetà għandu dritt li jieħu sehmu.

Għalhekk, il-Gvern kien tassew għaqli li ddeċieda li jidħol għall-inkwilini li kienu qegħdin f'kirja ta' qabel l-1995. Illum ħafna minn dawn l-inkwilini huma anzjani, u allaħares ma kienx il-Gvern li qed jgħinhom għax kieku llum kien ikollna ħafna inkwilini li spiċċaw imkeċċija 'l barra. Jien nifhmu lill-inkwilin f'każijiet bħal dawn, però nkunu qed niżbaljaw jekk ma nifhmux anke lis-sid li jkun investa f'dik il-proprjetà biex jipprova jimxi daqsxejn żgħira 'l quddiem. Jiġifieri nkunu qed nagħmlu żball kbir jekk nħarsu lejn il-munita minn faċċata waħda biss.

Sur President, sfortunatament kien hemm diversi persuni li mhumiex Maltin li ġew imżebilħin ħafna. Kien hemm min beda jagħmel li jrid bihom, fosthom jikri l-proprjetà tiegħu lil kemm Alla ħalaq nies tant li dawn ġew qishom qed jgħixu ġo gorboġ tat-tiġieġ! Dik hija xi ħaġa li jien ma naqbilx magħha lanqas. Jien nifhem li dak li jkun jipprova jimmassimizza l-użu tal-proprjetà tiegħu kemm jista', imma li wieħed jabbuża, le. Li tabbuża ma jfissirx biss illi ma tiddikjarax il-kirjiet tiegħek. Kif nafu, dan il-Gvern daħħal ukoll l-inċentiv ta' 15% taxxa, però min ħaqqu jħallas it-taxxa jrid iħallasha.

Kien dan il-Gvern permezz tal-Awtorità tad-Djar li daħħal inċentivi bħal dawn. Però biex nerġa' niġi għal dak li kont qed ngħid qabel, huwa ħażin li nippakkjaw lil kemm Alla ħalaq nies ġo proprjetà waħda, qishom sardin. Ma ninsewx li ħafna minnhom dawn huma ħaddiema, u fl-aħħar mill-aħħar il-prinċipju soċjalista tagħna hu li nipproteġu lill-ħaddiem. Dawn il-ħaddiema għandhom dritt jgħixu. Jien kultant nitqażżeż – iva, dik hi l-kelma, nitqażżeż – nisma' kif f'ċerti postijiet li jinkrew, filgħodu jorqod xi ħadd ġo sodda u mbagħad filgħaxija jorqod ġol-istess sodda xi ħaddieħor. Se nkun ċar, għax għalija dak li hu iswed iswed u dak li hu abjad abjad; din hija xi ħaġa li jien ma naċċettahiex.

Jien naħseb li huwa importanti ħafna li dawn l-affarijiet jittieħdu b'serjetà kbira. Dan il-Gvern mexa ħafna fuq dawn l-affarijiet. Fadlilna x'nimxu, ara ma taħsbux li le, però ma jkunx ġust jekk ngħidu li l-Gvern ma mexiex fuq dawn l-affarijiet. Issa ejjew inkunu rġiel. Però hemm ħaġa oħra wkoll li naħseb ta' min isemmiha. Ejjew inneħħu minn moħħna l-perċezzjoni li nistgħu nżommu lil dawn il-ħaddiema fi skjavitù. Jien iċċekkjajt fuq uħud minn dawn il-ħaddiema u naf li għalkemm huma għandhom il-pagi

tagħhom ukoll, hawnhekk jipprovaw jonfqu mill-inqas biex ikunu jistgħu jgħajxu lill-familja tagħhom f'pajjiżhom. Għalkemm ma naqbilx ma' dawn l-abbużi li semmejt, min-naħa l-oħra nippretendi li l-affarijiet għandhom isiru kif suppost u min għandu jħallas il-kera tiegħu, għandu jagħmel dan. Fl-aħħar mill-aħħar jien naħseb li jekk l-affarijiet isiru b'mod ċar, trasparenti u kif suppost, m'għandniex naraw din il-miżura bħala mod kif insawtu lil dawn il-ħaddiema li qegħdin jikru proprjetà f'pajjiżna. Għalhekk, huwa importanti l-mod kif neħduha din biex ma nipprovawx niggwadanjaw punti meta m'għandniex għalfejn.

Min-naħa l-oħra dawn il-ħaddiema ħaqqhom kull dinjità u naħseb li ta' min jibda jara fejn dawn qed joqogħdu. Jien, l-ewwel wieħed, tgħidx kemm nitkellem fuq is-saħħa mentali u jien nemmen li s-saħħa mentali ta' kulħadd hija importanti, partikolarment tal-ħaddiema third-country nationals (TCNs) li jkunu qegħdin jgħixu f'dawn il-postijiet li semmejt. Dawn huma ħaddiema daqs kull ħaddiem ieħor, u parti importanti ħafna ta' kif nieħdu ħsieb is-saħħa mentali tagħhom hija billi naraw fejn joqogħdu. Jien nemmen li jekk ngħollu l-livell biex dawn il-ħaddiema joqogħdu f'postijiet diċenti u jgħixu bl-aħjar mod, kif ħaqqhom, inkunu qegħdin naslu għal soċjetà ħafna aktar ekwa u għal soċjetà soċjalista, li aħna tant nifirħu biha. Wara kollox ħaqqna li nifirħu u nkunu kburin jekk jirnexxielna jkollna soċjetà soċjalista.

Sur President, jien naħseb li mexjin 'il quddiem, però fadlilna x'naqdfu għax dan huwa suq partikolari ħafna li għamel żmien twil mhux kontrollat bil-konsegwenza li kulħadd kien jagħmel li jrid. Għalhekk, ejjew ma ninsewhx dan il-fatt u ejjew inkunu ċari billi ngħidu li fi żmien gvernijiet preċedenti kien hawn ġungla sħiħa f'dan il-qasam. Sfortunatament qed nipprovaw nagħtu l-impressjoni li llum din il-ġungla kibret aktar, imma ma naħsibx li hu l-każ. Irridu noqogħdu attenti għal ċerti affarijiet għax, pereżempju, jien bħalissa għandi każ ta' wieħed li waqqa' d-dar tiegħu, bena appartamenti għat-tfal tiegħu u żamm il-penthouse biex jikriha. Din il-penthouse krieha lil wieħed barrani li suppost għandu l-flus biex jgħix fiha waħdu, però minkejja li jaqla' flus tajba, dan ma ħallasx lis-sid tal-penthouse għal xahar, xahrejn u saħansitra tliet xhur tant li dan spiċċa kellu xi jgħid miegħu. Fil-fatt, dan għadu kif għamillu kummiedja li kważi ġibdet l-attenzjoni ta' ħafna nies u li minħabba fiha spiċċa l-isptar. Is-sid ta' din il-penthouse qalli li spiċċaw marru l-pulizija fuqu u qalulu: Għax int heddidtu. Kif tistgħu tobsru, is-sid ta' din il-penthouse se jiġġennen u qalli: Spiċċajt sew, għandi l-post tiegħi, investejt fih b'dik is-saħħa kollha, daħħalt lin-nies, ma ħallasnix u issa spiċċajt għand il-pulizija wkoll! F'ħajti kollha lanqas qatt ma missejt mal-pulizija u issa ara kif spiċċajt!

Jien naf x'inhu dan il-bniedem. Għandek xorti jekk ikellmek daqskemm hu kwiet, u lili ħallieni bla kliem għax jien naħlef għalih. Dan huwa każ li qed iseħħ proprju f'dawn il-jiem, u dan minkejja li l-inkwilin tal-penthouse tiegħu hu bniedem li jilbes il-ġlekk u l-ingravata, bħalma liebes jien bħalissa. Għalhekk, irridu noqogħdu attenti ħafna li ma jkollniex vittmi mod ieħor. Naħseb li huwa importanti ħafna li nżommu dawn l-esperjenzi f'moħħna filwaqt li nkunu dejjem b'għajnejna miftuħin, għax jien persważ li bħalma niltaqa' ma' dawn il-każijiet jien, tiltaqgħu magħhom intom ukoll u jiltaqa' magħhom kulħadd. M'hemmx dubju li lil min jidħol għal dan il-piż irridu nipproteġuh kif suppost.

Kif għedt, fadlilna aktar x'naqdfu f'dan il-qasam u jkun ħażin jekk naraw din l-isfida minn lenti waħda biss. Huwa importanti li nħarsu lejn din l-isfida b'mod ħolistiku għax ikun ħażin ħafna jekk naħsbu li ħadd minna mhu qed jisfa vittma. Ikun hemm każijiet fejn titbellah meta tisma' kif iddur is-sitwazzjoni u kif xi kultant uħud jisfaw vittmi. Jien ċert li hawn nies illi jgħidu: Ħaqq il-mument li ddeċidejt li nikri! Aħjar ħallejtu vojt il-post li kelli! Issa min-naħa l-oħra jkun żball kbir ukoll jekk inħallu proprjetajiet vojta li ma jkunux qed jiġu mikrija. Għaldaqstant dejjem irridu nsibu bilanċ ħalli kemm jista' jkun f'dan il-pajjiż ngħixu b'mod armonjuż. Però biex nagħmlu dan, irridu naħdmu bil-għaqal, irridu nħarsu lejn kull aspett u rridu noqogħdu attenti ħafna li ma nippontaw subgħajna lejn ħadd għax jista' jkun li nkunu sejrin żball.

Sur President, naħseb li għedt biżżejjed, imma m'għandix dubju li ħafna nies fehmu l-messaġġ li ppruvajt inwassal. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Toni Bezzina.

**ONOR. TONI BEZZINA:** Sur President, wara li smajt ħafna mill-interventi tal-kollegi taż-żewġ naħat tal-Kamra, nixtieq ngħaddi xi kummenti dwar dan l-Abbozz ta' Liġi li jolqot fil-laħam il-ħaj lil diversi familji, speċjalment lil dawk Maltin u Għawdxin, kemm lil dawk bi qligħ baxx, kemm lil koppji żgħażagħ kif ukoll lil nies li sseparaw u jixtiequ jibdew ħajja ġdida.

Qabelxejn però nixtieq nirreferi għad-diskors li għadna kemm smajna issa mill-Onor. Malcolm Paul Agius Galea. Waħda mit-temi prinċipali tal-Abbozz ta' Liġi tal-lum hija l-introduzzjoni tax-shared dwelling fejn persuna mhux tikri appartament imma tikri kamra. Madankollu bl-argument li ġab l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea bilkemm ma pprovax jagħti l-impressjoni li llum koppja żagħżugħa mhux talli qed tixtri appartament talli qed tixtri wkoll it-tieni appartament biex taqla' minn fuqu. Jinkwetani wkoll il-fatt li qal illi qabel kien hawn ġungla, mentri llum is-sitwazzjoni nbidlet. Jien ma nafx, imma 11-il sena jew 12-il sena ilu ma konniex nisimgħu b'każijiet fejn joqogħdu 12-il ruħ jew 14-il ruħ ġo appartament wieħed, u lanqas ma konna naraw kif nagħmlu u nikru kamra! Però l-iskop tad-diskors tiegħi lanqas huwa dan, u jien se nipprova nkun aktar tekniku milli politiku fid-diskors tiegħi.

Naħseb illi wasal iż-żmien li nibdew naħsbu b'perspettivi differenti f'dan ir-rigward. Jien ninsab konvint li għalkemm għal żmien qasir ix-shared dwelling forsi jsolvi ftit problemi, mhuwiex is-soluzzjoni għall-problema, speċjalment meta nitkellmu fuq residenti Maltin u Għawdxin. Għalhekk, irridu nibdew infittxu u nsibu soluzzjoni. Soluzzjonijiet hemm. Pereżempju rridu naraw li nipprovdu binja jew residenza ta' akkomodazzjoni ta' ċertu standard biex b'hekk ma nerġgħux immorru lura għall-kerrejja. Għax lili l-aktar li jinkwetani meta nitkellmu fuq ix-shared dwelling hu li nerġgħu nispiċċaw immorru lura għall-kerrejja ta' 30, 40 u 50 sena ilu! Għalhekk għandna naraw li filwaqt li nipprovdu akkomodazzjoni li tiggarantixxi ċerta affordabbiltà, jiġifieri li bniedem ikun jaffordja jikriha, nimmassimizzaw l-ispazju li jkun disponibbli.

Bħalma jaf kulħadd, illum appartament b'kamra tas-sodda waħda jrid ikollu area minima ta' 55 metru kwadru, appartament b'żewġ kmamar tas-sodda jrid ikollu area minima ta' 90 metru kwadru u appartament bi tlett ikmamar tas-sodda jrid ikollu area minima ta' 115-il metru kwadru. Issa jekk ikun hemm diskussjoni fejn jinġabru flimkien l-Awtorità tad-Djar, l-Awtorità tal-Ippjanar u l-iżviluppatur tal-appartamenti u niġu f'sitwazzjoni fejn l-area ... Mela llum il-ġurnata qed ngħidu li l-massimu ta' persuni li jistgħu joqogħdu f'appartament bi tlett ikmamar tas-sodda huwa sitta, madwar 20 metru kwadru għal kull persuna.

Jien nemmen li b'disinn tajjeb, jekk jirnexxilna nnaqqsu ftit mill-ispazju, appartament b'kamra tas-sodda waħda b'area ta' 55 metru kwadru xorta waħda jista' jkun komdu u jkun jilqa' għall-bżonnijiet tal-lum. Ikollu kamra tas-sodda komda, ikollu kitchen/living/dining li għalkemm tkun kompatta tkun tilħaq il-bżonnijiet tal-lum, ikollu spazju fejn titpoġġa washing machine u minflok ma jibqa' jiġri bħalma qed jiġri llum ... Għax illum x'qed jiġri? Illum jekk se tapplika għal żvilupp, l-ikbar persentaġġ ta' appartamenti b'kamra tas-sodda waħda li jista' jkollok f'dak l-iżvilupp huwa dak ta' 20% mill-ammont kollu ta' appartamenti.

Dan ifisser li jekk għandek ħames appartamenti, pereżempju, appartament wieħed biss jista' jkun b'kamra tas-sodda waħda. Issa jekk wieħed jirrilassa dik il-policy, lill-iżviluppatur nagħtuh ċans li jdaħħal fil-blokka ta' appartamenti li jkun qed jiżviluppa aktar minn appartament wieħed b'kamra tas-sodda waħda, imbasta dawn ikunu se jmorru għal kirja ta' housing soċjali ħalli minflok ma wieħed jispiċċa jikri kamra ta' appartament, wieħed ikun jista' jikri appartament żgħir fi blokka ta' appartamenti. B'hekk inkunu qed inżommu l-privatezza ta' dak li jkun, inkunu qegħdin nipprovdulu ċerta kumdità, u fl-istess ħin inkunu qed inżommu l-prezzijiet affordabbli.

Tgħidli: Prezzijiet affordabbli, f'liema sens? Għax bl-ispazju ta' appartament bi tlett ikmamar tas-sodda jkunu jistgħu jinħarġu tliet appartamenti żgħar ta' kamra tas-sodda waħda u b'hekk minflok ma jinbena appartament bi tlett ikmamar tas-sodda u jinkera għal €900 jew €1,000 fix-xahar, bħalma qed jiġri llum, jinbnew tliet appartamenti żgħar u l-kera titbaxxa b'terz, jiġifieri bi €300 jew €350 fix-xahar. B'hekk wieħed ikun jista' jkollu appartament żgħir biex jużah hu personali, imma b'kirja ħafna inqas milli kieku kellu jikri appartament sħiħ tant li kważi kważi nkunu qed inġibu l-kirja paragunabbli ma' dik ta' shared dwelling. Mela minflok ma nibnu shared dwellings u mmorru għall-kiri ta' kmamar

biex kemm jista' jkun inbaxxu l-prezz tal-kera, immorru għall-kiri ta' appartamenti żgħar.

Ma rridux ninsew lanqas li llum il-ġurnata mhux barranin biss qed jispiċċaw jikru l-kmamar. Jien naf b'koppji li ma jaffordjawx jikru appartament u allura qed ikollhom jikru kamra. Mela jekk nipprovaw immorru għal din it-tip ta' soluzzjoni nkunu qegħdin nolqtu żewġ għasafar b'ġebla waħda, fis-sens li filwaqt li nkunu qed inżommu l-kera baxxa, fl-istess ħin inkunu qegħdin nagħtu appartament u mhux kamra lil koppja jew lil bniedem waħdu.

Wieħed irid iħares daqsxejn lejn il-fatt li spiċċajna f'sitwazzjoni fejn hemm min ma jaffordjax jikri appartament u spiċċa jikri garaxx biex jgħix fih għal €300 jew €400 fix-xahar, anke jekk ikollu nuqqas ta' sanità. Dan bil-konsegwenza li awtomatikament din tiġi binja illegali għax wieħed ma jistax jgħix ġo garaxx. Għalhekk, naħseb jagħmel aktar sens li jiġu rilassati ċerti policies bi ftehim bejn dawk kollha involuti, inkluż mal-Awtorità tal-Ippjanar.

L-ewwel nett jekk żvilupp ikollu ammont ta' appartamenti li jkunu marbutin li jinkrew b'kirja raġonevoli jew baxxa – u jien ngħid li għandna norbtuhom biex bilfors jinkrew b'dak il-mod – ma jkollniex konċentrazzjoni ta' kirjiet baxxi f'post wieħed. Pereżempju ejja ngħidu li wieħed għandu blokka ta' tmien appartamenti u li erbgħa minnhom ikunu appartamenti b'kamra tas-sodda waħda. Tkun ħaġa tajba li meta jkun se joħroġ il-permess biex jikrihom isir ftehim biex jiġu rilassati ċerti policies u l-appartamenti b'kamra tas-sodda waħda jinkrew bħala housing affordabbli. B'hekk ma nkunux qed nitfgħu lin-nies f'kerrejja imma f'post diċenti.

Ma rridux ninsew ukoll li llum il-ġurnata ma' kull binja li tinbena, l-iżviluppatur huwa marbut li jipprovdi parking. Din taf ittellagħlek l-ispiża sa €9,000 għal kull appartament u għalhekk, b'xi mod irridu neżentaw lil min japplika għal dawn it-tip ta' appartamenti.

Imbagħad hemm ukoll il-kwestjoni tal-external outlook, jiġifieri wieħed irid joqgħod attent biex jibni l-ikbar numru ta' appartamenti fl-inqas spazju possibbli. Jekk hemm bżonn, għandu jkun hemm central courtyard kbira li ċertu ammont mill-appartamenti b'kamra tas-sodda waħda, jekk mhux kollha, għandhom jagħtu għaliha. B'dan il-mod il-piż ikun qed jintrefa' daqsxejn minn kulħadd.

Sur President, kif għedt, dan kollu jrid isir b'diskussjonijiet u bl-involviment ta' ħafna istituzzjonijiet, speċjalment tal-Awtorità tad-Djar u l-Awtorità tal-Ippjanar, ħalli lil min ma jaffordjax minflok ma ngħidulu biex imur jikri kamra ta' appartament bi tlett ikmamar tas-sodda għall-prezz ta' €200 għal kull persuna, bl-istess prezz inkunu qed nagħtuh il-possibbiltà li jikri appartament żgħir li jkollu l-bżonnijiet kollha neċessarji filwaqt li fl-istess ħin ikollu wkoll il-privatezza tiegħu.

Xi drabi jkollok tagħmel li ma tridx, u jien naf Maltin li qed ikollhom jagħmlu li ma jridux u qed ikollhom jikru kamra ta' appartament, però jien konvint li l-Maltin imdorrijin jikru appartament u mhux kamra ta' appartament. Għalhekk, jien naħseb li b'din is-soluzzjoni nkunu qegħdin nolqtu żewġ għasafar b'ġebla waħda, għax filwaqt li nkunu qegħdin innaqqsu l-prezz tal-kera, inkunu qegħdin noffru akkomodazzjoni affordabbli li għalkemm mhijiex kbira, hija komda biżżejjed biex tissodisfa l-bżonnijiet ta' dawk kollha li għandhom bżonn.

Jien nistieden lill-Ministru biex forsi jibda jagħmel diskussjonijiet f'dan is-sens. Bħalma jaf kulħadd, il-prezz tal-art sploda, u għalhekk wieħed jifhem li awtomatikament dan jiġi rifless fil-prezzijiet tal-proprjetà. Mela ejja nagħmlu użu aħjar mill-art li għandna. Dejjem irridu nżommu quddiem għajnejna li ma nistgħux nipprovdu slums imma binjiet ta' kwalità, u jien nemmen li aħna kapaċi biżżejjed biex naslu għal soluzzjoni. Jekk id-disinji ta' dawn il-binjiet ikunu magħmulin b'ċertu studju nkunu nistgħu nibqgħu nipprovdu ċerti standards u ċerta kumdità filwaqt li nkunu qed nimmassimizzaw l-ispazji disponibbli biex kemm jista' jkun nipprovdu saqaf lil dawk li jifilħu l-inqas.

Sur President, jien naħseb li jekk inkunu kapaċi nipprovdu appartament żgħir bil-prezz ta' €300 jew €350 fix-xahar inkunu qed nagħmlu l-ħajja ta' ħafna nies aktar faċli u fl-istess ħin inkunu qed innaqqsu l-piż minn fuq l-Istat billi jkollu jintervjeni hu biex jipprovdi social housing. B'hekk, inkunu nistgħu naslu għal soluzzjoni b'rispett lejn il-batut. Ħafna drabi meta nitkellmu dwar dawn iċ-ċirkostanzi, ħafna jiġuhom f'moħħhom il-persuni barranin li għandna jgħixu f'pajjiżna, imma għandna nżommu quddiem

għajnejna wkoll il-bżonnijiet taċ-ċittadini Maltin, għaliex, sfortunatament, hawn anke Maltin li ma jaffordjawx iħallsu €1,000 jew €1,200 fix-xahar għal kera ta' appartament u allura għandna nibdew nikkejterjaw għalihom ukoll. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? L-Onor. Alex Muscat.

**ONOR. ALEX MUSCAT:** Sur President, illum qed nitkellmu dwar kif se nkomplu ntejbu r-riforma marbuta mas-settur tal-kera li daħlet f'pajjiżna fl-2020. Ilbieraħ segwejt id-diskors interessanti ħafna li għamel il-kollega tiegħi l-Ministru Michael Falzon, li ta rendikont storiku ta' kif evolviet l-istorja f'pajjiżna f'dak li għandu x'jaqsam ma' ownership ta' proprjetà u mal-attentati ta' riformi li saru fuq il-kirjiet.

Nista' ngħid bla tlaqliq li l-intervent li kien għamel il-Ministru fl-2020, li nixtieq nifraħlu minn hawnhekk, salva lil eluf ta' residenti Maltin li jgħixu f'kirjiet protetti ta' qabel l-1995 milli jispiċċaw bla saqaf fuq rashom. Din ir-riforma tal-2020 saret sabiex jintlaħaq bilanċ li sa dak iż-żmien kien għadu qatt ma ntlaħaq, u fil-fatt dik il-mira ntlaħqet. Jekk m'iniex sejjer żball f'pajjiżna għandna madwar 10,000 kirja protetta ta' qabel l-1995, u permezz ta' dak l-intervent leġiżlattiv li sar fl-2020 f'din il-Kamra, ilħaqna bilanċ bejn l-interessi tas-sidien privati kif ukoll tal-inkwilini, li ħafna minnhom bdew jikbru fiż-żmien, sabiex ikun hemm protezzjoni kemm għal parti kif ukoll għall-parti l-oħra. Fl-opinjoni ta' ħafna, u llum anke skont l-opinjonijiet tal-qrati, dak il-bilanċ li rnexxielna nilħqu permezz ta' din ir-riforma kien bilanċ ġust, suċċess ieħor u riforma storika oħra li wettaq dan il-Gvern.

Lili kienu jiġu jkellmuni ħafna kostitwenti inkwetati minħabba li kienu qed isegwu l-mod kif kienu qed jinqatgħu l-kawżi mill-qorti. Fil-fatt, dawn il-familji bdew litteralment iħossu li għandhom bħal mannara fuq rashom għax f'xi mument ħassew li jistgħu jispiċċaw barra t-triq mingħajr id-dar tagħhom. Dik kienet ir-realtà. Dak iż-żmien jien kont nifforma parti mill-Kabinett, u niftakar li l-Ministru kien ġie jispjegalna kif il-qorti kienet qed tiddeċiedi dawn it-tip ta' każijiet. Hawnhekk nistaqsi: Imma l-qorti għaliex kienet qed tiddeċiedi kif kienet qed tiddeċiedi f'dawn iċ-ċirkostanzi?
Ir-riforma li kienet saret fl-2008 u li kienet daħħlet il-famuż valur ta' €185 plus iż-żieda tal-għoli tal-ħajja kull tant snin kienet qed tiġi kkritikata mis-sidien, li kienu qed iħossu li dan ma kienx valur ġust u reali għall-proprjetà tagħhom, u wieħed jista' jifhem dan l-argument għax €185 plus iż-żieda tal-għoli tal-ħajja żgur li ma jagħmlux ġustizzja mal-valur tal-proprjetà, speċjalment ma' kif inhu l-valur tal-proprjetà llum. Għalhekk, l-intervent żbaljat li kien sar lura fl-2008 u l-inkompetenza ta' dik il-liġi kellhom jiġu rranġati permezz tal-intervent li sar ftit tas-snin ilu. Issa llum qegħdin hawn biex filwaqt li nibqgħu nipproteġu lil ħafna familji biex dawn jibqgħu jgħixu fid-djar li ilhom jgħixu għal ħafna snin, nipproteġu wkoll l-interessi tas-sidien.

Sur President, l-intervent li sar fl-2020 seta' jseħħ għax il-Gvern daħal biex jagħmel tajjeb hu għad-differenza fil-prezz tal-kera tal-proprjetajiet imsemmija. Ejjew ma ninsewx – u l-Ministru semmieha din fid-diskors tal-ftuħ tiegħu – li l-Awtorità tad-Djar qed toħroġ sa €10,000 fis-sena biex tgħin lil dawn il-familji. Jiġifieri bid-diskors kulħadd jista' jgħid li jrid, imma bil-fatti dan il-Gvern qed joħroġ għexieren ta' eluf u miljuni kull sena biex jipproteġi lil dawn il-familji. Il-fatt li llum issirlek ir-reviżjoni tal-kera sa 2% tal-valur fis-suq tal-proprjetà tiegħek, u jekk ma tkunx taffordja joħroġ id-differenza l-Gvern permezz tal-Awtorità tad-Djar, altru milli huwa biss diskors, speċjalment meta hawn qed nitkellmu fuq sussidju sa €10,000 fis-sena. Nerġa' ngħid li hawnhekk qed naraw bil-fatti kif dan il-Gvern, permezz tal-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, qed jipproteġi eluf ta' familji Maltin sabiex jibqgħu jgħixu fid-djar tagħhom.

Fl-istess ħin din il-liġi kompliet tirregola suq importanti ħafna. Illum għandna aktar minn 80% li huma sidien ta' djarhom, u aħna se nibqgħu nippromwovu dik it-tip ta' politika għax irridu li l-Maltin, u mhux il-Maltin biss imma dawk kollha li jgħixu fostna, kemm jista' jkun isiru sidien ta' djarhom. Però fir-realtà għandna ħafna familji li mhumiex sidien ta' djarhom, u dan għal ħafna ċirkostanzi. Issa hawn qed nitkellmu fuq minoranza għax dawn jammontaw għal inqas minn 20%, imma għandna din ir-realtà, u għaldaqstant huwa tajjeb li lil dawn in-nies ma ninjorawhomx imma nkomplu nsaħħu l-liġijiet sabiex inkomplu noffru sigurtà f'pajjiżna. Wara kollox huwa għaqli wkoll li s-suq tal-kiri jkun regolat kif suppost.

Sur President, il-fatt li llum hemm eluf ta' kirjiet li ġew reġistrati mal-Awtorità tad-Djar jindika kemm din kienet riforma utli, kemm kienet riforma importanti, kemm kienet suċċess u kemm ġabet stabbiltà fis-suq għax minn naħa pproteġiet l-interessi tal-inkwilin u min-naħa l-oħra pproteġiet l-interessi ta' sid il-kera. Hekk għandu bżonn li jsir f'demokrazija li taħdem u f'saltna tad-dritt tajba biex pajjiż jibqa' miexi 'l quddiem.

Jien għalhekk nibqa' nisħaq fuq kemm din ir-riforma kienet importanti u ambizzjuża. Illum m'erġajniex smajna l-argumenti li għamlu l-Membri tal-Oppożizzjoni tliet snin ilu. Kemm kienu kkritikawha din ir-riforma! Kemm qalu li mhux se taħdem! Illum ħadd ma tenna l-istess argumenti ta' tliet snin ilu, u din hija xi ħaġa ovvja għax huwa proprju meta l-liġi tkun fis-seħħ li tirrealizza kemm l-affarijiet kienu maħsuba bis-sens. Dan il-Gvern qatt ma beża' jieħu deċiżjonijiet dwar dan it-tip ta' sfidi.

Jien niftakar id-diskussjonijiet li kien ikollna dwar il-kirjiet protetti ta' qabel l-1995 u li jkollok realtà bħal dik, li wieħed, wieħed jibdew jitilfu kawża waħda wara l-oħra u jispiċċaw bla saqaf fuq rashom, setgħet toħloq kriżi mhux żgħira f'dan il-pajjiż. Bla dubju, li kieku kellna niffaċċjaw din il-kriżi, il-Gvern ma kienx ikollu stokk biżżejjed biex jakkomoda tant persuni li possibbilment setgħu jiġu mkeċċija mid-djar tagħhom u għalhekk, dan l-intervent li sar ftit tas-snin ilu kien għaqli u tempestiv. Infatti llum qegħdin hawn biex inkomplu nirfinaw, għax l-ebda liġi mhi se tibqa' hemm kif inhi għal dejjem. Il-fatt li llum, tliet snin wara, qegħdin hawn biex naraw kif nistgħu nkomplu nsaħħu dik il-liġi juri kemm aħna għandna jdejna fuq il-polz għal dak li jkun qed jiġri. Juri wkoll id-determinazzjoni tagħna li nkomplu nagħtu lil din il-liġi l-għodda neċessarja sabiex inkomplu nirregolaw is-suq bl-aqwa mod possibbli.

Fost l-affarijiet li qed intejbu b'dan l-Abbozz ta' Liġi hemm li qegħdin nissimplifikaw il-proċessi relatati mat-tiġdid tal-kuntratti tal-inkwilin billi dawn ikunu jistgħu jsiru b'inqas burokrazija. Qed naraw kif kemm jista' jkun is-sidien u l-inkwilini jaslu għal kompromess mingħajr il-bżonn li jirrikorru għall-qrati tagħna, jiġifieri kif dawn il-kwestjonijiet jistgħu jiġu solvuti permezz ta' deċiżjonijiet min-naħa tal-Panel ta' Arbitraġġ.

Nerġa' ngħid li l-intenzjoni tal-liġi hija li tkompli ssaħħaħ ir-riforma importanti ħafna li saret ftit tas-snin ilu. Min-naħa l-oħra, il-Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli, permezz tal-Awtorità tad-Djar, qed iwettaq ħidma biex l-ewwel u qabel kollox aktar nies isiru sidien ta' darhom, u anke biex tingħata aktar għajnuna f'forma ta' sussidju tal-kera. Jien niftakar żmien meta s-sussidju tal-kera ma kienx jeżisti f'pajjiżna, u meta ġie introdott, jekk m'iniex sejjer żball, kien jammonta għal madwar €80 fix-xahar. Illum is-sussidju tal-kera li qed jingħata f'din iċ-ċirkostanza biss huwa sa €10,000 fis-sena sabiex nipproteġu lill-familji milli jispiċċaw bla saqaf fuq rashom.

Issa dan jorbot anke mal-argument tal-andament tal-pajjiż u kemm hu importanti li jkollna ekonomija b'saħħitha. Li kieku ma kellniex ekonomija b'saħħitha, riforma bħal din li tiswa miljuni ta' euro ma konniex inkunu nistgħu ndaħħluha fis-seħħ. Ir-riformi li ġew qabel tefgħu l-piż kif ukoll il-bilanċ jew l-iżbilanċ fuq is-suq mingħajr ma l-gvern tal-ġurnata tefa' fuqu xi forma ta' responsabbiltà, mentri aħna meta ġejna hawnhekk biex nilleġiżlaw ftit tas-snin ilu konna għamilnieha ċara li dik iż-żieda fil-kirjiet li kien se jkun hemm wara li ssir reviżjoni mill-Bord li jirregola l-Kera kien se jagħmel tajjeb għaliha kollha kemm hi l-Gvern jekk kemm-il darba l-familji inkwistjoni ma jkunux jifilħu jħallsuha.

Nerġa' ngħid li permezz ta' din ir-riforma, illum l-Awtorità tad-Djar qed tagħti sa €10,000 fis-sena f'għajnuna. Fi ftit kliem, inti jista' jkollok l-intenzjoni li twettaq l-aqwa riformi possibbli, però biex twettaq l-aqwa riformi possibbli trid il-flus ukoll, u din hija l-kapaċità ta' dan il-Gvern, għax minn naħa qed jiġġenera l-ekonomija – għadu kif reġa' kellna ċertifikat ieħor, din id-darba mill-International Monetary Fund (IMF), li qalulna li baqgħu impressjonati kif l-ekonomija tagħna reġgħet irpiljat mill-pandemija f'temp daqstant qasir – filwaqt li min-naħa l-oħra qed jużа dan l-istess ġid li ħloqna.

Hawnhekk għandna eżempju ċar ta' kif qed nużaw dan il-ġid. Qed nużawh biex permezz ta' din ir-riforma nipproteġu lin-nies u nibqgħu naraw li jkun hemm bilanċ ġust u ekwu bejn l-interessi tas-sidien tal-proprjetà u l-interessi tal-inkwilini. Nerġa' ngħid li dan il-bilanċ jiswa l-flus, u ħafna drabi dawn il-flus qed jagħmel tajjeb għalihom il-Gvern. Għalhekk, huwa importanti li l-pajjiż ikun miexi 'l quddiem ekonomikament biex imbagħad aħna nkunu nistgħu nużaw dak il-ġid f'dak li nemmnu fih.

Sur President, aħna nemmnu li filwaqt li trid tħalli s-suq jaħdem waħdu, mill-banda l-oħra s-suq mhuwiex perfett u jkollok sitwazzjonijiet fejn jekk tħalli s-suq jaħdem waħdu, ma tilħaqx il-ġustizzja soċjali li aħna nemmnu fiha. Għaldaqstant f'dawn it-tip ta' ċirkostanzi jidħol il-Gvern billi jagħmel l-interventi leġiżlattivi neċessarji biex minn naħa jintlaħaq il-bilanċ li hemm bżonn jinstab, imma min-naħa l-oħra jkun hu li jagħmel tajjeb għal ċerti żidiet bil-għan li jipproteġi lil dawk li huma l-aktar vulnerabbli fis-soċjetà, kif fil-fatt għamel permezz ta' din il-liġi.

Sur President, nixtieq nifraħ mill-ġdid lill-Ministru kif ukoll lit-tim tiegħu għar-riforma awdaċi li saret u għall-fatt li llum qegħdin hawnhekk biex inkomplu nsaħħu din ir-riforma. Kif għedt, huwa fl-interess ta' kulħadd li jkollna suq tal-kera regolarizzat b'mod tajjeb, b'mod ċar u bl-inqas burokrazija possibbli. Fl-aħħar mill-aħħar l-intenzjoni ewlenija ta' dawn l-emendi tagħti s-serħan tal-moħħ lis-sid tal-kera kif ukoll lill-inkwilin. B'hekk, dawk kollha f'pajjiżna li għal xi raġuni jew oħra jagħżlu li jidħlu f'kuntratt ta' kera jew diġà qegħdin f'kuntratt ta' kera jkollhom is-serħan tal-moħħ li m'hemmx liġi tal-ġungla li tirregola lil dan il-qasam imma, għall-kuntrarju, hemm liġi ċara u ġusta li tilħaq l-aqwa bilanċ possibbli. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Aktar rimarki? (Onor. Membri: No) Insejjaħ lill-Ministru Roderick Galdes biex, jekk jogħġbu, jagħmel il-winding up.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, il-ġimgħa li għaddiet tajna bidu għad-diskussjoni parlamentari dwar l-emendi għal-liġi tal-kera. Sa ċertu punt nista' ngħid li kont sodisfatt għax għal darb'oħra, grazzi għal konsultazzjoni kontinwa mal-istakeholders, erġajna qegħdin minn ta' quddiem biex inbiddlu u nirriformaw. Għal darb'oħra qed inkunu l-pijunieri tal-bidla.

Irrid inwieġeb għal xi ineżattezzi li ssemmew u li huma marbutin ma' din ir-riforma. L-ewwel nett irridu nifhmu li meta nitkellmu fuq riforma fil-liġi tal-kera nkunu qed nitkellmu fuq riforma kontinwa. Illum għandna suq tal-kera b'saħħtu. Ħadd ma jista' jiċħad il-fatt li hawn 57,000 kirja reġistrata f'pajjiżna. Ma nistgħux ngħidu li din hija xi ħaġa ħażina għax, fuq kollox, qed tħalli l-flus fil-bwiet tal-poplu Malti u Għawdxi, u qed ngħid dan għax kien hemm min ikkritika lil dan il-Gvern fuq hekk. Aħna nafu li l-poplu Malti huwa wieħed mill-aktar popli li għandu għal qalbu l-proprjetà u l-investiment marbut magħha, però dak l-investiment irid jibża' għalih, jindokrah u fl-istess ħin ikompli jtejjeb il-pożizzjoni tiegħu billi jitfa' dik il-proprjetà fis-suq u jikriha.

M'hemm xejn ħażin b'daqshekk. Għall-kuntrarju tas-suq tal-kera li kellna fis-snin 90, li fir-realtà ma kienx jeżisti għax dak iż-żmien kulħadd kien jibża' jikri minħabba l-aspett storiku marbut mal-liġi tal-kera tal-passat, il-problemi li kien hawn wara l-gwerra u anke t-taqbid li ... Mingħalija kienet l-Onor. Graziella Galea li semmiet ir-requisition orders li kienu jsiru meta kienet tittieħed proprjetà biex tingħata lil ħaddieħor. Għalhekk dak iż-żmien ħafna nies kienu jaqtgħu qalbhom li jikru jew jitfgħu l-proprjetà tagħhom fis-suq, proprju minħabba dik il-problema.

Sur President, apparti l-liġi tal-kera tal-1995, illum għandna liġi li tagħmel aktar sens għax marbuta magħha hemm ċerti sistemi li jippermettulek torganizza u li tnaqqas l-abbuż, filwaqt li tkompli tagħti dinjità kemm lill-inkwilini kif ukoll lis-sidien. Immaġinaw li kieku aħna għamilna bħalma għamel il-Partit Nazzjonalista, li fl-1995 daħħal il-liġi tal-kera, iżda mbagħad waqaf hemm u m'għamel l-ebda riforma! Kieku s-sistema tal-kirjiet f'pajjiżna kienet tikkollassa, kif kien ġara fl-2010 meta Gvern Nazzjonalista kien ħalla jgħaddu dawk is-snin kollha mingħajr m'għamel xejn fuq il-problemi kollha li kellhom il-liġijiet tal-kera l-antiki ta' qabel l-1995, filwaqt li s-sidien kienu qed ifittxuna fil-qrati Ewropej għal kumpensi ta' 30 jew 40 sena ilu.

Kellna nkunu aħna bħala Gvern li nagħmlu liġi li tindirizza darba għal dejjem il-liġijiet tal-kirjiet protetti l-antiki fejn mhux biss tajna lis-sidien dak li hu ġust skont id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, imma anke bdejna nindirizzaw u nħallsu l-kumpensi talli ħaddieħor qagħad ċiċċi beqqi u m'għamel xejn fuq il-ksur tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

L-Onor. Graziella Galea semmiet dak iż-żmien meta missierha kien Ministru tal-housing, li kien għamel biċċa xogħol tajba wkoll għax ma ħalliex ir-requisition orders jibqgħu għaddejjin. Imma minkejja li dak iż-żmien kien hemm xi 15,000 jew 20,000 ruħ jgħixu fil-kirjiet l-antiki, huwa xorta waħda baqa' ma indirizzax dik il-problema.

Aħna indirizzajna lil dawk il-familji li baqgħu jaħsbu li setgħu jgħixu fi proprjetà maqbuda mill-Istat bi protezzjoni għal għomorhom. Madankollu din kienet falzità, u aħna konna nafu li xi darba kien se jkollna mhux deċiżjoni waħda, imma għexieren u mijiet ta' deċiżjonijiet kontra Malta, kemm minn Brussell kif ukoll mill-Kunsill tal-Ewropa.

Sur President, illum ninsabu hawnhekk għaliex għandna għal qalbna lil dan is-settur li fuq kollox qed jipprovdi akkomodazzjoni alternattiva lil 57,000 familja, u għalhekk inkunu qed nagħmlu żball jekk ma niġux hawnhekk u naġġornaw ruħna maż-żminijiet. Aħna ma ġejniex hawnhekk wara xahar, imma ġejna wara li għaddew erba' snin mir-riforma li konna għamilna, u llum qegħdin hawnhekk biex inkomplu naġġornaw maż-żminijiet. Imma meta niġu hawn u nisma' ċerti diskorsi min-naħa tal-Oppożizzjoni jkolli ngħid li ħafna minnhom kienu fqar mill-ideat u mimlijin negattività. Il-ħin kollu l-istess kantaliena u l-istess narrattiva! Intqal saħansitra li aħna maqfulin fit-torri tal-avorju, bħallikieku ma nafux x'qed jiġri f'pajjiżna!

Li kieku aħna verament maqfulin fit-torri tal-avorju m'aħniex qegħdin hawnhekk biex naġġornaw ruħna għaż-żminijiet, imma konna nagħmlu kif għamel ħaddieħor, li m'għamel xejn minkejja li beda jara l-kawżi jinqatgħu kontra l-inkwilini u ħalla n-nies ibatu fit-toroq! Ara aħna m'għamilniex hekk. Aħna anke jekk kien hemm familja waħda li sfat vittma ta' ċirkostanza legali u din spiċċat barra t-triq, tajnieha l-għajnuna meħtieġa u meta dehrilna li kellna bżonn inbiddlu l-liġijiet ma bżajniex niġu hawnhekk biex inbiddluhom. Spjegajna x'inhu l-aspett storiku u biddilna, kif għadna nbiddlu sal-lum, għax dak hu r-rwol prinċipali li għandu l-Gvern. Aħna tant m'aħna maqfulin fl-ebda torri li erġajna qed niġu hawnhekk quddiem il-poplu b'emendi ġodda għax nisimgħu kontinwament dak li jgħidulna.

Qalulna wkoll li fqajna lill-pajjiż bil-barranin. Dejjem l-istess kantaliena u rettorika! Jipprovaw ibeżżgħu b'xi ħaġa li teżisti f'pajjiżna u li qed tħalli ċertu introjtu anke lill-familji li għandhom biċċa proprjetà. Lill-Onor. Ivan Bartolo ngħidlu: Taf min faqa' lil Malta mill-2013 'l hawn? Il-Gvern Laburista, però mhux bil-barranin imma bix-xogħol! U m'hemm xejn ħażin li persuna tiġi taħdem f'pajjiżna, mhux bħal meta fis-sittinijiet konna nibagħtu lill-Maltin bil-banda biex isibu jaħdmu xi mkien bħall-Ingilterra u l-Awstralja! Illum il-barranin qed jiġu jaħdmu f'pajjiżna. Illum Malta hi ħielsa, l-intenzjoni tagħha hi li tattira x-xogħol, u fil-fatt għax għandna ekonomija b'saħħitha qed jirnexxielna noħolqu ħafna postijiet tax-xogħol, mhux għall-Maltin biss imma anke għall-barranin li jridu jaqilgħu l-għajxien tagħhom f'pajjiżna.

Sur President, imbagħad smajna kontradizzjoni klassika. Mela l-ewwel staqsewna għaliex se nemendaw il-liġi wara erba' snin u mbagħad qalulna li hu tard wisq biex nemendaw il-liġi. Iddeċiedu xi tridu! Minn hawnhekk wieħed jinduna kemm l-Oppożizzjoni m'għandha xejn x'toffri. Ħaġa waħda kien hemm komuni fid-diskorsi tal-Membri tal-Oppożizzjoni, li kollha aċċennaw għall-prezzijiet tal-kera. Jekk verament għandna Oppożizzjoni kostruttiva u taf xi trid, jien ngħidilhom biex jagħmlu kuraġġ, iqumu minn hemm u jgħidulna xi jriduna nagħmlu dwar il-prezzijiet tal-kera. Tridu kontroll tal-prezzijiet? Ħadd ma semma xi jridu! Għidulna! Qumu minn hemmhekk u għidulna li jekk titilgħu fil-gvern intom se tagħmlu kontroll tal-prezzijiet fuq il-kirjiet! Ħadd ma qalha din, għax lanqas jafu xi jridu f'dan is-settur!

Ara aħna konna ċari. Aħna nemmnu fis-suq u fil-liberalizzazzjoni tas-suq. L-iżbalji li għamilna fil-passat meta kien ikun il-gvern li jirregola l-prezz qed inħallsuhom illum bil-kumpensi li rridu nagħtu għax qbadna proprjetà li ma kinitx tal-Istat għal skopijiet abbużivi. Għalhekk, irridu noqogħdu attenti, għax mhux imbilli tiġi hawnhekk u teqred imma trid tipproponi l-alternattivi. Aħna x'qegħdin nagħmlu? Aħna għandna Abbozz ta' Liġi quddiemna li permezz tiegħu se naġġornaw il-liġi ħalli min ikun irid jikri l-proprjetà tiegħu jkun jista' jagħmel dan b'mod liberu u kif jixtieq, però jekk wieħed qed jipprova jkisser id-drittijiet fundamentali tal-bniedem fejn jidħlu r-regoli fil-qasam tas-sanità u tal-ippjanar, l-Istat mhux se jħallih, kemm jekk hu barrani u kemm jekk hu Malti.

Fil-fatt, permezz tal-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna se jkollna infurzar serju u miżura effettiva. Għax kien hawn min staqsa: Issa x'se jiġri minn dawk li kienu jgħixu għaxar persuni flimkien u jħallsu €2,000 bejniethom? Huwa appuntu dak li ma rridux aħna, li jkollna numru ta' nies sostanzjali f'kull dar għax dan kien qed iwassal biex il-prezzijiet tal-kirjiet jogħlew. Għalhekk, jekk ikollna l-limitu ta' persuni li jistgħu jgħixu fi proprjetà aġġornat anke mar-

regoli tal-ippjanar, inkunu qed innaqqsu l-abbużi li ġieli jsiru f'dan ir-rigward minn xi sidien li jabbużaw.

Issa hawn irrid nippreċiża li l-maġġoranza assoluta tas-sidien li qed jikru proprjetà huma sidien ġenwini li jibżgħu għall-proprjetà tagħhom u ma jridux li jkollhom sistema abbużiva, imma aħna rridu nilleġiżlaw imqar jekk għandna persuna waħda jew ftit persuni li beħsiebhom joħolqu sistema biex jispekulaw il-proprjetà, għax mhijiex l-intenzjoni tagħna, bħala partit soċjalista, li nħallu lil xi ħadd jikser il-liġi b'dan il-mod sfaċċat u jagħti eżempju ikrah lil ħaddieħor. B'hekk aħna se nipproponu liġi biex finalment imbagħad ikun hemm regolamenti aktar speċifiċi, bid-daqs tal-kmamar kif ukoll bl-ammont ta' nies li jistgħu jgħixu fil-kmamar skont in-numru ta' kmamar tas-sodda li jkun hemm f'kull appartament. Fl-aħħar mill-aħħar l-għan tagħna hu li ma nħallux lil min ma jagħtix kas is-sistema tagħna tal-ippjanar jew saħansitra jkissirha.

Sur President, għall-kuntrarju ta' dak li qalet l-Oppożizzjoni, aħna qegħdin nagħmlu din ir-riforma għax erba' snin ilu daħħalna fis-seħħ liġi ħajja u dinamika li tista' tiġi emendata skont ir-realtajiet attwali tas-settur, u aħna nafu x'inhuma r-realtajiet tal-lum il-ġurnata. Meta bdejna fl-2020 kellna madwar 20,000 kirja reġistrata, imma bil-mod il-mod dak l-ammont beda tiela' għal 30,000, 35,000, 40,000 u saħansitra għal 57,000 proprjetà. Fuq kollox illum numru ta' appartamenti li nbnew qed jintużaw biex joffru akkomodazzjoni alternattiva.

Kien hemm kelliema li ħalltu s-sitwazzjoni tal-kera mal-akkomodazzjoni soċjali, però dawn huma żewġ oqsma kompletament differenti. Kif nafu, f'Malta għandna madwar 7,000 familja li tgħix fil-kera, però l-maġġoranza assoluta tal-Maltin huma sidien ta' darhom. Fil-fatt 82.6% tal-Maltin huma sidien ta' darhom, l-ikbar persentaġġ mill-Ewropa kollha, u dik hija xi ħaġa li lilna tagħmilna kburin filwaqt li tagħmlilna l-kuraġġ għax dan ifisser li f'pajjiżna, kemm is-settur tal-proprjetà kif ukoll is-settur tal-kirjiet huma b'saħħithom.

Ħaddieħor jikkritikana għax ġejna f'din il-Kamra biex inbiddlu l-liġi tal-kera, iżda aħna għamilna dak li Gvern Nazzjonalista ma kienx kapaċi jagħmel, jiġifieri li nġibu lil kulħadd madwar il-mejda, noħolqu suq tal-kera sura u nindokrawh, kif fil-fatt qed nagħmlu issa. Erba' snin ilu wegħedna li se nirregolarizzaw is-suq tal-kera, u hekk għamilna. Niftakru x'kellna qabel. Kellna liġi fejn inti stajt tikri post u wara xahrejn bħala sid tal-proprjetà stajt tmur fuq l-inkwilin u tgħidlu li se tgħollilu l-kera għax trid iżżid il-kera skont il-prezz tal-proprjetà.

Illum dak iż-żmien spiċċa għax ġiet introdotta liġi li tistipula li trid tgħaddi mill-inqas sena minn mindu jkun sar il-kuntratt tal-kera biex toħroġ persuna minn proprjetà, u ġie stabbilit ukoll terminu biex il-persuna tingħata ftit taż-żmien ċans qabel ma toħroġ minn dik il-proprjetà. Spiċċa ż-żmien li l-kerrej jgħid lill-inkwilin biex joħroġlu wara ġimgħa għax daħħalna l-minimu ta' tliet xhur avviż minn qabel, hekk kif teżiġi kull kirja li tkun tirrispetta d-drittijiet fundamentali tal-bniedem.

Erba' snin ilu wegħedna wkoll li l-ebda anzjan li jgħix fil-kirja ta' qabel l-1995 mhu se jispiċċa bla saqaf fuq rasu, u fil-fatt hekk ġara għax dan il-Gvern kien kuraġġuż biżżejjed li investa fil-proprjetà biex jgħin lil dawk l-inkwilini li spiċċaw bi problema legali fil-qrati. Illum qed inwiegħdu li se nsaħħu wkoll is-settur tal-kera kif ukoll il-prinċipji tal-infurzar, is-simplifikazzjoni, il-kwalità tal-ħajja u d-dritt għal saqaf diċenti. U hekk se nerġgħu nagħmlu għax hekk hemm bżonn! Aħna nitkellmu bil-fatti, anke għaliex għandna rekord b'saħħtu f'dan is-settur. Jekk l-Onor. Ivan Bartolo qalilna li 57,000 kuntratt reġistrat u attiv ifissru li dan il-Gvern falla, mela ċertament ma jafx x'inhi d-definizzjoni ta' falliment, għax 57,000 kirja reġistrata hija turija ta' fiduċja f'dan il-pajjiż, hija turija ta' fiduċja f'dan l-investiment u hija anke turija ta' fiduċja fil-liġijiet li għandu pajjiżna.

L-Onor. Ivan Bartolo qalilna wkoll li llum meta l-anzjani jmorru fid-djar residenzjali jew fid-djar ta' kura b'mod permanenti, jeżisti r-riskju li s-sid imur il-qorti, kif kien qed jagħmel, u ħafna drabi anke jirbaħ dik il-proprjetà lura. Ejjew niċċaraw is-sitwazzjoni. Ejjew ngħidu li għandek anzjani li daħlu f'dar tal-anzjani b'mod permanenti u għandek anke evidenza li dawn daħlu f'dar tal-anzjani b'mod permanenti. X'kien qed jiġri? Is-sid ġustament kien qed jidħol il-qorti u jitlob lill-qorti biex jieħu dik il-proprjetà lura. Minħabba f'hekk, kellna sitwazzjonijiet fejn it-tfal tagħhom, wara li jiskadilhom il-perjodu ta' ħames snin, kienu jispiċċaw barra huma wkoll. Din kienet spiċċat lakuna legali u aħna ridna

nindirizzawha f'din il-liġi. Fil-fatt, permezz tal-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna llum qed nagħmluha ċara li jekk persuna tmur tgħix f'dar tal-anzjani jew f'xi istituzzjoni oħra b'mod permanenti, dik tiġi qisha mietet u allura wliedha għandhom dritt igawdu minn dak il-perjodu stabbilit biex isibu akkomodazzjoni alternattiva. Kien proprju għalhekk li konna qegħdin nagħmlu din l-emenda fil-liġi, mhux għax irridu nitfgħu lill-anzjani 'l barra, kif ħaseb l-Onor. Ivan Bartolo, imma għax fil-qorti hemm każistika ċara li titkellem b'dan il-mod, kemm fil-qorti lokali kif ukoll fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.

Issa se niġi wkoll għad-definizzjoni ma titwemminx li l-Membri tal-Oppożizzjoni taw għall-kelma "dar"! Il-kelliem ewlieni tal-Partit Nazzjonalista fuq dan il-qasam qalilna li issa anke kamra se tiġi meqjusa bħala dar. Li ma ndunax hu li d-definizzjoni ta' "dar" fl-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna qed tirreferi għal parti minn blokka ta' flats, u ħaseb li qed tirreferi għal xi kamra tas-sodda! Iva lanqas il-liġi ma jafu jaqraw?! Lanqas kapaċi jifhmu x'qegħdin ngħidu eżattament f'din is-sitwazzjoni?! Għalhekk, ikun tajjeb jekk infiehmu li le, l-ebda kamra ma tista' tingħata definizzjoni ta' dar. Dik id-definizzjoni ilha ċara fil-liġi Maltija, se tibqa' hekk, u se tkun qiegħda hemm biex tirregola lil dan is-settur.

Tajjeb infakkar lill-Onor. Ivan Bartolo, li skont hu għandna sitwazzjoni ta' kriżi għax kulħadd homeless, li f'Malta għandha fost l-inqas rati ta' housing cost overburden mill-Ewropa kollha. Ara x'qed jiġri fl-Ewropa, qabbel lil pajjiżna ma' pajjiżi Ewropej, u mbagħad hemmhekk ikollok ir-riżultati! Bħala Gvern aħna dejjem għedna b'mod konsistenti li aħna mhu se nittolleraw l-ebda abbuż, u fil-fatt huwa għalhekk li għal darb'oħra erġajna qegħdin hawnhekk biex inkomplu nsaħħu r-reputazzjoni tajba li għandu dan is-settur f'pajjiżna.

Irrid insemmi wkoll kemm hu faċli li tiġi hawn, fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż, tgħid li taf b'każijiet ta' overcrowding u tieqaf hemm. Jien nistieden lill-Onor. Ivan Bartolo biex jekk jaf b'xi każ ta' overcrowding jgħaddih lill-Awtorità tad-Djar u tittieħed azzjoni, kif għamilna matul is-sajf meta għamilna spezzjonijiet permezz ta' taskforce apposta biex stajna nieħdu konjizzjoni ta' min kien qed jabbuża mil-liġijiet ta' pajjiżna, u kien hemm anke żgumbramenti.

Ħalli nkompli nwieġeb għal dak li qalu l-kollegi tiegħi. L-Onor. Graziella Attard Previ qaltilna li hu kollu tort tal-Gvern li llum ġejna f'dan il-Parlament biex nemendaw il-liġi u mbagħad semmitilna l-prezzijiet tal-proprjetà. Għalhekk nerġa' nistaqsi: Tridu l-kontroll tal-prezzijiet? Għidulna x'se tagħmlu meta tkunu fil-gvern! Aħna niġu hawnhekk u ngħidulkom il-proposti tagħna. Jekk qegħdin teqirdu fuq il-prezzijiet relatati mal-kera tal-proprjetà, għidulna x'se tagħmlu! Se ddaħħlu l-kontroll fuq il-prezzijiet? Iva jew le?! In-nies hekk qegħdin jistennew. Jekk tridu ddaħħlu l-kontroll fuq il-prezzijiet tal-proprjetà, allura għidulhom lis-sidien tal-proprjetà li intom lesti li tmissulhom il-prezz tal-proprjetà tagħhom!

Semmew ukoll lill-barranin u qalulna anke li l-kuntratti tal-bejgħ qegħdin jonqsu, però hawnhekk tajjeb nirrimarka li l-prezz tal-proprjetà huwa kkontrollat mill-prezz tal-art, kif qal anke l-kollega l-Onor. Toni Bezzina. Il-prezz tal-art bilfors qed jogħla għax pajjiżna huwa żgħir u l-art hija limitata. Meta wieħed jiġi biex jiżviluppa jkollu ċerti miżuri restrittivi. Aktar ma ndaħħlu regolamenti marbuta mal-bini, aktar se tiżdied il-pressjoni fuq il-prezz tal-art, u aktar ma tonqos l-art għall-iżvilupp, il-prezz tal-art aktar se jogħla b'tali mod li sussegwentement dan jispiċċa jħalli effett anke fuq il-proprjetà nnifisha. Però aħna konna Gvern li matul dawn is-snin inċentivajna u qegħdin inniedu wkoll numru ta' skemi u inizjattivi favur l-affordabbiltà fil-qasam tad-djar biex ngħinu lill-familji jsiru sidien ta' djarhom. Biżżejjed insemmi l-iskema tal-equity sharing, u ta' min jgħid li qed nikkonsidraw li ngħinu anke permezz ta' miżuri oħrajn.

Il-kollega tiegħi l-Onor. Albert Buttigieg qal li hemm bżonn nitkellmu anke fuq l-istandards. Naqblu! M'hemmx dubju! Fil-fatt il-qafas prinċipali tal-Abbozz ta' Liġi li għandna quddiemna hu li għall-ewwel darba qed indaħħlu aktar standards wara li erba' snin ilu kellna l-ewwel esperjenza ta' liġi li tirregola s-suq tal-kera, però jasal ukoll iż-żmien li anke pajjiżna jkollu standards ewlenin relatati mal-proprjetà nnifisha.

Sur President, lil dawk li qegħdin isegwuna ngħidilhom li llejla erġajna assistejna għal Oppożizzjoni li mhi qed toffri xejn, tant li wieħed ma jafx fejn qiegħed magħha. X'differenza minna! Magħna wieħed jaf eżattament fejn qiegħed, inkluż f'dan is-settur. Illum aħna qed

nippreżentaw dawn l-emendi li fassalniehom b'konsultazzjoni għax aħna biss kapaċi mmexxu l-leġiżlazzjoni ta' pajjiżna 'l quddiem. Nirringrazzjak. (Onor. Membri: Hear, hear)

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Il-mistoqsija hi li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda liġijiet varji dwar il-kirjiet residenzjali privati u sabiex jagħmel dispożizzjonijiet anċillari u konsegwenzjali għalihom" ikun moqri t-tieni darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri t-tieni darba.*

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Roderick Galdes.

**ONOR. RODERICK GALDES:** Sur President, nipproponi li dan l-Abbozz ta' Liġi jiġi ttrattat mill-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. BYRON CAMILLERI (Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza):** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hi l-mozzjoni kif imressqa mill-Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra?

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con.*

## PERMESS TAL-KAMRA

**L-ISPEAKER:** Hawn permess sabiex jitressqu 11-il mozzjoni mingħajr avviż? (Onor. Membri: Iva)

*Il-permess ingħata.*

## MOZZJONIJIET

### SOSTITUZZJONI TA’ MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI DWAR IX-XOGĦOL TAL-KAMRA

**L-ISPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE (Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur):** Sur President, nipproponi:

Illi l-Kamra tirriżolvi li l-Onor. Paula Mifsud Bonnici tinħatar membru tal-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra minflok l-Onor. David Agius li kien nominat fuq l-istess Kumitat permezz tal-Mozzjoni 10 mgħoddija fis-Seduta 1 tas-7 ta’ Mejju 2022.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hi l-mozzjoni kif imressqa mid-Deputat Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con.*

### SOSTITUZZJONI TA’ MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ

**L-ISPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Sur President, nipproponi:

Illi l-Kamra tirriżolvi li l-Onor. Carmelo Mifsud Bonnici jinħatar membru tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej minflok l-Onor. Bernice Bonello li kienet nominata fuq l-istess Kumitat permezz tal-Mozzjoni 18 mgħoddija fis-Seduta 5 tas-16 ta’ Mejju 2022.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hi l-mozzjoni kif imressqa mid-Deputat Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con.*

## SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AFFARIJIET SOĊJALI

**L-ISPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Sur President, nipproponi:

Illi l-Kamra tirriżolvi li l-Onor. Albert Buttigieg jinħatar membru tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Soċjali minflok l-Onor. David Agius li kien nominat fuq l-istess Kumitat permezz tal-Mozzjoni 19 mgħoddija fis-Seduta 5 tas-16 ta' Mejju 2022: u

Illi l-Onor. Stephen Spiteri jinħatar membru sostitut fuq l-istess Kumitat.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hi l-mozzjoni kif imressqa mid-Deputat Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con.*

## SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI DWAL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U FINANZJARJI

**L-ISPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Sur President, nipproponi:

Illi l-Kamra tirriżolvi li l-Onor. Graham Bencini u l-Onor. David Agius jinħatru membri tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji minflok l-Onor. Ivan J. Bartolo u l-Onor. Mario de Marco rispettivament, li kienu nominati fuq l-istess Kumitat permezz tal-Mozzjoni 21 mgħoddija fis-Seduta 5 tas-16 ta' Mejju 2022.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hi l-mozzjoni kif imressqa mid-Deputat Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con.*

## SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI DWAR L-AMBJENT, IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP

**L-ISPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Sur President, nipproponi:

Illi l-Kamra tirriżolvi li l-Onor. Rebekah Borg tinħatar membru tal-Kumitat Permanenti dwar l-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar tal-Iżvilupp minflok l-Onor. Janice Chetcuti li kienet nominata fuq l-istess Kumitat permezz tal-Mozzjoni 28 mgħoddija fis-Seduta 5 tas-16 ta' Mejju 2022; u

Illi l-Onor. Eve Borg Bonello tinħatar membru sostitut fl-istess Kumitat.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hi l-mozzjoni kif imressqa mid-Deputat Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con.*

## SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI DWAR IS-SAĦĦA

**L-ISPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Sur President, nipproponi:

Illi l-Kamra tirriżolvi li l-Onor. Adrian Delia jinħatar membru tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa minflok l-Onor. Stephen Spiteri li kien nominat fuq l-istess Kumitat permezz tal-Mozzjoni 22 mgħoddija fis-Seduta 5 tas-16 ta' Mejju 2022.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hi l-mozzjoni kif imressqa mid-Deputat Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con.*

## SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI TAL-KONTIJIET DWAR L-UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-VERIFIKA

**L-ISPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Sur President, nipproponi:

Illi l-Kamra tirriżolvi li l-Onor. Stanley Zammit jinħatar membru tal-Kumitat Permanenti tal-Kontijiet dwar l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika minflok l-Onor. Rebekah Borg li kienet nominata fuq l-istess Kumitat permezz tal-Mozzjoni 27 mgħoddija fis-Seduta 5 tas-16 ta' Mejju 2022.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hi l-mozzjoni kif imressqa mid-Deputat Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con.*

## SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-KONTIJIET PUBBLIĊI

**L-ISPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Sur President, nipproponi:

Illi l-Kamra tirriżolvi li l-Onor. Claudette Buttigieg tinħatar membru tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi minflok l-Onor. David Agius li kien nominat fuq l-istess Kumitat permezz tal-Mozzjoni 17 mgħoddija fis-Seduta 5 tas-16 ta' Mejju 2022.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hi l-mozzjoni kif imressqa mid-Deputat Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con.*

## SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI GĦALL-AFFARIJIET TA' GĦAWDEX

**L-ISPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Sur President, nipproponi:

Illi l-Kamra tirriżolvi li l-Onor. Chris Said jinħatar membru tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex minflok l-Onor. Claudette Buttigieg li kienet nominata fuq l-istess Kumitat permezz tal-Mozzjoni 24 mgħoddija fis-Seduta 5 tas-16 ta' Mejju 2022.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hi l-mozzjoni kif imressqa mid-Deputat Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con.*

## SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FIL-KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-ĦATRIET PUBBLIĊI

**L-ISPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Sur President, nipproponi:

Illi l-Kamra tirriżolvi li l-Onor. Paula Mifsud Bonnici tinħatar Membru Sostitut tal-Kumitat Permanenti dwar il-Ħatriet Pubbliċi maħtur permezz tal-Mozzjoni 30 mgħoddija fis-Seduta 5 tas-16 ta' Mejju 2022.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hi l-mozzjoni kif imressqa mid-Deputat Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con.*

## SOSTITUZZJONI TA' MEMBRI FID-DELEGAZZJONI PARLAMENTARI MALTIJA GĦALL-ASSEMBLEA PARLAMENTARI TAL-UNJONI GĦALL-MEDITERRAN

**L-ISPEAKER:** Id-Deputat Prim Ministru.

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Sur President, nipproponi:

Illi l-Kamra tirriżolvi li fid-delegazzjoni parlamentari Maltija għall-Assemblea Parlamentari tal-Unjoni għall-Mediterran (PA-UfM) l-Onor. Bernice Bonello tinħatar membru sostitut minflok l-Onor. Graham Bencini li kien nominat membru sostitut fuq l-istess delegazzjoni permezz tal-Mozzjoni 34 mgħoddija fis-Seduta 5 tas-16 ta' Mejju 2022.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. ROBERT CUTAJAR:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Il-mistoqsija hi l-mozzjoni kif imressqa mid-Deputat Prim Ministru. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? Agreed.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con.*

**L-ISPEAKER:** Peress li, skont il-ftehim milħuq, il-votazzjonijiet għandhom jittieħdu fil-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħo, il-Kamra hija sospiża għal ftit minuti.

*Fis-6.56 p.m. il-Kamra ġiet sospiża u rriżumiet fis-7.04 p.m.*

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA LIĠIJIET VARJI DWAR L-ARREST U D-DETENZJONI MILL-PULIZIJA

## VARIOUS LAWS RELATING TO POLICE ARREST AND DETENTION (AMENDMENT) BILL

**L-ISPEAKER:** Il-Ministru Jonathan Attard.

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Sur President, nipproponi t-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar l-Arrest u d-Detenzjoni mill-Pulizija.

**L-ISPEAKER:** Min jissekonda?

**ONOR. NAOMI CACHIA:** Nissekonda.

**L-ISPEAKER:** Ninforma lill-Kamra li skont l-artikolu 66 tal-Kostituzzjoni, biex niddikjara l-vot fuq dan l-Abbozz ta' Liġi, għandi naċċerta ruħi li mill-inqas żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra, ċjoè 53 Membru, qegħdin jivvotaw favur. Inżid ngħid li se tintuża l-proċedura segwita fil-każ meta tintalab votazzjoni, jiġifieri l-vot se jiġi dikjarat minni wara li tkun għaddiet minuta, u peress li dan mhuwiex eżerċizzju ta' division, jekk xi Membru jidħol fil-Kamra waqt din il-minuta sakemm inkun għadni ma ddikjarajtx il-vot, il-Membru jista' jagħmel l-għażla tiegħu.

Il-mistoqsija hi li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att li jemenda liġijiet varji dwar l-arrest u d-detenzjoni mill-pulizija ta' persuni suspettati li wettqu delitti serji" jkun moqri t-tielet darba.

**FAVUR: 73**

Abela Carmelo
Abela Jo Etienne
Abela Robert
Agius Chris
Agius David
Agius Galea Malcolm Paul
Aquilina Karol
Attard Jonathan
Attard Previ Graziella
Azzopardi Charles
Azzopardi Tanti Keith
Bartolo Clayton
Bartolo Ivan
Bartolo Ivan J.
Bedingfield Glenn

Bencini Graham
Bezzina Toni
Bonello Bernice
Bonett Chris
Bonnici Owen
Borg Alex
Borg Ian
Borg Rebekah
Borg Bonello Eve
Bugeja Said Alicia
Buttigieg Albert
Buttigieg Claudette
Cachia Naomi
Callus Ryan
Camilleri Byron
Camilleri Clint
Carabott Darren
Caruana Cilia Jerome
Castillo Ivan
Chetcuti Janice
Cutajar Robert
Cutajar Rosianne
Dalli Miriam
De Giovanni Katya
De Marco Mario
Debattista Deo
Delia Adrian
Ellul Andy
Falzon Michael
Farrugia Aaron
Farrugia Michael
Farrugia Omar
Farrugia Portelli Julia
Fearne Chris
Fenech Adami Beppe
Galdes Roderick
Galea Cressida
Galea Graziella
Giglio Joe
Grech Bernard
Grima Clifton
Mifsud Bonnici Carmelo
Mifsud Bonnici Paula
Muscat Alex
Refalo Anton
Sammut Mark Anthony
Sammut Hili Davina
Schembri Justin
Schembri Silvio
Spiteri Stephen
Spiteri Grech Amanda
Vassallo Ian
Zahra Julie
Zammit Stanley
Zammit Lewis Edward
Zarb Romilda
Zerafa Civelli Alison
Zrinzo Azzopardi Stefan

**L-ISPEAKER:** Peress li n-numru ta' Membri favur il-mozzjoni mhuwiex anqas minn żewġ terzi tal-Membri kollha tal-Kamra, niddikjara li l-mozzjoni ġiet approvata skont l-artikolu 66 tal-Kostituzzjoni.

*Il-mozzjoni għaddiet nem. con. u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri t-tielet darba u għadda.*

## ABBOZZ TA' LIĠI LI JEMENDA VARJI LIĠIJIET DWAR IR-RIKAVAT MILL-KRIMINALITÀ

## VARIOUS LAWS RELATING TO PROCEEDS OF CRIME (AMENDMENT) BILL

**L-ISPEAKER:** Peress li aktar kmieni ntalbet votazzjoni fuq it-Tielet Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda Varji Liġijiet dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, se nerġa' npoġġi l-mistoqsija.

Il-mistoqsija hi li l-Abbozz ta' Liġi msejjaħ "Att sabiex jemenda varji liġijiet dwar ir-rikavat mill-kriminalità" jkun moqri t-tielet darba. Dawk favur? (Onor. Membri: Aye) Dawk kontra? (Onor. Membri: No) Carried.

**ONOR. MEMBRU:** Division.

**L-ISPEAKER:** Qed tintalab votazzjoni u skont il-ftehim milħuq, din se tittieħed issa stess.

**VOTAZZJONI NRU 149**

**FAVUR: 39**

**L-Onor.**

Abela Carmelo
Abela Jo Etienne
Abela Robert
Agius Chris
Agius Galea Malcolm Paul
Attard Jonathan
Azzopardi Tanti Keith
Bartolo Clayton
Bedingfield Glenn
Bonett Chris
Bonnici Owen
Borg Ian
Bugeja Said Alicia
Cachia Naomi
Camilleri Byron
Camilleri Clint
Cutajar Rosianne
Dalli Miriam
De Giovanni Katya
Debattista Deo
Ellul Andy
Falzon Michael
Farrugia Aaron
Farrugia Michael
Farrugia Omar
Farrugia Portelli Julia
Fearne Chris
Galdes Roderick
Galea Cressida
Grima Clifton
Muscat Alex
Refalo Anton
Sammut Hili Davina
Schembri Silvio
Spiteri Grech Amanda
Zammit Lewis Edward
Zarb Romilda
Zerafa Civelli Alison
Zrinzo Azzopardi Stefan

**KONTRA 34**

**L-Onor.**

Agius David
Aquilina Karol
Attard Previ Graziella
Azzopardi Charles
Bartolo Ivan
Bartolo Ivan J.
Bencini Graham
Bezzina Toni
Bonello Bernice
Borg Alex
Borg Rebekah
Borg Bonello Eve
Buttigieg Albert
Buttigieg Claudette
Callus Ryan
Carabott Darren
Caruana Cilia Jerome
Castillo Ivan
Chetcuti Janice
Cutajar Robert
De Marco Mario
Delia Adrian
Fenech Adami Beppe
Galea Graziella
Giglio Joe
Grech Bernard
Mifsud Bonnici Carmelo
Mifsud Bonnici Paula
Sammut Mark Anthony
Schembri Justin
Spiteri Stephen
Vassallo Ian
Zahra Julie
Zammit Stanley

*Il-mozzjoni għaddiet u l-Abbozz ta' Liġi ġie moqri t-tielet darba u għadda.*

**L-ISPEAKER:** Insejjaħ lill-Ministru Jo Etienne Abela biex, jekk jogħġbu, iressaq l-aġġornament.

## AĠĠORNAMENT

**ONOR. JO ETIENNE ABELA (Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva):** Sur President, nipproponi l-Aġġornament tal-Kamra għal għada l-Erbgħa, 31 ta' Jannar 2024, fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**Ordnijiet tal-Ġurnata**

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 8) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 9) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 5) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 6) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar it-Twaqqif ta' Kumitat għar-Rakkomandazzjonijiet ta' Miżuri għall-Ħarsien ta' Ġurnalisti, Persuni oħra b'irwol fil-Midja u Persuni fil-Ħajja Pubblika - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kostituzzjoni ta' Malta - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Diversi Liġijiet dwar il-Protezzjoni tal-Midja u tal-Ġurnalisti - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi dwar il-Monitoraġġ Elettroniku - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jimplimenta Miżuri tal-Estimi - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili (Emenda Nru 2) - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi fuq Azzjoni dwar il-Klima - Tieni Qari;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent - Tieni Qari;

Mozzjoni Nru 208 – Mozzjoni li temenda l-Avviż Legali 270 tal-2023 – Kontinwazzjoni.

-----

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 11) - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 7) - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Kriminali (Emenda Nru 10) - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Governanza Sportiva u l-Integrità fl-Isport (Emenda Nru 2) - Kumitat Permanenti;

Abbozz ta' Liġi li jemenda Liġijiet Varji dwar il-Kirjiet Residenzjali Privati - Kumitat Permanenti.

**L-ISPEAKER:** Rimarki? Il-Ministru Jo Etienne Abela.

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Sur President, nixtieq nuża dawn il-ftit minuti tal-aġġornament biex nitkellem dwar kunċett li pprovajna niżviluppaw fil-qasam tal-anzjanità tul dawn l-aħħar sentejn. Qed nirreferi għall-kunċett tal-kura intermedjarja, kunċett li huwa għal qalbi mhux ħażin. Forsi ħafna minna jafu xi jfissru l-frażijiet "kura primarja" u "kura sekondarja", però għall-benefiċċju ta' kulħadd se nagħti spjegazzjoni żgħira ta' dawn iż-żewġ tipi ta' kura biex imbagħad inkun nista' niffoka fuq il-kura intermedjarja.

Nibda billi ngħid li biex inkunu nistgħu noffru l-kura primarja, it-tabib tal-familja huwa kruċjali, u allura aħna bħala Gvern għandna sistema ta' bereġ, ta' polikliniċi u ta' kliniċi privati għal dan il-għan. Però apparti t-tobba, fil-kura primarja

aħna noffru wkoll is-servizzi ta' professjonisti oħrajn, bħalma huma l-infermiera, il-carers, il-podiatrists u r-radiographers. Dawn il-professjonisti kollha li nsibu fil-kura primarja jingħaqdu b'għan wieħed, li joffru l-ewwel tip ta' kura medika li l-pazjenti jkollhom bżonn.

Matul dawn l-aħħar snin il-kura primarja f'pajjiżna ġiet żviluppata sew b'ħafna bereġ u poliklinići, kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex, li jew qed jiġu msebbħa u modernizzati jew inkella qed jinfetħu mill-ġdid. Dan huwa tajjeb, għax wara kollox binjiet bħal dawn fil-qasam tal-kura primarja huma s-sisien li aħna se nkomplu nibnu fuqhom. Il-kunċett diġà qiegħed hemm, jiġifieri aħna diġà għandna bażi soda fuq xiex naħdmu u kulma nixtiequ hu li nirfinaw dan il-kunċett daqsxejn aktar.

Min-naħa l-oħra, meta nitkellmu fuq kura sekondarja nkunu qed nirreferu għal meta l-pazjent jiġi riferut ġo sptar jew klinika speċjalizzata minħabba li jkollu bżonn jirċievi kura ta' livell ogħla. Ta' min jgħid li l-kura sekondarja tingħata fl-Isptar Mater Dei, fis-Sir Anthony Mamo Oncology Centre (SAMOC), fir-residenza San Vinċenz De Paul u anke fil-poliklinići li għandna mifruxa madwar Malta u Għawdex. Hawnhekk ma nistax ma nsemmix ukoll il-Vincent Moran Regional Healthcare Hub ġewwa Raħal Ġdid, li dalwaqt se jkun qed joffri l-kura sekondarja huwa wkoll. Tajjeb inżid li l-kura sekondarja tinkludi anke kura ta' emerġenza, operazzjonijiet minuri, operazzjonijiet intermedji u saħansitra operazzjonijiet serji u komplessi. Anke s-servizzi tal-kimoterapija u tar-radjoterapija li jingħataw dawk il-pazjenti li għandhom il-marda tal-kanċer jaqgħu taħt il-kura sekondarja.

Mela s'issa semmejt il-pilastri tal-kura primarja u l-kura sekondarja. Allura fejn jidħol il-kunċett tal-kura intermedjarja? L-ewwel nett dan il-kunċett ma ivvintajniehx aħna f'pajjiżna imma huwa kunċett li jeżisti f'pajjiżi barranin. Fil-fatt, dan il-kunċett diġà jintuża xi ftit jew wisq f'Malta, imma forsi m'aħniex daqshekk konxji tiegħu. Aħna nixtiequ li l-kura intermedjarja tagħmel differenza fil-kura tal-anzjani, u se nispjega kif.

Qabelxejn tajjeb nispjega li din it-tip ta' kura tikkumplimenta l-kura primarja. Ejja ngħidu li għandna pazjenta anzjana li tiġi identifikata mill-professjonisti tal-kura primarja bħala "frail", jiġifieri li din il-persuna jkollha bżonn għajnuna li ma tirrikjedix li tintbagħat fi sptar imma tirrikjedi tip ta' terapija jew kura li jekk nagħtuhielha fil-ħin, nevitawlha li tmur ġo sptar. Mela fi ftit kliem, din it-tip ta' kura intermedjarja tidħol speċi ta' feles bejn il-kura primarja u l-kura sekondarja. Il-kunċett ta' kura intermedjarja huwa bażiku, meta jiġu riferuti għandna pazjenti li m'għandhomx kondizzjonijiet daqstant serji li jirrikjedu li jmorru fi sptar akut, bħalma hu l-Isptar Mater Dei u l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, imma għandhom bżonn tip ta' kura li forsi ma tistax tingħata d-dar. Ħalli nġib eżempju ta' xi ħadd li jbati minn dehydration wara li jkollu sintomi ta' dijarea. Jekk persuna tkun anzjana, anke episodji żgħar ta' dawn is-sintomi fl-imsaren jistgħu jwasslu għal dehydration.

Għalhekk meta aħna nsiru nafu b'dawn il-persuni li aħna qed insejħulhom "frail", qed nibagħtuhom fis-sala tal-kura intermedjarja li nfetħet fir-residenza San Vinċenz de Paul. Hemmhekk jingħataw terapija ffokata għal dik il-problema u b'hekk nevitawlhom li jmorru l-Isptar Mater Dei. Fl-aħħar mill-aħħar l-għan tagħna hu li l-persuna tirpilja ħalli terġa' tmur lura fid-dar u fil-komunità tagħha biex tkompli tgħix u tgawdi kwalità ta' ħajja tajba.

Ta' min isemmi wkoll li filwaqt li dan il-kunċett ta' kura intermedjarja jkompli jinkoraġġixxi lill-anzjani biex jibqgħu jgħixu fil-komunità u jgawdu l-indipendenza tagħhom, iservi wkoll biex inaqqas l-istress li naraw fl-isptarijiet akuti, jiġifieri fl-Isptar Mater Dei u fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex. Biżżejjed ngħid li għal kull każ ta' kura intermedjarja li jinqala' aħna se nevitaw traġitt għall-isptar u kura ġol-isptar.

Madankollu rrid nenfasizza li aħna introduċejna dan il-kunċett primarjament bil-għan li nkomplu ntejbu l-kwalità tal-ħajja tal-anzjani. Jekk ma noqogħdux attenti ħafna, meta anzjan jidħol ġewwa sptar akut bħalma hu l-Isptar Mater Dei jista' jgħaddi minn dak il-proċess li l-Ingliżi jsejħulu deconditioning. Il-kelma "deconditioning" tirreferi għal meta persuna ssib ruħha ġo sodda f'ambjent li mhuwiex familjari għaliha u f'ambjent b'attività qawwija bħalma, kif nafu, ikun ambjent ġewwa sptar akut, u f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa faċli ħafna għal din il-persuna li tibda tbati b'defiċjenzi fin-nutrizzjoni, fl-eżerċizzju u fil-mobbiltà. Fil-fatt, din it-tip ta' kondizzjoni tista' twassal sabiex fi ftit jiem biss, il-pazjent jaqta' qalbu li meta joħroġ

mill-isptar se jerġa' jkompli jgħix fid-dar tiegħu u jerġa' jifforma parti mill-komunità. Aħna dan it-tip ta' ċiklu vizzjuż irridu nqaċċtuh, u għalhekk kien ta' pjaċir għalina li nvaraw din it-tip ta' terapija intermedjarja.

Nixtieq nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzja lil kull min emmen f'dan il-kunċett, fosthom il-ġerjatri, il-physiotherapists, l-occupational therapists, l-ispeech and language pathologists, it-tobba li jispeċjalizzaw fil-ġerjatrija, l-infermiera, il-carers u t-tim kollu. Dan huwa proċess ħolistiku li jien nixtieq u nawgura li jkun suċċess f'pajjiżna. Ir-riżultati li ħarġu s'issa mill-proġett pilota jidhru inkoraġġanti ħafna, tant li llum fir-Residenza San Vinċenz de Paul ftaħna sala li hi ddedikata proprju għall-kura intermedjarja.

Aħna tant ninsabu konvinti li dan huwa proġett li se jirnexxi li flimkien mal-partners tagħna barranin qegħdin naħsbu għall-quddiem u ma ndumux ma nvaraw espressjoni ta' interess ħalli naraw fejn jista' jkollna faċilità għall-kura intermedjarja ikbar li tkun tista' taqdi l-poplu tagħna aħjar. Fil-fatt, waħda mill-advisors tagħna, il-Prof. Anne Hendry, li inzertat hija s-segretarja onorarja tal-British Geriatrics Society, se tkun Malta fi ftit jiem oħra. Hawnhekk qed nitkellem biss fuq Malta, però dan il-kunċett diġà ddiskutejnieh mal-ġerjatra li joffri s-servizzi tiegħu ġewwa l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex.

Sur President, dan huwa kunċett li xi ftit jew wisq jorbot ma' kunċett ieħor, dak tal-hospital at home. Il-hospital at home huwa kunċett daqsxejn iżjed rivoluzzjonarju fejn qegħdin nissottomettu lil diversi persuni u anzjani fil-komunità li jibbenefikaw minn kura ffokata ġewwa d-dar tagħhom stess u b'hekk nevitawlhom l-iskariġġ li jkollhom joħorġu mid-dar tagħhom. Bħal fil-każ tal-kura intermedjarja, il-hospital at home mhuwiex xi kunċett li ivvintajnieh hawn Malta imma huwa kunċett li diġà jeżisti fl-Italja, fl-Ingilterra, fl-Iskozja, fl-Irlanda u fi Spanja, fejn dan il-kunċett huwa żviluppat sew.

Sur President, aħna nixtieqa li dawn il-kunċetti tal-kura intermedjarja u tal-hospital at home jallaċċjaw mal-kura eċċellenti li diġà tiġi offruta f'pajjiżna fil-qasam tal-kura primarja biex kemm jista' jkun nevitaw l-istress kif ukoll l-iskariġġ u t-tbatija li l-anzjani tagħna jkollhom jiffaċċjaw meta jintbagħtu ġo sptar b'attività qawwija u akuta. Nirringrazzjak.

**L-ISPEAKER:** Grazzi. Sar il-ħin. Il-Kamra hija aġġornata għal għada l-Erbgħa, 31 ta' Jannar 2024, fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mill-Ministru Jo Etienne Abela.

*Fis-7.26 p.m. il-Kamra aġġornat mingħajr ma saret il-mistoqsija.*

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI MWIEĠBA BIL-MIKTUB

### MINISTERU GĦAT-TURIŻMU – PUNCH CLOCK

**13049. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-punch clock fil-Ministeru tiegħu ġiex installat għall-ħaddiema taċ-Ċivil biss u mhux għall-ħaddiema tal-kuntrattur u tas-Segretarjat tiegħu wkoll?

**ONOR. CLAYTON BARTOLO (Ministru għat-Turiżmu):** Ma ġie installat l-ebda punch clock fil-Ministeru bil-mod kif qed issir referenza għalih.

### TALBA GĦAL ĦLAS TA' MULTI MINN SIDIEN

**13092. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid għaliex sid irid iħallas għall-multi li jkun għamel inkwilin li jkun telaq mill-fond u s-sid ma jistax japplika għall-permess mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar qabel jitħallsu dawn il-multi?

**ONOR. CLINT CAMILLERI (Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar):** Is-subartikolu 73(1)(b) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp (Kap. 552) tal-2016 jipprovdi li:

> "… m'għandhiex tiġi aċċettata u pproċessata applikazzjoni jew m'għandux jingħata permess taħt dan is-subartikolu sakemm min japplika jew il-predeċessur tiegħu fit-titolu ma jkunx:
>
> (b) ħallas dawk il-multi jew għamel dawk il-ħlasijiet li jistgħu jkunu dovuti fuq is-sit mertu tal-applikazzjoni."

Għalhekk kull sid ta' art jew proprjetà huwa responsabbli li jara li l-inkwilin ma jwettaq l-ebda żvilupp illegali u, f'każ kuntrarju, jara li għandu l-mezzi li jiġbor lura spejjeż li wieħed jidħol fihom meta dan iseħħ.

### PERSUNI HOMELESS – STATISTIKA

**13093. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra statistika ta' kemm persuni kienu rikonoxxuti bħala homeless fil-perjodu 2013-2022?

**ONOR. RODERICK GALDES:** L-Awtorità tad-Djar mhix l-Awtorità li tiġbor din il-lista. Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

### IL-MOSTA – NEFQA FUQ TRIQ U ROUNDABOUT

**13094. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9117, jista' l-Ministru jgħid lil min tħallsu l-€1.7 miljun għax-xogħol li sar fi Triq id-Difiża Ċivili?

**ONOR. CHRIS BONETT (Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi):** B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 9117, il-ħlasijiet saru lil Excel Sis, B. Grima & Sons Ltd, Samuel Micallef u Peter Calleja.

### KAŻ TA' INDIVIDWU

**13307. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11338, jista' l-Ministru jgħid xi żviluppi hemm fuq il-każ tal-individwu li d-dettalji tiegħu qed jintbagħtu separatament? Jista' jgħid ukoll meta ser issir din l-operazzjoni?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħtina aktar tagħrif dwar l-individwu u dwar il-każ tiegħu.

### SENTENZI MILL-QORTI GĦAL SERVIZZI FIL-KOMUNITÀ

**14179. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu sentenzi għal servizzi

fil-komunità mill-Qorti f'dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kif il-Qorti tagħmel monitoraġġ biex tara li s-sentenza għal servizz fil-komunità twettqet u kif jiġi aċċertat li persuni vulnerabbli jkunu protetti f'dan il-proċess?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** It-tabella hawn taħt turi kemm ingħataw sentenzi għal servizzi fil-komunità mill-Qrati ta' Malta:

| Sena | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 |
|---|---|---|---|---|---|
| Community Service Order | 36 | 7 | 12 | 25 | 29 |
| Combination Order | 2 | 2 | 5 | 2 | 9 |

Id-data dwar Combination Orders qed tingħata minkejja li hemm numru ta' ordnijiet ta' servizz fil-komunità li jkunu kombinati ma' elementi oħra li joħorġu mill-Att dwar il-Probation. Mill-Qrati ta' Għawdex ingħatat sentenza waħda għal servizz fil-komunità, liema sentenza ġiet mogħtija fis-sena 2019. Fir-rigward tat-tieni parti tal-mistoqsija, il-monitoraġġ isir mill-Probation Officers skont il-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**SOCIAL WORK U SOCIAL POLICY COURSES – STUDENTI ĠODDA**

**14180. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu studenti ġodda tas-social work u social policy din is-sena (2023-2024)? Jista' jgħid ukoll kemm daħlu social workers għall-Masters in Social Work (MSW) din is-sena (2023-2024) u kemm hemm studenti li qed jagħmlu l-MSW bħalissa?

**ONOR. CLIFTON GRIMA (Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni):** In-numru ta' studenti li bdew isegwu kors fil-Bachelor of Arts (Honours) in Social Policy or in Social Work fis-sena akkademika 2023/24 huwa ta' 14-il student.

In-numru ta' studenti li bdew isegwu kors fil-Master of Social Work fis-sena akkademika 2023/24 huwa ta' sebgħa.

In-numru totali ta' studenti li qegħdin isegwu l-kors ta' Master of Social Work fl-Università ta' Malta huwa ta' 18-il student. Dan jinkludi s-seba' studenti li bdew f'din sena akkademika.

**SOCIAL WORKERS IGGRADWATI**

**14181. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm iggradwaw social workers bil-B.A. (Hons.) u l-Masters in Social Work (MSW) din is-sena?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** F'Novembru li għadda ggradwaw 13-il student mill-kors ta' Bachelor of Arts (Honours) in Social Work mill-Università ta' Malta.

**KORS TAS-SOCIAL WORK – ŻIEDA FL-ISTIPENDJU**

**14182. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk iż-żieda fl-istipendju ta' €64 hijiex ta' inċentiv biżżejjed biex tattira żgħażagħ għall-kors tas-social work? Jista' jgħid ukoll kemm kien jagħmel sens li din iż-żieda titħabbar fit-30 ta' Settembru meta l-istudenti jibdew il-kors fil-bidu ta' Ottubru?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Kif inhu mħabbar fir-Riforma tal-Korsijiet Preskritti u ta' Prijorità Għolja, il-kors ta' Social Work ġie elevat minn kors eliġibbli għal general stipend ta' €106.91 għal kors Preskritt li jfisser stipendju ta' €187.09 u għalhekk, għall-kuntrarju li qalet l-Onor. Interpellant, iż-żieda fl-istipendju hija ta €80.18 li jfisser żieda ta' €801.80 kull sena akkademika.

Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li r-Riforma tal-Korsijiet Preskritti u ta' Prijorità Għolja hija intiża li tagħti direzzjoni u tgħin addizzjonalment dawk il-korsijiet li l-pajjiż għandu ħtieġa għalihom. Tajjeb li nfakkru li fuq tliet snin li ġejjin, il-Gvern ser jkun qed jinvesti €6.5 miljun li minnhom huwa stmat li se jibbenifikaw madwar 4,400 student fi 48 kors Preskritt jew ta' Prijorità għolja.

**VJOLENZA DOMESTIKA – KAŻIJIET**

**14183. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-

Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet pendenti ta' vjolenza domestika sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari u kemm kien hemm każijiet ta' vjolenza domestika konklużi bejn l-2018 u l-2023, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll:
a. x'kien il-ġeneru tal-vittmi u tal-perpetrators f'dawn il-każijiet;
b. f'kemm minn dawn il-każijiet inħareġ ordni ta' trattament lill-perpetrators;
ċ. f'kemm minn dawn il-każijiet il-perpetrators intbagħtu għall-programm STOP – Appoġġ; u
d. f'kemm minn dawn il-każijiet inħareġ ordni ta' protezzjoni?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** In-numru ta' kawżi pendenti ta' vjolenza domestika huwa ta' 2129.

L-ammont ta' każijiet ta' vjolenza domestika konklużi għas-snin 2018 sa 2023 kien kif indikat fit-tabella ta' hawn taħt:

| Sena | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Każijiet Konklużi | 479 | 352 | 158 | 374 | 493 | 1,054 |

Rigward mistoqsija:
a. Ma tinżammx statistika f'dan ir-rigward.
b. Inħarġu 23 ordni ta' trattament lill-perpetrators.
ċ. Ma tinżammx statistika f'dan ir-rigward.
d. L-ammont ta' ordnijiet ta' protezzjoni huma fl-ammont indikat fit-tabella t'hawn taħt. Din l-istatistika bdiet tinġabar mis-sena 2020.

| Sena | 2020 | 2021 | 2022 | 2023 |
|---|---|---|---|---|
| Ordnijiet ta' Protezzjoni* | 91 | 48 | 88 | 97 |

*In-numri indikati huma ta' ordnijiet ta' protezzjoni kemm f'kawżi diġà konklużi kif ukoll f'dawk li għadhom pendenti.

## VJOLENZA DOMESTIKA – KAŻIJIET KONKLUŻI

**14184. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-każijiet ta' vjolenza domestika konklużi bejn l-2018 u l-2023, f'kull sena, il-perpetrator ġie ordnat iħalli d-dar matrimonjali jew id-dar tal-koppja?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Din l-informazzjoni ma tistax tingħata peress li ordnijiet ta' dan it-tip ġeneralment jingħataw permezz ta' digriet fil-proċeduri li tagħhom ma tinżammx statistika.

## MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14729. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-work from home u/jew telework u/jew remote working approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll ir-raġunijiet għal dawn l-approvals?

**ONOR. ANTON REFALO (Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali):** L-informazzjoni qed tinġabar u ser tingħata f'xi seduta oħra.

## MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14730. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-work from home u/jew telework u/jew remote working approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll ir-raġunijiet għal dawn l-approvals?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

## MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14731. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-work from home u/jew telework u/jew remote working approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll ir-raġunijiet għal dawn l-approvals?

**ONOR. MIRIAM DALLI (Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir):** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

## MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14732. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-work from home u/jew telework u/jew remote working approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'din l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' tgħid ukoll ir-raġunijiet għal dawn l-approvals?

**ONOR. CLYDE CARUANA (Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol):** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li ma hemm ebda talba f'dan ir-rigward.

## MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14733. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-work from home u/jew telework u/jew remote working approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll ir-raġunijiet għal dawn l-approvals?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 14725.

## MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI

**14734. L-ONOR. ROSIANNE CUTAJAR** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14115, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-work from home u/jew telework u/jew remote working approvals relatati mal-persuni kollha li ssemmew f'dik l-istess tweġiba għall-perjodu mill-ewwel ġurnata tal-impjieg ta' dawn il-persuni sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll ir-raġunijiet għal dawn l-approvals?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14726.

## MINISTERU GĦALL-ARTIJIET U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI – DEPUTATI TAL-GVERN

**14845. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux

b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn April 2013 sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI (Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali):** It-tagħrif qed jinġabar.

## MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI – DEPUTATI TAL-GVERN

**14846. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn April 2013 sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** L-informazzjoni qed tinġabar.

## MINISTERU GĦAS-SAĦĦA U L-ANZJANITÀ ATTIVA – DEPUTATI TAL-GVERN

**14847. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett finanzjarju tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn April 2013 sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni qed tinġabar.

## MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U X-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI – DEPUTATI TAL-GVERN

**14848. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid min kienu/huma d-Deputati tal-Gvern, li minn April 2013 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kienu/huma impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern għandu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu/qegħdin iservu, il-kariga li kienu/qed jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, id-data sakemm baqgħu ingaġġati dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien/hu l-pakkett

finanzjarju tagħhom? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn April 2013 sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. CHRIS BONETT:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZZJONI**

**14849. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. ROBERT ABELA (Prim Ministru):** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

**MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – DEPUTATI TAL-OPPOŻIZJONI**

**14850. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jgħid min kienu d-Deputati tal-Oppożizzjoni, li minn Marzu 2008 sa Jannar 2013 kienu impjegati fiċ-ċivil, jew fis-servizz pubbliku, jew f'kumpaniji/banek fejn il-Gvern kellu b'xi mod interess minoritarju jew maġġoritarju, jew f'aġenziji, entitajiet, jew awtoritajiet regolatorji fid-dekasteru li għalih hu responsabbli u jekk hemm persuni identifikati, jiġi indikat fejn kienu jservu, il-kariga li kienu jokkupaw, id-data tal-ingaġġ ta' dawn il-persuni, b'liema mod kienu impjegati (jekk hux b'sejħa pubblika, eċċ.) u kemm kien il-pakkett finanzjarju tagħhom?

Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-attendenza tax-xogħol u/jew timesheets, il-work from home u/jew telework u/jew remote working u l-ispecial leave requests u approvals relatati mal-persuni hawn fuq imsemmija għall-perjodu bejn Marzu 2008 sa Jannar 2013 jew sal-ġurnata li baqgħu fl-impjieg tagħhom?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

**UFFIĊĊJU NAZZJONALI TAL-ISTATISTIKA – ĊIFRI DWAR IL-POPOLAZZJONI**

**14971. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-popolazzjoni ta' kull lokalità (kull lokalità kif definita fl-Att dwar il-Kunsilli Lokali) skont l-aħħar ċifri tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika? Jista' jgħid ukoll meta dawn iċ-ċifri dwar popolazzjoni ta' kull lokalità ġew ippubblikati l-aħħar, fejn ġew ippubblikati u jqiegħed kopja fuq il-Mejda tal-Kamra?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

L-aħħar ċifri mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika (stimi tal-1 ta' Jannar 2023) ġew ippublikati fil-Gazzetta tal-Gvern tal-Ġimgħa 22 ta' Settembru 2023 (paġna 10,825).

L-istess informazzjoni hija ppubblikata fuq is-sit tal-NSO.

**L-GĦASRI – TRIQ TAL-LANTERNA – XOGĦLIJIET**

**14972. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-

Ministru jgħid meta bdew ix-xogħlijiet (xahar u sena) fi Triq tal-Lanterna, limiti tal-Għasri u kemm-il xahar ilha magħluqa din it-triq? Meta se jitlestew dawn ix-xogħlijiet u kemm se jiswew? Jista' jelenka x-xogħlijiet li twettqu jew li għad iridu jitwettqu f'din it-triq?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ix-xogħlijiet fuq din it-triq bdew lejn l-aħħar tas-sena 2020. Il-parking ta' fuq ilu aċċessibbli mill-bidu tal-2022. Ix-xogħlijiet li tlestew fuq din it-triq jinkludu l-pedamenti għall-ħitan tas-sejjieħ, it-trinek għas-servizzi, u l-bini tal-ħitan tas-sejjieħ sal-parkeġġ ta' fuq.

Bdew ukoll, u tlestew, ix-xogħlijiet fuq il-konsolidazzjoni tal-parti ta' fuq tat-triq fuq in-naħa tax-xellug, u issa ser jibdew ix-xogħlijiet fuq il-konsolidazzjoni tal-ħajt tan-naħa tal-lemin li qiegħed iżomm il-parti l-wieqfa tat-triq.

### ĠBIR TA' SKART MATUL L-2023

**14973. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet l-ispiża ta' kull reġjun fuq il-ġbir tal-iskart matul is-sena 2023? Kemm ġabar flus għall-ġbir tal-iskart kull reġjun mingħand il-Kunsill Lokali li jaqa' taħtu? Jista' jgħid ukoll jekk kienx hemm differenza bejn dak li r-reġjun ġabar u dak li għandu jħallas għall-ġbir tal-iskart għal matul is-sena 2023? Jekk iva, minn fejn ser titħallas din id-differenza?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

### SEJĦA TD-T-3733-2023 (6349) – XOGĦOL

**14974. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid f-liema xahar tas-sena hu maħsub li jibda x-xogħol relatat mas-sejħa 'TD-T-3733-2023 (6349) - TRENCHING AND CABLE LAYING WORKS TO ENERGIZE SHILANDI SUBSTATION XLENDI IN AN ENVIRONMENTALLY FRIENDLY MANNER'? Tista' tgħid ukoll kemm hu stmat li se jiġi jiswa x-xogħol kollu relatat ma' din is-sejħa?

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ix-xogħol inkwistjoni jkun jista' jibda meta l-iżviluppatur privat ilesti l-binja tas-substation li hemm bżonn ġewwa l-iżvilupp li qed jagħmel u jgħaddiha lill-Enemalta. Dan ix-xogħol huwa stmat li ser jiġi jiswa madwar €120,000 u mistenni jieħu madwar xahrejn minn meta jibda.

### GĦAWDEX – TISWIJA TA' TOROQ RESIDENZJALI

**14975. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-bini u t-tiswija ta' toroq residenzjali ġewwa Għawdex hijiex responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali Għawdxin?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Filwaqt li l-bini tat-toroq residenzjali mhuwiex fir-responsabbiltà tal-Kunsilli Lokali Għawdxin, it-tiswijiet tagħhom hekk kif stipulat fl-Att dwar il-Gvern Lokali huma responsabbiltà tal-kunsilli lokali.

### PROPOSTI DWAR ŻVILUPP F'GĦAWDEX

**14976. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Fid-dawl li aktar minn 30 proposta kienu saru mis-Sindki kollha Għawdxin f'rapport li ppreżentaw lill-predeċessur tiegħu dwar l-iżvilupp f'Għawdex fil-bidu ta' April 2021, jista' l-Ministru jgħid kemm fil-fatt ġew attwati sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll fiex wasal ix-xogħol f'kull każ u fuq kull waħda minn dawn il-proposti u meta hu mistenni li jitwettaq? Jekk hemm minn dawn il-proposti li ma ġewx aċċettati mill-Gvern, jista' jgħid liema huma u x'inhi r-raġuni li ma ġewx aċċettati?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Il-GRDA nediet l-istrateġija għall-għaxar snin li ġejjin, liema strateġija involviet l-istakeholders kollha u hemm qbil dwarha.

Fix-xhur li ġejjin ser jibdew il-proċessi sabiex din il-viżjoni tiġi implimentata.

**DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI – PERSUNI INGAĠĠATI**

**15017. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il persuna hemm ingaġġata mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, u jaqsam din it-tabella tal-informazzjoni skont id-dipartiment u l-irwol li huma assenjati li joperaw fih?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni tinsab fit-tabella t'hawn taħt.

| | |
|---|---|
| Director General | 1 |
| Chief Assistance and Rescue Officers | 9 |
| Station Officers | 27 |
| Architect and Civil Engineer | 1 |
| Leading Assistance and Rescue Officers | 61 |
| Assistance and Rescue Officers (3 on unpaid leave and 1 suspended) | 152 |
| ERL employees | 8 |
| RSSL employees | 1 |
| Director | 2 |
| Senior Manager | 1 |
| Assistant Correctional Manager | 1 |
| Nurse | 1 |
| Detention Service Officer | 1 |
| Principal (of which one is carrying duties with a VO) | 3 |
| Assistant Principals | 3 |
| Clerks | 4 |
| Tradesman | 1 |
| Labourer (one suspended) | 2 |
| Trainee Assistance and Rescue Officer | 64 |
| **Total** | **343** |

**DIPARTIMENT TAS-SIGURTÀ FL-AVJAZZJONI – PERSUNI INGAĠĠATI**

**15018. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il persuna hemm ingaġġata mad-Dipartiment tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni, u jaqsam din it-tabella tal-informazzjoni skont id-dipartiment u r-rwol li huma assenjati li joperaw fih?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni hija kif ġej:

- Kap tad-Dipartiment
- Uffiċjal fi Grad 5, bi rwol ta' Manager II (Compliance)
- Uffiċjal fi Grad 7, bi rwol ta' Manager II (Compliance)
- Uffiċjal fi Skala 7, bi rwol ta' Manager II (Compliance)
- Assistant Principal
- Customer Care Officer
- Senior Clerk

**DIRETTORAT GĦAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM – PERSUNI INGAĠĠATI**

**15019. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il persuna hemm ingaġġata mad-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem, u jaqsam din it-tabella tal-informazzjoni skont id-dipartiment u r-rwol li huma assenjati li joperaw fih?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Hemm 25 persuna ingaġġata mad-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem, kif deskritti fit-tabella t'hawn taħt:

| | |
|---|---|
| | Director<br>Assistant Director |
| Office of the Assistant Director | Manager II (Project Management) |
| Operations Unit | Manager II (Accounting and Finance)<br>Senior ICT Support Officer<br>RSSL Officer |
| Legal Unit | Junior Legal Officer |
| Gender Mainstreaming Unit | Manager II<br>Manager I |
| SOGIGESC Unit | Senior Manager<br>Manager II |
| Human Rights Initiatives Unit | Senior Manager (Project Management)<br>Manager II<br>Manager I |
| Research and Coordination Unit | Senior Manager<br>Manager II |
| Intercultural and Anti-Racism Unit | Advisor<br>Senior Manager (Project Management)<br>Manager II x2<br>Manager I x5 |

## DIRETTORAT TAD-DIFIŻA – PERSUNI INGAĠĠATI

**15020. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il persuna hemm ingaġġata mad-Direttorat tad-Difiża, u jaqsam din it-tabella tal-informazzjoni skont id-dipartiment u r-rwol li huma assenjati li joperaw fih?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Id-Direttorat tad-Difiża huwa kompost kif muri hawn taħt:

- 1 Direttur
- 1 Assistent Direttur
- 1 Uffiċjal Prinċipal Anzjan
- 1 Manager II
- 1 Prinċipal
- 1 Uffiċjal Eżekuttiv

## FORZI ARMATI TA' MALTA – PERSUNI INGAĠĠATI

**15021. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il persuna hemm ingaġġata mal-Forzi Armati ta' Malta u jaqsam din it-tabella skont id-dipartiment u r-rwol li huma assenjati li joperaw fih?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## KORP TAL-PULIZIJA – PERSUNI INGAĠĠATI

**15022. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm-il persuna hemm ingaġġata mal-Korp tal-Pulizija, u jaqsam din it-tabella tal-informazzjoni skont id-dipartiment u l-irwol li huma assenjati li joperaw fih?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## SETTUR TAS-SAĦĦA - SPTARIJIET

**15104. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Wara l-iżviluppi li kien hemm fil-każ li jinvolvi l-kumpaniji li d-dettalji tagħhom qed jingħataw separatament, jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern hux ser iżomm l-isptarijiet f'idejh?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Il-Gvern jemmen li għandu jkun hu fil-kontroll tas-servizz tas-saħħa pubblika.

## TALBA BIEX JORĦSU PRODOTTI TAL-IKEL

**15138. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema prodotti ntalbu biex jorħsu mill-bejjiegħa tal-ikel (food retailers) u t-tul ta' żmien mitlub li għandhom jorħsu?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

## TALBA BIEX JORĦSU PRODOTTI TAL-IKEL – STUDJI

**15139. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid xi studji saru biex issir it-talba biex il-bejjiegħa tal-ikel iraħħsu l-prezzijiet fuq numru ta' prodotti tal-ikel u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra dawn l-istudji?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għall-Press Release 240065 tat-18 ta' Jannar 2024 u l-Preżentazzjoni li saret dakinhar li ġiet imħabbra din l-inizjattiva, fejn il-Prim Ministru u jien spjegajna d-dettalji u l-benefiċċji li din l-inizjattiva se tkun qed toffri lill-familji Maltin u Għawdxin u r-raġunijiet ewlenija li xprunawha.

Il-Press Release 240065 tal-Gvern kif ukoll il-Preżentazzjoni li ngħatat waqt il-Konferenza tal-aħbarijiet tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## TALBA BIEX JORĦSU PRODOTTI TAL-IKEL – STUDJI

**15140. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid xi studji saru biex issir it-talba biex il-bejjiegħa tal-ikel iraħħsu l-prezzijiet fuq numru ta' prodotti tal-ikel u jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra dawn l-istudji?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

## TALBA BIEX JORĦSU PRODOTTI TAL-IKEL – KORRISPONDENZA

**15141. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-email mibgħuta lill-bejjiegħa tal-ikel (food retailers) fejn qed jitlob li dawn iraħħsu l-prezzijiet tal-ikel?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15139.

## TALBA BIEX JORĦSU PRODOTTI TAL-IKEL – KORRISPONDENZA

**15142. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-email mibgħuta lill-bejjiegħa tal-ikel (food retailers) fejn qed jitlob li dawn iraħħsu l-prezzijiet tal-ikel?

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

## DISPOSABLE INCOME

**15143. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jikkonferma li d-disposable income naqas?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

## MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – ĦADDIEMA

**15169. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' modern work practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll kemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. IAN BORG (Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ):** In-numru ta' persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħi, kemm full-time kif ukoll part-time, hu kif ġej:

| | Nisa | Irġiel | Total |
|---|---|---|---|
| Full-Time (Servizz Pubbliku) | 262 | 188 | **450** |
| Part-Time (Servizz Pubbliku) | 0 | 3 | **3** |
| Full-Time (Settur Pubbliku) | 2 | 1 | **3** |
| Part-Time (Settur Pubbliku) | 0 | 0 | **0** |
| TOTAL | 264 | 192 | **456** |

Minn dawn, in-numru ta' persuni li jagħmlu użu minn wieħed mill-għażliet ta' modern work practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja huwa kif indikat fit-tabella annessa*.

* *Ara t-tabella fl-aħħar ta' dan id-dokument*

## MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – ĦADDIEMA

**15170. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed

jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. MICHAEL FALZON (Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal):** It-tagħrif qed jinġabar.

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – ĦADDIEMA**

**15171. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabelli segwenti.

**DIPARTIMENTI MAFA**

| | Irġiel | Nisa | Total |
|---|---|---|---|
| Full-Time (jinkludu ukoll dawk li jaħdmu bir-reduced hours) | 721 | 258 | 979 |
| Part-Time | 10 | 4 | 14 |
| | | | |
| Flexitime | 55 | 45 | 100 |
| Flexiweek | 4 | 2 | 6 |
| Reduced Hours | 3 | 17 | 20 |
| Extended Remote Working | 49 | 84 | 133 |
| Remote Working | 98 | 93 | 191 |

**ENTITAJIET MAFA**

| | Irġiel | Nisa | Total |
|---|---|---|---|
| Full-Time(jinkludu ukoll dawk li jaħdmu bir-reduced hours) | 67 | 19 | 86 |
| Part-Time | 0 | 0 | 0 |
| Flexitime | 0 | 0 | 0 |
| Flexiweek | 0 | 0 | 0 |
| Reduced Hours | 0 | 0 | 0 |
| Extended Remote Working | 0 | 0 | 0 |
| Remote Working | 0 | 0 | 0 |
| Telework Agreement | 5 | 14 | 19 |

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – ĦADDIEMA**

**15172. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. RODERICK GALDES:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, L-INTRAPRIŻA U PROĠETTI STRATEĠIĊI – ĦADDIEMA**

**15173. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma'

dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Jista' jgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI U L-VOLONTARJAT – ĦADDIEMA**

**15174. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: Tista' l-Ministru tgħid kemm hemm persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku jew fis-servizz pubbliku, ma' dipartimenti jew entitajiet li jaqgħu taħt il-Ministeru li bħalissa qed jaħdmu full-time u part-time? Tista' tgħid ukoll kemm minnhom jagħmlu użu minn wieħed minn dawn l-għażliet ta' Modern Work Practices biex isibu bilanċ bejn ix-xogħol u l-familja:
- Flexi Time;
- Flexi Week;
- Reduced Hours;
- Extended Remote Working; u
- Remote working?

Tista' tgħid ukoll hemm minnhom huma nisa u kemm minnhom huma rġiel?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI (Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat):** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**SPTARIJIET – SPARE BED CAPACITY**

**15239. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet l-ispare bed capacity ġewwa l-Isptar Mater Dei, l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, l-Isptar Mount Carmel u l-Isptar Sir Anthony Mamo kull bidu tax-xahar matul l-2022 u l-2023?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni qed tinġabar.

**SAN VINCENZ DE PAUL, SPTAR KARIN GRECH U ZAMMIT CLAPP – SPARE BED CAPACITY**

**15240. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet l-ispare bed capacity ġewwa San Vinċenz De Paul, l-Isptar Karin Grech u r-Residenza Zammit Clapp kull bidu tax-xahar matul is-snin 2022 u 2023?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| **Spare Bed Capacity** | | |
|---|---|---|
| | 2022 | 2023 |
| San Vinċenz De Paul | 643 | 293 |
| Karin Grech | 926 | 482 |
| Zammit Clapp | 0 | 0 |

Ġewwa Zammit Clapp, kif sodda tiġi disponibbli, din terġa' tiġi okkupata immedjatament.

**SPTAR MATER DEI – PAZJENTI RIKOVERATI**

**15241. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew rikoverati pazjenti xahar b'xahar matul l-2022 u l-2023 ġewwa l-Isptar Mater Dei? Kemm minnhom kienu ta' nazzjonalità Maltija, kemm minnhom huma barranin u minn liema pajjiżi huma dawk ta' nazzjonalità barranija? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom ħallsu għall-kura li ngħatatilhom u x'kien l-ammont totali mħallas matul is-sena 2022 u s-sena 2023?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni qed tinġabar.

## ĊENTRI TAS-SAĦĦA

**15242. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' persuni li rrikorrew għal kull ċentru tas-saħħa f'Malta u Għawdex xahar b'xahar matul l-2022 u l-2023? Jista' jgħid ukoll:
a. kemm minnhom żaru ċ-ċentru tas-saħħa b'appuntament ta' outpatients;
b. kemm minnhom kienu bħala emerġenza għat-tabib;
ċ. kemm minnhom huma ta' nazzjonalità Maltija;
d. kemm huma ta' nazzjonalità barranija u x'nazzjonalità huma?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni qed tinġabar.

## SPTAR MATER DEI – PAZJENTI RIFERUTI MIĊ-ĊENTRI TAS-SAĦĦA

**15243. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' pazjenti li ġew riferuti lejn l-Isptar Mater Dei miċ-ċentri tas-saħħa individwalment matul l-2022 u l-2023 u kemm minnhom ġew rikoverati għal aktar kura?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni qed tinġabar.

## NGOS - PROPRJETÀ MIKRIJA

**15256. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14594 tista' l-Ministru tgħid liema huma dawk l-NGOs li jagħmlu użu minn kull wieħed mill-erba' spazji msemmija fl-istess tweġiba? Tista' tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra l-iskeda tal-użu ta' kull wieħed minn dawn l-ispazji?

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Il-lista ta' dawk l-NGOs li jagħmlu użu minn kull wieħed mill-erba' spazji msemmija tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## ĠBIR TA' VETTURI MIT-TOROQ

**15257. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm inġabru vetturi mit-toroq madwar Malta u Għawdex matul is-sena 2023, maqsuma lokalità, lokalità? Jista' jgħid ukoll kemm baqa' vetturi abbandunati, mkissra eċċ. fit-toroq li għalkemm ġew irrappurtati, għadhom ma nġabrux, maqsuma lokalità, lokalità?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

## ĠBIR TA' VETTURI MIT-TOROQ

**15258. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm inġabru vetturi mit-toroq madwar Malta u Għawdex matul is-sena 2023, maqsuma lokalità, lokalità? Jista' jgħid ukoll kemm baqa' vetturi abbandunati, mkissra eċċ. fit-toroq li għalkemm ġew irrappurtati, għadhom ma nġabrux, maqsuma lokalità, lokalità?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

## GĦAQDIET VOLONTARJI F'OQSMA KULTURALI

**15259. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-għaqdiet volontarji li jaħdmu fl-oqsma kulturali differenti u li l-Ministeru għandu kuntatti formali magħhom?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex tispeċifika x'tifhem bil-frażi "kuntatti formali".

## SERVIZZ TAL-FERRY – PASSIĠĠIERI

**15260. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' passiġġieri li qasmu minn Tas-Sliema għall-Belt Valletta u mill-Kottonera għall-Belt Valletta u

viċi versa fiż-żewġ rotot matul is-sena 2023 separatament għal kull rotta f'kull direzzjoni?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Fis-sena 2023, it-total ta' passiġġieri li qasmu bejn Tas-Sliema u l-Belt Valletta kien jammonta għal 760,385 passiġġier, filwaqt li t-total ta' passiġġieri li qasmu bejn il-Belt Valletta u l-Kottonera kien jammonta għal 497,998 passiġġier. L-istatistika disponibbli turi figuri konġunti fir-rigward tad-direzzjonijiet tat-traġitti rispettivi.

## SERVIZZ TAL-FERRY – PREZZIJIET

**15261. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid jekk matul is-sena 2024 kienx hemm żieda fil-prezz tas-servizz tal-ferry għal dawk li ma jagħmlux użu minn Tallinja card bejn il-Kottonera u l-Belt Valletta u Tas-Sliema u l-Belt Valletta, u viċi versa? Jekk iva, jista' jgħid meta daħlet fis-seħħ din iż-żieda fil-prezz? Kemm kien il-ħlas għas-servizz qabel u wara din iż-żieda fil-prezz? Jista' jgħid min awtorizza din iż-żieda fil-prezz?

**ONOR. CHRIS BONETT:** It-tagħrif qed jinġabar.

## PSIKOLOGI ASSENJATI LILL-UNIVERSITÀ TA' MALTA

**15285. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il psikologu jinsab assenjat mid-Dipartiment lill-Università ta' Malta?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Mad-Dipartiment għas-Saħħa m'hemmx psikologi assenjati mid-Dipartiment lill-Università ta' Malta.

## BORMLA – KLINIKA LOKALI MEDIKA – RINOVAZZJONI

**15286. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta kienet l-aħħar darba li ġiet rinnovata l-klinika lokali medika ġewwa Bormla?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Iċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Bormla huwa kopert minn programm ta' manutenzjoni ta' rutina. Il-programm ta' manutenzjoni huwa proċess kontinwu li jassigura li ċ-Ċentru tas-Saħħa jinżamm fl-aħjar kondizzjoni possibbli l-ħin kollu.

## GĦAJNUNA SOĊJALI – BENEFIĊĊJI

**15287. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni applikaw biex jibbenefikaw mill-għajnuna soċjali matul is-sena 2023? Jista' jgħid ukoll kemm persuni ma baqgħux jirċievu dan il-benefiċċju u kemm kienu li qed jirċevuh?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Matul is-sena 2023 daħlu 1,297 applikazzjoni għall-għajnuna soċjali.

Matul l-istess sena kien hemm 1,340 benefiċjarji li ma baqgħux jirċievu l-istess benefiċċju.

Tul is-sena 2023 kien hemm 6,805 benefiċjarji li tħallsu. Dan in-numru jinkludi benefiċjarji li mhux bilfors kienu jieħdu l-għajnuna soċjali s-sena kollha.

## ATT DWAR IL-ĠUSTIZZJA RIPARATRIĊI – SKRIVANI TAL-PAROLE

**15288. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm skrivani tal-Parole skont l-Att dwar il-Ġustizzja Riparatriċi, Kap. 516, matul l-2023?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Fis-sena 2023 kien hemm żewġ skrivani tal-Parole u preżentement hemm skrivan tal-Parole wieħed. Id-Dipartiment qiegħed fil-proċess sabiex dan ir-rwol jimtela.

## ATT DWAR IL-KUMMISSARJU GĦALL-ĠUSTIZZJA – PETIZZJONIJIET

**15289. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-

Ministru jgħid kemm tressqu petizzjonijiet taħt is-sistema kif stabbilita fl-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja, Kap. 291, matul is-sena 2023? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom ġew aċċettati u kemm minnhom ġew rifjutati?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

**REĠISTRATUR TAL-QORTI (ĊIVILI) – DRITTIJIET U SPEJJEŻ DOVUTI**

**15290. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm inġabru flus fi drittijiet u spejjeż dovuti lir-Reġistratur tal-Qorti (Ċivili) matul is-sena 2023?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Matul is-sena 2023 is-somma miġbura fi drittijiet u spejjeż mir-Reġistratur tal-Qorti (Ċivili) kienet ta' €6,593,386.59.

**SAN ĠILJAN U L-GŻIRA – ENFORCEMENT NOTICES**

**15343. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu enforcement notices ġewwa San Ġiljan, il-Gżira u Tas-Sliema minn Ottubru 2023 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll x'passi ser jittieħdu f'dan ir-rigward?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** In-numru ta' Avviżi ta' Waqfien u Twettiq li nħarġu f'San Ġiljan, il-Gżira u Tas-Sliema minn Ottubru 2023 sal-ġurnata li fiha qiegħda tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari huwa ta' 14. Minn dawn, tlieta inħarġu f'San Ġiljan u 11 inħarġu f'Tas-Sliema.

Lista ta' dawn l-14-il każ, kif ukoll l-azzjoni li ttieħdet sal-lum (taħt il-kolonna - Case Status) tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**FOSTERING**

**15344. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid preżentement kemm hawn tfal li huma fostered? Jista' jgħid ukoll kemm hawn talbiet/applikazzjonijiet għal fostering?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** It-tagħrif qed jinġabar.

**FRODI TAL-BENEFIĊĊJI SOĊJALI – INVESTIGAZZJONI**

**15345. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslet l-investigazzjoni fuq il-każ tal-abbuż fl-għoti tad-Diżabilità Severa? Hemm xi deadline meta din ser titlesta? Fid-dawl li fil-Parlament il-Ministru kien wiegħed li dan ir-rapport ser ikun ippubblikat, jista' jerġa' jikkonferma dan?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Iż-żmien sa meta kellu jitlesta dan ir-rapport kien il-11 ta' Frar.

Il-bord se jkun qed jitlob estensjoni ta' ftit ġimgħat biex jikkonkludi dan ir-rapport. Nikkonferma wkoll dak li wegħedt.

**MINISTRU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – MEMBRI TAL-BORD MEDIKU**

**15346. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid min huma l-membri tal-Bord Mediku fi ħdan il-Ministeru mis-sena 2020 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**FOSTERING – ALLOWANCE**

**15347. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm li twaqqfitilhom l-allowance tal-fostering

għaliex ġew addottati minn familji? Jista' jgħid ukoll kemm kien hemm persuni li minn status ta' fostering ġew addottati mill-istess familji li kienu jiffosterjawhom?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Bis-saħħa ta' miżura tal-baġit għas-sena 2023, l-allowance tal-fostering ma baqgħetx titwaqqaf mill-ewwel għax it-tfal ikunu addottati mill-istess familji.

B'din il-miżura, fl-ewwel sena l-familji jingħataw 80% tal-allowance tal-fostering, fit-tieni sena jingħataw 60%, fit-tielet sena jingħataw 40% filwaqt li fir-raba' sena jingħataw 20% tar-rata.

Irid jingħad li bħalissa sitt familji qegħdin igawdu minn din il-miżura.

## AFTERCARE PLANS GĦAL TFAL LI JAGĦLQU T-18-IL SENA

**15348. L-ONOR. ALBERT BUTTIGIEG** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuwa l-pjan ta' aftercare għal dawk it-tfal li joħorġu mid-djar/residenzi għat-tfal/żgħażagħ wara li jagħlqu t-18-il sena?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** It-tagħrif qed jinġabar.

## MINISTERU GĦAL GĦAWDEX U L-IPPJANAR – PERSONS OF TRUST

**15376. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persons of trust fi ħdan il-Ministeru tiegħu sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 11808.

## GĦAWDEX – ĊENTRU AKKWATIKU

**15377. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid fiex wasal il-proġett taċ-Ċentru Akkwatiku ġewwa Għawdex u jgħid meta se jitlesta?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Il-proġett se jitlesta din is-sena.

## IR-RABAT, GĦAWDEX – MIDDLE SCHOOL ĠDIDA

**15378. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stadju waslet il-Middle School il-ġdida ġewwa r-Rabat, Għawdex, u jagħti timeline ta' meta ser tibda topera kompletament?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Il-maġġor parti tax-xogħlijiet, kemm ta' kostruzzjoni kif ukoll mekkaniċi, elettriċi u finituri ġewwa l-Middle School fir-Rabat huma lesti biex hekk it-tfal setgħu jidħlu fit-8 ta' Jannar 2024. Daħlet ukoll għamara ġdida.

Ix-xogħlijiet li fadal qed isiru mingħajr ma jiġi mfixkel l-operat tal-iskola l-ġdida u għandhom jitlestew fil-ġimgħat u x-xhur li ġejjin. Il-proġett kollu, inkluż il-bini ta' skola primarja ġdida, childcare centre u faċilitajiet sportivi għandhom ikunu lesti għall-intake ta' Settembru 2024.

## SPTAR ĠENERALI TA' GĦAWDEX – HELIPAD

**15379. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjan li tinbena helipad ġewwa l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Bħalissa għaddej proċess ta' analiżi ta' proġetti meħtieġa għall-Isptar Ġenerali ta' Għawdex li jwassal għal Medical Brief. Fost dawn il-proġetti se tkun diskussa l-possibbiltà ta' helipad fl-istess impronta tal-isptar.

## GOZO CHANNEL – UFFIĊINI ĠODDA

**15380. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi n-nefqa sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, fuq is-sit li informazzjoni dwaru qed tintbagħat separatament, fejn ser jibdew joperaw l-uffiċini tal-Gozo Channel? Jista' jgħid ukoll meta ser jinfetħu dawn l-uffiċini?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Sal-ġurnata li fiha qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, in-nefqa fuq xogħol fis-sit tal-uffiċini l-ġodda tal-Gozo Channel tammonta għal €151,552 (VAT eskluża). L-uffiċini se jinfetħu meta jitlestew ix-xogħlijiet li qegħdin isiru.

## IX-XLENDI – PROĠETT TAL-MASTERPLAN

**15381. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill-Ministru għal Għawdex u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibda l-proġett tal-Masterplan ġewwa x-Xlendi?

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Il-periti tal-Ministeru qed ifasslu kunċett ħolistiku għal din iż-żona.

## MINISTERU GĦALL-FONDI EWROPEJ, ID-DJALOGU SOĊJALI U L-PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000

**15420. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Il-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, jinqabeż l-advisory cost.

## MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000

**15421. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Il-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, jinqabeż l-advisory cost.

## MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000

**15422. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

**ONOR. IAN BORG:** Il-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, jinqabeż l-advisory cost.

## MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000

**15423. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Il-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-

Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, jinqabeż l-advisory cost.

## MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000

**15424. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

**ONOR. ANTON REFALO:** Il-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, jinqabeż l-advisory cost.

## MINISTERU GĦALL-AKKOMODOZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI – DIRECT ORDERS TA' INQAS MINN €5,000

**15425. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jagħti lista tad-direct orders ta' inqas minn €5,000 li ngħataw mill-Ministeru matul l-2022, inkluż l-entitajiet u d-dipartimenti li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu?

**ONOR. RODERICK GALDES:** Il-Contracting Authority tippubblika l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Sabiex tingħata l-informazzjoni kif mitluba mill-Onor. Interpellant, jinqabeż l-advisory cost.

## BORMLA – DAR TAL-ANZJANI – RENDIKONT TAL-ISPEJJEŻ U L-ĦLASIJIET KOLLHA

**15439. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ispejjeż u l-ħlasijiet kollha li saru s'issa, relatati mad-Dar tal-Anzjani f'Bormla minn meta ngħalqet sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-ispejjeż li saru s'issa relatati mad-Dar tal-Anzjani f'Bormla minn meta ngħalqet huma relatati mas-sigurtà tal-post li jammontaw għal €6,195, biex jiġi evitat vandaliżmu jew xi attività kriminali oħra.

## L-IMSIDA – DAR TAL-ANZJANI – XOGĦLIJIET

**15440. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid meta ser jibdew ix-xogħlijiet fuq id-Dar tal-Anzjani tal-Imsida li issa ilha mwaqqgħa għal kważi aktar minn sentejn? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tat-tender marbut ma' din id-dar, jekk jeżisti?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Is-sejħa għall-offerti għal Disinjar, Bini, Żamma, Ġestjoni, u Operat tad-Dar tal-Anzjani tal-Imsida ser tiġi ppubblikata aktar tard din is-sena.

## L-IMSIDA – DAR TAL-ANZJANI - RENDIKONT TAL-ISPEJJEŻ U L-ĦLASIJIET KOLLHA

**15441. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tal-ispejjeż u l-ħlasijiet kollha li saru s'issa relatati mad-Dar tal-Anzjani fl-Imsida minn meta ġiet imwaqqgħa sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ma saret l-ebda spiża relatata mad-Dar tal-Anzjani fl-Imsida minn meta ġiet imwaqqgħa sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari.

**BIRKIRKARA – DAR TAL-ANZJANI – PROĠETT**

**15442. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Peress illi l-Gvern kien ħabbar proġett ta' €12 miljun għal dar tal-anzjani f'Birkirkara ftit jiem biss qabel l-aħħar elezzjoni tal-Parlament Ewropew, jista' l-Ministru jgħid jekk dan il-proġett huwiex ser isir? Jekk iva, jista' jgħid meta ser jibda dan il-proġett? Jekk le, jista' jgħid għaliex mhu qed isir l-ebda proġett ta' din ix-xorta fil-lokalità ta' Birkirkara?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar u ser tingħata f'seduta oħra.

**ANZJANI FID-DJAR RESIDENZJALI LI MA JŻURHOM ĦADD**

**15443. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk teżistix statistika tan-numru ta' anzjani li qegħdin fir-Residenza San Vinċenz de Paul u fid-djar residenzjali tal-anzjani li ma jżurhom ħadd? Jekk iva, jista' jgħid kemm hemm anzjani li ma jżurhom ħadd fil-Faċilità San Vinċenz de Paul u f'kull dar tal-anzjani separatament minn xulxin?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Fid-djar residenzjali tal-anzjani li jaqgħu taħt l-iskema tal-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità ma tinżammx din l-istatistika.

Ġewwa San Vinċenz de Paul hemm 35 resident li ma jżurhom ħadd.

**TALLINJA CARDS**

**15445. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm inħarġu Tallinja cards mill-Malta Public Transport, sena b'sena minn meta ġiet introdotta? Jista' jgħid ukoll l-età, is-sess u n-nazzjonalità tal-persuni li lilhom inħarġet din il-card?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Il-lista li tindika n-numru ta' Tallinja Cards attivi fl-aħħar ta' kull sena bejn is-sena 2016 u l-2023 u bil-figuri tal-kategoriji rispettivi tinsab fit-tabella annessa. Inżid ngħid li n-nazzjonalità ma tintalabx fl-istadju ta' applikazzjoni, għaldaqstant ma tinżammx data tan-nazzjonalitajiet tad-detenturi ta' dawn il-cards. L-istess kunsiderazzjonijiet japplikaw fir-rigward tas-sessi tad-detenturi.**

*** Ara t-tabella fl-aħħar ta' dan id-dokument*

**FTEHIM BEJN IL-GVERN U S-SIDIEN TA' SUPERMARKETS U IMPORTATURI TAL-IKEL**

**15446. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-ftehim li ġie ffirmat bejn il-Gvern Malti u s-sidien ta' supermarkets u importaturi tal-ikel nhar il-Ħamis 18 ta' Jannar 2024?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 15386.

**RIFORMA FIS-SISTEMA TAL-KUMPILAZZJONIJIET U RINVIJI – SOTTOMISSJONIJIET**

**15447. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tas-sottomissjonijiet kollha li saru mill-pubbliku dwar ir-riforma fis-sistema tal-kumpilazzjonijiet u rinviji bħala parti mill-konsultazzjoni pubblika u li għalqet nhar il-31 ta' Mejju 2023?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 9955.

**INDIS MALTA LTD – ALLOKAZZJONI TA' ART**

**15448. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Ekonomija, l-Intrapriża u Proġetti Strateġiċi: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14905, jista' l-Ministru jgħid kemm hi kbira bħala area din l-allokazzjoni ġdida ta' art?

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Tali espansjoni ġiet approvata mill-Malta Enterprise f'Ottubru tas-sena 2022 bl-allokazzjoni mill-INDIS skont il-liġi.

L-Onor. Interpellant jaf li l-Att dwar l-Intrapriża u l-Att dwar il-Promozzjoni ta' Negozji jipprekludini milli nipprovdi informazzjoni addizzjonali.

## AWTORITÀ GĦALL-INTEGRITÀ FL-ISPORT MALTI

**15449. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 12980, 13203, 13476, 13638, 13908, 14099, 14208, 14301 u 14906 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 12731, jista' l-Ministru jgħid x'inhuma s-salarji, inkluż bonuses, allowances u perkaċċi oħra li għandhom it-tmien impjegati tal-Awtorità għall-Integrità fl-Isport f'Malta msemmija fl-istess tweġiba?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

## IL-BELT VALLETTA – RAPPORT DWAR IL-VIEWS AND VISTAS

**15461. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15296 u ċjoè: B'referenza għal rapport dwar il-views and vistas tal-Belt Valletta li sar fuq il-Belt mill-World Heritage Committee, jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra dan ir-rapport li diġà ntbagħat lill-UNESCO?

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għal mistoqsija parlamentari 15296 li ngħatat fis-seduta 197.

## DIPARTIMENT TAL-EMERĠENZA – SAĦĦA MENTALI U PSIKJATRIĊI

**15496. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15106 u jgħid kemm kienu l-pazjenti li marru fl-Emerġenza ta' Mater Dei għal għajnuna fuq każijiet ta' saħħa mentali u psikjatriċi fl-2022 u 2023 maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom kienu 'new cases'?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Minn informazzjoni miġbura mis-sistema amministrattiva CPAS, in-numru ta' attendenzi fid-Dipartiment tal-Emerġenza li marru minħabba problemi ta' saħħa mentali jew psikjatriċi fl-2022 u 2023 jinsab fit-tabella hawn taħt, xahar b'xahar. L-informazzjoni rigward new cases ma tistax tinġabar u b'hekk ma tistax tingħata.

| Xahar | 2022 | 2023 |
|---|---|---|
| Jannar | 83 | 149 |
| Frar | 104 | 143 |
| Marzu | 122 | 178 |
| April | 133 | 127 |
| Mejju | 137 | 194 |
| Ġunju | 131 | 153 |
| Lulju | 141 | 188 |
| Awwissu | 137 | 159 |
| Settembru | 118 | 173 |
| Ottubru | 121 | 195 |
| Novembru | 142 | 191 |
| Diċembru | 127 | 170 |

## EDUCATIONAL PSYCHOLOGIST ASSESSMENT

**15497. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2445 fejn intqal "li kull każ irid jiġi evalwat b'mod sensittiv u bl-ikbar professjonalità b'hekk l-informazzjoni mitluba ma tistax tiġi ppublikata", jista' l-Ministru jgħid kemm hu l-ammont totali ta' persuni li qegħdin fuq waiting list bħala numru kumulattiv biex isir educational psychologist assessment li jwassal biex student ikollu LSE?

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** It-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

## APPLIKAZZJONIJIET GĦAD-DEROGA 'SOVEREIGNTY CLAUSE' B'RABTA MAL-AŻIL

**15498. L-ONOR. KAROL AQUILINA** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid mis-sena 2014 sas-sena 2023, kemm-il darba Malta applikat id-deroga magħrufa bħala s-sovereignty clause skont l-artikolu 17 tar-Regolamenti (EU) 604/2013 u għalhekk ħadet fuqha r-responsabbiltà ta' applikazzjoni għall-ażil? Jista' jindika għal kull każ in-nazzjonalità ta' kull applikant għall-ażil, ir-raġuni mogħtija minn Malta għal tali deroga u jekk l-Istat Membru responsabbli aċċettax l-imsemmija deroga?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Fis-sena 2023, id-deroga ta' 'sovereignty clause' ġiet applikata għal seba' applikanti li jinkludu tlieta mil-Libja, tlieta mill-Iran u waħda mill-Mali.

## CREATIVE MALTA SCHEME – FONDI

**15511. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kif ser taħdem il-Creative Malta Scheme u min jista' japplika għal dawn il-fondi?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-iskema qed tiġi mmaniġġjata għall-ewwel darba mill-Kunsill Malti għall-Arti li bħalissa qed iwettaq ir-riċerka meħtieġa. Hekk kif tali riċerka tiġi konkluża, ser ikunu qegħdin jinħarġu l-linji gwida tas-sena 2024 fejn tidħol din l-iskema.

## KAŻ TA' INDIVIDWU

**15512. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid għaliex Tallinja card tal-persuna li d-dettalji dwarha qegħdin jingħataw separatament ġiet imblukkata u qed tiġi mblukkata wkoll milli jkollha waħda ġdida wara li anke tilfet il-kreditu li kellha fiha?

**ONOR. CHRIS BONETT:** L-informazzjoni mitluba hija ta' natura kunfidenzjali. Madanakollu, ninfurmah li l-Operatur tat-Trasport Pubbliku pprova jikkuntattja lill-persuna kkonċernata permezz tat-telefon u dan sabiex jiġi spjegat lilha għaliex Tallinja Card tagħha mhux qed taħdem. Barra min hekk, bl-istess skop, intbagħtet ukoll email lil din il-persuna sabiex tagħmel kuntatt mal-Operatur. Din il-persuna għadha m'għamlitx kuntatt mal-Operatur.

## TRASPORT PUBBLIKU B'XEJN – NEFQA

**15542. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienet in-nefqa tal-Gvern għat-trasport pubbliku minn meta n-noll tal-linja sar mingħajr ħlas, u jaqsam din l-informazzjoni xahar b'xahar?

**ONOR. CHRIS BONETT:** B'seħħ mill-1 ta' Ottubru 2022, id-detenturi ta' Tallinja card personalizzata ġew intitolati għall-użu tas-servizz tat-trasport pubbliku bla ħlas. Fit-tabella t'hawn taħt tinsab in-nefqa tal-Gvern fuq din il-miżura xahar b'xahar mill-1 ta' Ottubru 2022 sal-31ta Diċembru 2023.

| Sena | Xahar | Nefqa (€) |
|---|---|---|
| **2022** | Ottubru | €1,800,278.50 |
| | Novembru | €1,817,686.30 |
| | Diċembru | €1,800,264.00 |
| **2023** | Jannar | €1,810,595.30 |
| | Frar | €1,775,247.30 |
| | Marzu | €2,135,046.30 |
| | April | €1,998,887.80 |
| | Mejju | €2,208,444.00 |
| | Ġunju | €2,192,741.80 |
| | Lulju | €2,282,134.50 |
| | Awwissu | €2,235,134.80 |
| | Settembru | €2,275,248.00 |
| | Ottubru | €2,597,521.80 |
| | Novembru | €2,455,001.00 |
| | Diċembru | €2,232,008.00 |

## TALLINJA CARD

**15543. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħħal flus il-Gvern mit-Trasport Pubbliku minn dawk il-persuni li ma kellhomx Tallinja card?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Is-servizz tat-trasport pubbliku mhuwiex operat mill-Gvern iżda minn kumpanija privata. Għaldaqstant il-

Gvern ma daħħal l-ebda flus minn dawk il-persuni li ma kellhomx Tallinja card.

## ENTITAJIET TAL-GVERN – ĦADDIEMA

**15544. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hemm ħaddiema Maltin kif ukoll barranin impjegati mal-privat u li qegħdin jaħdmu ma' entitajiet tal-Gvern, fil-qasam tal-kura, WasteServ, security, cleaners *et al*?

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 13636.

## IR-RABAT – TRIQ IL-FIDDIEN U PARTI MINN BIEB IR-RUWA – XOGĦLIJIET

**15545. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'wassal għal tant dewmien biex ix-xogħlijiet infrastrutturali fi Triq il-Fiddien u parti minn Bieb ir-Ruwa fil-limiti tar-Rabat, Malta, għadhom ma sarux meta x-xogħol kellu jitlesta sal-ewwel ġimgħa ta' Jannar? Fid-dawl li Infrastructure Malta qalet li sal-5 ta' Frar 2024 ix-xogħol ser jitlesta biex b'hekk ir-residenti tal-Baħrija u l-madwar ikunu jistgħu jieħdu ftit tar-ruħ, jista' l-Ministru jagħti garanzija li d-data miftiehma ser tinżamm?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ix-xogħlijiet infrastrutturali fi Triq il-Fiddien u parti minn Bieb ir-Ruwa fil-limiti tar-Rabat beda f'Ottubru tas-sena li għaddiet u mistenni jkun lest Frar li ġej.

Iltqajna ma' numru ta' sitwazzjonijiet li ma kinux previsti fejn il-materjal tal-pedament tat-triq irriżulta li ma kienx b'saħħtu biżżejjed u b'hekk kellu jsir iżjed tħaffir u jinġarr aktar materjal. Barra minn hekk, iż-żona hija waħda arkeoloġika u x-xogħol kellu jsir kollu b'makkinarju iżgħar jew bl-idejn.

Dan il-proġett jinkludi tqegħid ta' servizzi ġodda tal-ilma, tal-elettriku, tal-komunikazzjoni, xogħol ta' asfalt u tisħiħ eżistenti tas-sistema tal-istorm water. B'dan l-investiment qed tiġi aġġornata s-sistema tad-drenaġġ, b'familji f'dawn l-inħawi ser ikollhom servizz fiss għall-ewwel darba.

## ART AGRIKOLA MEĦUDA BIEX ISIRU TOROQ ĠODDA

**15546. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 14752 u 14909 li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali u lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali rispettivament u jgħid kemm-il medda ta' art ittieħdet li kellha użu agrikolu biex minnha jsiru toroq ġodda?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

## TEĦID TA' ART AGRIKOLA BIEX ISIR ŻVILUPP TA' KOSTRUZZJONI

**15547. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja u r-Riforma tas-Settur tal-Kostruzzjoni: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 14753 u 14910 li oriġinarjament saru lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali u lill-Ministru għall-Artijiet u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali rispettivament u jgħid kemm matul dawn l-aħħar sentejn, xahar b'xahar minn Diċembru 2021 sal-lum, ittieħdet art agrikola biex fiha sar jew se jsir żvilupp ta' kostruzzjoni?

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

## IX-XAGĦRA – ŻONA TA' LABLAB – RATIONALISATION SCHEME

**15565. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tar-rapport arkeoloġiku sħiħ (inkluż pjanti assoċjati) imfassal mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali b'konnessjoni mar-Rationalisation Scheme taż-żona kollha magħrufa bħala Ta' Lablab, fix-Xagħra, Għawdex?

**ONOR. OWEN BONNICI:** L-informazzjoni mitluba tqiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra waqt il-ħin tat-Tqegħid ta' Karti.

**IX-XAGĦRA – RAPPORT ARKEOLOĠIKU DWAR ŻVILUPP**

**15566. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tar-rapport arkeoloġiku sħiħ (inkluż pjanti assoċjati) imfassal mis-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali b'konnessjoni mas-sit suġġett għall-applikazzjoni tal-iżvilupp b'numru PA/03174/23 li jinsab f'Vacant Site at, N/S off Triq il-Knisja c/w N/S off, Triq George Mcadam, Xagħra'?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Fuq is-sit kopert mill-applikazzjoni PA 3174/23 instabu 13-il trinka għall-użu agrikolu u ġiet ikkonfermata l-preżenza tal-għar li kien ġie ddokumentat waqt l-evalwazzjoni marbuta mal-PC 40/13.

Ma saret l-ebda sejba speċjali waqt il-monitoraġġ li sar taħt id-direzzjoni tas-Sovrintendenza.

Finalment ngħid li l-każ għadu mhux magħluq għall-fini ta' monitoraġġ jew investigazzjoni, u jitqies bħala mitmum biss meta jitlestew il-pedamenti jekk jitħalla li jsir żvilupp fuq is-sit.

**IX-XAGĦRA – SIT VAKANTI – ARCHAEOLOGICAL DRAWING**

**15567. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-archaeological drawing tal-permess PA/03174/23 li jinsab f'Vacant Site at, N/S off Triq il-Knisja c/w N/S off, Triq George Mcadam, Xagħra'? Jista' jgħid ukoll kemm instabu features b'kollox fuq dan is-sit? Jista' jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella b'lista deskrittiva ta' features li nstabu fuq dan is-sit (cross-referenced mal-archaeological drawing ta' PA/03174/23), il-valur kulturali mogħti għal kull feature u d-deċiżjoni li ttieħdet għal kull feature hekk kif indikat fit-tabella li qed tintbagħat separatament? Jista' jgħid ukoll jekk instabux sejbiet speċjali (special finds) fuq dan is-sit u jagħti informazzjoni dwar x'instab u fejn instabu fis-sit?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Fuq is-sit kopert mill-applikazzjoni PA 3174/23 instabu 13-il trinka għall-użu agrikolu u ġiet ikkonfermata l-preżenza tal-għar li kien ġie ddokumentat waqt l-evalwazzjoni marbuta mal-PC 40/13. Ma saret l-ebda sejba speċjali waqt il-monitoraġġ li sar taħt id-direzzjoni tas-Sovrintendenza.

Finalment ngħid ukoll li l-każ għadu mhux magħluq għall-fini ta' monitoraġġ jew investigazzjoni, u jitqies bħala mitmum biss meta jitlestew il-pedamenti jekk jitħalla li jsir żvilupp fuq is-sit.

**UFFIĊJALI KORRETTIVI – PASSI DIXXIPLINARJI**

**15572. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 14815, jista' l-Ministru jgħid fiex kienu jikkonsistu l-passi dixxiplinari li ttieħdu fil-konfront ta' uffiċjali korrettivi, u kemm-il każ kien hemm minn kull tip ta' ksur ta' liġi?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ġew konklużi 35 każ permezz tal-għoti ta' penali.

Passi dixxiplinari li ttieħdu fuq uffiċjali korrettivi skont il-Prison Act (260.03) kif ukoll il-Ftehim Kollettiv kienu dawn:
- Ċanfira bil-miktub – 25
- Sospensjoni ta' jumejn bla paga – 5
- Sospensjoni ta' ħamest ijiem bla paga – 2
- Sospensjoni ta' għaxart ijiem bla paga – 1
- Sospensjoni ta' ġurnata leave – 1
- Twissija Verbali – 1

**KUNDIZZJONI TAS-SAĦĦA TA' PRIĠUNIER**

**15573. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi l-kundizzjoni tas-saħħa tal-priġunier li ġie rappurtat li pprova jtemm ħajtu f'Novembru li għadda u li kien jinsab f'qagħda kritika? Jista' jgħid ukoll jekk dan ġiex trasferit mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ma naħsibx li huwa etiku li dettalji mediċi ta' persuna jkunu

imxandra. Madankollu dispost li ninforma lill-Onor. Interpellant b'dak li ninsab infurmat bih b'mod privat.

## FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – UFFIĊJALI SOSPIŻI JEW IMKEĊĊIJA

**15574. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx uffiċjali fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin li kienu sfaw sospiżi jew imkeċċija minn forzi dixxiplinari oħra, inkluż mill-Forzi Armati ta' Malta? Jekk iva, kemm hemm, u x'kienu r-raġunijiet ta' tkeċċijiet jew sospensjonijiet tagħhom?

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Isir skrutinju għal kull persuna li tapplika għal rwol ta' uffiċjal korrettiv fejn jiġi analizzat ir-rekord tal-persuna. Dawn l-uffiċjali korrettivi jinkludu persuni li ġew impjegati numru twil ta' snin ilu. Jekk l-Onor. Interpellant jixtieq aktar informazzjoni, nitolbu jagħmel talba aktar speċifika.

## TRANSPORT MALTA – KAŻ TA' GĦOTI TA' LIĊENZJI TAS-SEWQAN

**15575. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Jista' l-Ministru jgħid x'investigazzjonijiet interni saru fi Transport Malta b'rabta mal-każ tal-għoti tal-liċenzji tas-sewqan li dwaru hemm proċeduri kriminali fil-Qrati? Jista' jgħid ukoll xi rriżulta minn dawn l-investigazzjonijiet u x'passi ttieħdu?

**ONOR. CHRIS BONETT:** Kif inhu d-dmir tagħha, Transport Malta kkoperat bis-sħiħ mal-awtoritajiet kompetenti. Bħalissa hemm proċeduri pendenti quddiem il-qrati u b'rabta mal-proċeduri kriminali, l-impjegati inkwistjoni ġew sospiżi mill-impjieg tagħhom.

## GU CLINIC

**15598. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 15236 u jgħid kemm min-nies li marru l-GU clinic ġew diagnosed pożittivi? Kemm minn dawn ġew pożittivi għall-HIV, herpes, chlamydia, gonorrhoea, syphilis, trichomoniasis u HPV? Jista' jagħti l-informazzjoni marda b'marda?

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** In-numru totali ta' nies li marru l-GU clinic u li ġew diagnosed pożittivi għal sexually transmitted diseases fl-2023 huwa ta' 2,184. Ġew diagnosed 476 non-sexually transmitted diseases oħra.

| DIAGNOSIS | Number of cases |
|---|---|
| Sexually transmitted enterocolitis (Shigella, Campylobacter, E. Coli) | 17 |
| Mycoplasma genitalium | 80 |
| Syphilis | 134 |
| Gonorrhoea | 522 |
| Lympho Granuloma Venerilum | 7 |
| Chlamydia | 473 |
| Trichomoniasis | 22 |
| Herpes Simplex Virus | 122 |
| Genital warts | 490 |
| Monkey pox | 2 |
| Molluscum Contagiosum | 64 |
| Viral hepatitis B and C | 13 |
| HIV new diagnosis | 19 |
| Dermatophytosis sexually transmitted | 10 |
| Candidiasis | 173 |
| Scabies and Pediculosis | 36 |
| **Total** | **2,184** |

## UNESCO – SITI TA' PATRIMONJU DINJI

**15668. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il sit ġie propost lill-UNESCO biex jingħata rikonoxximent fuq it-Tentative List bħala sit ta' Patrimonju Dinji tal-UNESCO mill-2018, meta l-Ministru nieda l-proġett? Jista' jgħid ukoll liema huma dawn is-siti?

**ONOR. OWEN BONNICI:** Fejn jidħlu nominazzjonijiet ta' siti, qabel ikun hemm proċess twil ta' riċerka u konsultazzjoni fuq livell nazzjonali kif ukoll djalogu mal-World Heritage Centre u mal-ICOMOS, anke dwar l-aħjar triq ta' kif wieħed għandu jipproċedi. Dan il-proċess jinsab għaddej.

Is-siti li qegħdin jiġu kkonsidrati fil-preżent huma: il-fortifikazzjonijiet tal-Port il-Kbir u l-Kottonera, l-Imdina, u ċ-Ċittadella li lkoll jinsabu fuq il-lista tentattiva. Ma' dawn qed jiġu kkonsidrati wkoll il-fortifikazzjonijiet kostali ta' Żmien l-Ordni li kienu parti mill-istess sistema ta' difiża tal-Gżejjer Maltin.

* Tabella marbuta mat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15169

| | **Servizz Pubbliku** | | | **Settur Pubbliku** | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Modern Work Practices | Nisa | Irġiel | Total | Nisa | Irġiel | Total | **TOTAL** |
| Flexi time | 16 | 9 | 25 | 0 | 0 | 0 | 25 |
| Flexi week | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 | 0 |
| Reduced hours | 11 | 1 | 12 | 0 | 0 | 0 | 12 |
| Extended remote working | 31 | 14 | 45 | 0 | 0 | 0 | 45 |
| Remote Working | 33 | 30 | 63 | 2 | 1 | 3 | 66 |
| Total | 91 | 54 | 145 | 2 | 1 | 3 | 148 |

** Tabella marbuta mat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 15445

| **Sena** | **Studenti** | **Tfal** | **Adulti** | **Konċessjoni (anzjani u persuni b'diżabilità)** | **Għawdex** | **Total** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **2016** | 34,919 | 11,577 | 136,770 | 73,356 | 7,703 | 264,325 |
| **2017** | 42,114 | 12,982 | 164,759 | 75,837 | 8,206 | 303,898 |
| **2018** | 50,518 | 14,315 | 197,527 | 78,102 | 8,690 | 349,152 |
| **2019** | 62,124 | 15,512 | 230,623 | 80,104 | 9,066 | 397,429 |
| **2020** | 67,831 | 15,973 | 245,447 | 81,295 | 9,288 | 419,834 |
| **2021** | 69,277 | 9,055 | 228,556 | 106,217 | 9,474 | 422,579 |
| **2022** | 81,981 | 7,826 | 270,015 | 109,643 | 10,202 | 479,667 |
| **2023** | 91,870 | 4,144 | 321,969 | 112,905 | 11,052 | 541,940 |